C/2025/3767

17.9.2025

P9_TA(2024)0341

Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031, 2017/625 u 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE, 2002/57/KE, 2008/72/KE u 2008/90/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti) (COM(2023)0414 – C9-0236/2023 – 2023/0227(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(C/2025/3767)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0414),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0236/2023),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2023 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0149/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C, C/2024/1583, 5.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1583/oj.

P9_TC1-COD(2023)0227

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-24 ta' April 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 *u (UE)*, 2017/625 ~~u 2018/848 u 2017/625~~ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE, 2002/57/KE, 2008/72/KE u 2008/90/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti) [Em. 1]

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

***Wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bdiewa u Persuni Oħra li Jaħdmu f'Żoni Rurali, adottata mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-28 ta' Settembru 2018,* [Em. 2]**

Filwaqt li jaġixxu f'konformità l-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-regoli għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti ("PRM") tal-għelejjel agrikoli, tal-ħxejjex, tad-dwieli u tal-pjanti tal-frott ilhom stabbiliti fil-livell tal-Unjoni mis-snin sittin. Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM fit-territorju tal-Unjoni huma rregolati bid-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE ([2]); 66/402/KEE ([3]); 68/193/KEE ([4]); 2002/53/KE ([5]); 2002/54/KE ([6]); 2002/55/KE ([7]); 2002/56/KE ([8]); 2002/57/KE ([9]); 2008/72/KE ([10]) u 2008/90/KE ([11]) (id-"Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM"). Dawn l-atti legali ffurmaw il-qafas legali għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM u, għalhekk, kienu ta' importanza kbira għall-ħolqien tas-suq intern tal-PRM fl-Unjoni.

(2) Il-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqin mill-Kummissjoni fl-2013 u fl-2023 ikkonfermaw li dawk id-Direttivi kellhom impatt sinifikanti fuq il-moviment liberu, fuq id-disponibbiltà u fuq il-kwalità għolja tal-PRM fis-suq tal-Unjoni u, b'hekk, iffaċilitaw il-kummerċ tal-PRM fl-Unjoni.

(3) Madankollu, ir-regoli dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM jeħtieġ li jiġu adattati għall-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi fl-oqsma tat-tekniki tal-produzzjoni agrikola u ortikulturali u tat-tnissil tal-pjanti. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni jeħtieġ li tiġi aġġornata fuq il-bażi tal-bidliet fl-istandards internazzjonali u tal-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tad-Direttivi dwar il-PRM. Dawk ir-regoli jeħtieġ li jiġu ċċarati sabiex tiġi ffaċilitata implimentazzjoni aktar armonizzata. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM jiġu ssostitwiti b'Regolament uniku dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM fl-Unjoni.

([1]) ĠU C, C/2024/1583, 5.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1583/oj.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298).
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309).
([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-marketing ta' materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja (ĠU L 93, 17.4.1968, p. 15).
([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1).
([6]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12).
([7]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33).
([8]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju tal-2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60).
([9]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74).
([10]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żrigħ, barra ż-żerriegħa (ĠU L 205, 1.8.2008, p. 28).
([11]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott (ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8).

(4) Il-PRM jikkostitwixxi l-materjal tal-bidu għall-produzzjoni tal-pjanti fl-Unjoni. Għalhekk, huwa kritiku għall-produzzjoni tal-materja prima għal skopijiet ta;-ikel u ta;-għalf u għall-użu effiċjenti tar-riżorsi tal-pjanti. ***Huwa għandu l-għan li*** jikkontribwixxi għall-ħarsien tal-ambjent u għall-kwalità tal-katina alimentari u tal-provvista tal-ikel fl-Unjoni kollha kemm hi. F'dan ir-rigward, id-disponibbiltà ta' kwalità ***għolja*** u d-diversità tal-PRM***, inklużi l-varjetajiet adattati lokalment li jista' jkollhom il-benefiċċju li jkollhom tolleranza ogħla għall-istress bijotiku u abjotiku,*** jidhru li huma ta' importanza kbira sabiex tinkiseb it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli mitlubin fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt ([12]), fl-agrikoltura, fl-ortikultura, fil-ħarsien tal-ambjent, fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u fl-adattament għalih, fis-sigurtà tal-ikel u tal-għalf u fl-ekonomija b'mod ġenerali. **[Em. 3]**

(5) Għalhekk, sabiex tinkiseb din it-tranżizzjoni għal sistemi tal-ikel sostenibbli, jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tqis il-ħtieġa li***, fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni,*** tiġi żgurata l-adattabilità tal-produzzjoni tal-PRM għall-kundizzjonijiet agrikoli, ortikulturali u ambjentali li qegħdin jinbidlu, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tibdil fil-klima, sabiex tiġi protetta***, irrestawrata u promossa*** ~~u rrestawrata~~ l-bijodiversità ***u tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel,*** u biex jintlaħqu l-aspettattivi dejjem akbar tal-bdiewa u tal-konsumaturi relatati mal-kwalità***, mas-sikurezza, mad-diversità*** u mas-sostenibbiltà tal-PRM. ***Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistimula l-innovazzjoni għall-iżvilupp ta' PRM reżiljenti li jikkontribwixxi għat-titjib tal-għelejjel li jippromwovu s-saħħa tal-ħamrija.*** **[Em. 4]**

(6) Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikopri biss il-PRM ta' ċerti ġeneri u speċijiet ta' importanza ekonomika u soċjali akbar. Jenħtieġ li dik l-importanza tiġi vvalutata skont jekk dawn il-ġeneri u l-ispeċijiet jirrappreżentawx qasam sinifikanti ta' produzzjoni u ta' valur fl-Unjoni, skont ir-rwol tagħhom għas-sigurtà tal-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf fl-Unjoni, u skont jekk ikunux kummerċjalizzati f'tal-anqas żewġ Stati Membri. Dak il-qasam ta' produzzjoni u ta' valur jista' jikkonċerna diversi aspetti tekniċi. Skont iċ-ċirkostanzi, jista' jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' fatturi bħad-daqs totali tal-art produttiva f'diversi żoni differenti tal-Unjoni, il-valur tal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM fir-rigward ta' setturi speċifiċi, jew id-domandi għal dawk l-ispeċijiet mill-bdiewa, mill-utenti finali u mill-industrija.

(7) Jenħtieġ li dawk il-ġeneri u l-ispeċijiet jiġu elenkati u kklassifikati skont l-użu maħsub tagħhom, jiġifieri bħala għelejjel agrikoli, ħxejjex, pjanti tal-frott jew dielja. Dik il-klassifikazzjoni hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat approċċ proporzjonat, peress li xi speċijiet huma importanti biss għal ċerti użi.

(8) Barra minn hekk, xi varjetajiet jista' jkollhom ċerti karatteristiċi li, meta jiġu kkultivati f'ċerti kundizzjonijiet, jista' jkollhom effetti agronomiċi mhux mixtieqa li jimminaw l-objettiv tar-Regolament ta' kontribut għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola. Dan l-objettiv jista' jinkiseb biss jekk varjetajiet bħal dawn ikunu soġġetti għal kundizzjonijiet xierqa ta' kultivazzjoni li fihom jiġu evitati dawk l-effetti agronomiċi mhux mixtieqa. Jenħtieġ li dawk il-kundizzjonijiet japplikaw għall-kultivazzjoni ta' dawk il-varjetajiet għall-produzzjoni tal-ikel, tal-għalf jew tal-materjali industrijali u mhux biss meta jkunu maħsubin għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri l-kundizzjonijiet li fihom jiġu kkultivati dawk il-varjetajiet, anki għall-produzzjoni tal-ikel, tal-għalf jew ta' prodotti oħrajn.

(9) Jenħtieġ li l-PRM jiġi ddefinit b'mod komprensiv, inklużi l-impjanti kollha li kapaċi jipproduċu pjanti sħaħ u li jkunu maħsubin għal dan l-għan. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri ż-żrieragħ kif ukoll kull forma oħra ta' pjanti fi kwalunkwe stadju tat-tkabbir, li jistgħu jipproduċu pjanti sħaħ u li jkunu maħsubin għal dan l-għan.

(10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix il-materjal riproduttiv tal-foresti minħabba l-karatteristiċi partikolari tiegħu, u l-kunċetti u t-terminoloġija applikabbli li huma differenti ħafna. Għal din ir-raġuni, il-materjal riproduttiv tal-foresti huwa soġġett għal att legali separat, u primarjament għar-Regolament (UE).../… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) ([14]).

([12]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM(2020) 381 final).

([13]) Ir-Regolament (UE).../… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill …. (ĠU…., p….).

([14]) ĠU: Jekk jogħġbok fit-test daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument (… (COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

(11) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix il-materjal ta' propagazzjoni ta' pjanti ornamentali, minħabba li wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati ġie konkluż li d-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE ([15]) għadha tkopri l-ħtiġijiet ta' dak is-settur b'mod adegwat.

(12) Jenħtieġ li dan ir-Regolament la ma jkopri l-PRM esportat lejn pajjiżi terzi, u lanqas il-PRM ~~użat biss~~***mibjugħ jew ittrasferit fi kwalunkwe mod*** għall-ittestjar uffiċjali, għat-tnissil, għall-ispezzjonijiet, għall-wirjiet jew għal skopijiet xjentifiċi***, inkluża riċerka fl-azjendi agrikoli***. Dan minħabba li kategoriji bħal dawn ta' PRM ma jeħtiġux identità jew standards ta' kwalità armonizzati partikolari u ma jikkompromettux l-identità u l-kwalità ta' PRM ieħor ikkummerċjalizzat fl-Unjoni. **[Em. 5]**

(13) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix il-PRM mibjugħ jew ittrasferit b'xi mod ieħor, kemm jekk mingħajr ħlas kif ukoll jekk le, bejn kwalunkwe persuna għall-użu privat tagħha stess u barra min-negozju tagħha. Ikun sproporzjonat li jiġu stabbiliti regoli għal użu bħal dan tal-PRM, peress li dan it-tip ta' trasferiment normalment ikun limitat għal ammonti żgħar ħafna, ma jkollu l-ebda skop kummerċjali u jkun ristrett għal attivitajiet privati.

(13a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix il-PRM aċċessat, mibjugħ jew ittrasferit bi kwalunkwe mod fi kwantitajiet limitati kif definit fl-Anness VIIa, kemm jekk mingħajr ħlas kif ukoll jekk le, għall-iskop ta' konservazzjoni dinamika peress li dak it-tip ta' PRM ma jirrikjedix identità jew standards ta' kwalità armonizzati partikolari u ma jikkompromettix l-identità u l-kwalità ta' PRM ieħor ikkummerċjalizzat fl-Unjoni. **[Em. 6]**

(14) Sabiex ikunu jistgħu jsiru għażliet informati mill-utenti, jenħtieġ li l-PRM jiġi prodott u kkummerċjalizzat biss jekk ikun jappartjeni għal varjetajiet irreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet.

(15) Madankollu, xieraq li s-salvaġġ jiġi eżentat, meta jkun meħtieġ, mir-rekwiżit li jkun jappartjeni għal varjetà, peress li għalkemm huwa ta' valur sinifikanti, spiss ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' varjetà.

(16) Sabiex jiġu żgurati l-identità, il-kwalità u t-trasparenza u sabiex ikunu jistgħu jsiru għażliet informati mill-utenti, jenħtieġ li bħala regola ġenerali l-PRM jiġi prodott jew kkummerċjalizzat taħt kategoriji predefiniti. Jenħtieġ li dawk il-kategoriji jirriflettu stadji ta' ġenerazzjoni u livelli ta' kwalità differenti, u, fuq il-bażi tat-terminoloġija stabbilita internazzjonalment, għandhom jissejħu żerriegħa "prebażika", "bażika", "iċċertifikata" u "standard", u materjal "prebażiku", "bażiku", "iċċertifikat" u "standard", fil-każ tal-PRM li ma jkunx żrieragħ, u.

(17) Jenħtieġ li l-PRM ta' kull waħda minn dawk il-kategoriji jiġi prodott u kkummerċjalizzat f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli, sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell possibbli ta' identifikazzjoni u ta' kwalità tiegħu, u sabiex ikun allinjat mal-aħħar żviluppi tekniċi u xjentifiċi. Dawk l-istandards jenħtieġ li jinkludu, kif applikabbli, l-Iskemi għaċ-Ċertifikazzjoni Varjetali jew għall-Kontroll taż-Żrieragħ li jimxu fil-Kummerċ Internazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi ([16]) ("Skemi taż-Żrieragħ tal-OECD"), l-istandards tal-patata taż-żrigħ tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE), u r-regoli dwar il-kampjunar taż-żrieragħ u l-ittestjar tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Ittestjar taż-Żrieragħ (ISTA).

(18) F'konformità ma' dawk l-istandards, jenħtieġ li l-konformità tal-PRM mar-rekwiżiti għall-kategoriji prebażiċi, bażiċi jew iċċertifikati tiġi kkonfermata permezz ta' spezzjonijiet, kampjunar, ittestjar u ttestjar b'roqgħa tal-kontroll uffiċjali mwettqin mill-awtoritajiet kompetenti ("ċertifikazzjoni uffiċjali") u jenħtieġ li tiġi attestata b'tikketta uffiċjali.

(18a) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll regoli għall-produzzjoni in vitro tal-kloni u l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom. **[Em. 7]**

(19) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-kloni~~, tal-kloni~~ magħżulin, ~~tat-tablitiet multiklonali~~ u tal-PRM poliklonali, minħabba l-importanza u l-użu akbar ~~tagħhom~~***tiegħu*** fis-settur tal-PRM. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, l-għażliet informati għall-utenti tagħhom u l-kontrolli uffiċjali effettivi, jenħtieġ li l-kloni ***magħżula u l-PRM poliklonali*** jiġu rreġistrati f'reġistru pubbliku speċjali stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti. ~~Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll regoli għaż-żamma tal-kloni sabiex jiġu żgurati l-preservazzjoni u l-identifikazzjoni tagħhom.~~ **[Em. 8]**

(20) L-operaturi professjonisti jenħtieġ li jkunu awtorizzati mill-awtorità kompetenti sabiex iwettqu ċertifikazzjoni taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-PRM li jappartjeni għal ċerti speċijiet u kategoriji u jistampaw it-tikketta uffiċjali. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għas-superviżjoni uffiċjali rispettiva mill-awtorità kompetenti u għall-irtirar ta' dik l-awtorizzazzjoni jew għall-modifika tagħha. Dawk ir-regoli huma neċessarji sabiex jiġi żgurat li s-sistema kollha ta' ċertifikazzjoni taħdem b'mod effettiv.

([15]) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-marketing tal-materjali tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentali (ĠU L 226, 13.8.1998, p. 16).

([16]) Decision Revising the OECD Schemes for the Varietal Certification or the Control of Seed Moving in International Trade [OECD/LEGAL/0308] ("Skemi tal-OECD dwar iż-Żrieragħ").

(21) Sabiex jiġu żgurati l-purità u l-omoġeneità massimi possibbli tal-PRM, jenħtieġ li l-PRM jinżamm f'lottijiet separati, u separat minn materjal ieħor differenti mill-PRM, bħall-ħbub għall-ikel jew għall-għalf.

(22) Fid-dawl tad-diversità kbira tal-PRM, jenħtieġ li l-operaturi professjonisti jkunu jistgħu jikkummerċjalizzaw il-lottijiet tal-PRM fil-forma ta' pjanti, ta' pakketti, ta' gzuz jew ta' kontenituri individwali, jew bl-ingrossa.

(23) Jenħtieġ li jiġu adottati regoli għat-tikkettar tal-PRM sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni xierqa ta' dak il-materjal għal kull kategorija permezz tal-attestazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti rispettivi dwar iż-żerriegħa u l-materjal prebażiċi, bażiċi, iċċertifikati u standard.

(24) Fil-każ ta' żerriegħa u ta' materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati, jenħtieġ li tinħareġ tikketta uffiċjali mill-awtorità kompetenti, filwaqt li għal żerriegħa jew għal materjal standard jenħtieġ li tinħareġ tikketta tal-operatur. Dan huwa meħtieġ sabiex issir distinzjoni bejn il-PRM soġġett għal ċertifikazzjoni (ċertifikazzjoni uffiċjali jew ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali) u l-PRM prodott taħt ir-responsabbiltà tal-operatur professjonist. Il-ħruġ ta' tikketta speċifika għandu l-għan li tiffaċilita għażliet informati mill-operaturi professjonisti u mill-konsumaturi li jaf ikunu jixtiequ jagħżlu PRM ta' standards differenti. Tkun tiffaċilita wkoll il-ħidma tal-awtoritajiet kompetenti fit-tfassil tal-kontrolli uffiċjali tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti rispettivi ta' kull kategorija.

(25) Jenħtieġ li t-tikketta uffiċjali tiġi stampata u titwaħħal mill-operaturi professjonisti awtorizzati u taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti. Madanakollu, u billi ċerti operaturi professjonisti jaf ma jkollhomx ir-riżorsi sabiex iwettqu l-attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni kollha u jistampaw tikketti uffiċjali, jenħtieġ li jkun previst li kwalunkwe stadju taċ-ċertifikazzjoni jkun jista' jitwettaq mil l-awtoritajiet kompetenti meta jitolbuhom l-operaturi professjonisti.

(26) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-kontenut u l-forma tat-tikketta uffiċjali u tat-tikketta tal-operatur, sabiex jiġu żgurati applikazzjoni uniformi tar-rekwiżiti rispettivi tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni għal kull kategorija u għall-identifikazzjoni ta' dawk it-tikketti.

(27) Jenħtieġ li kull tikketta uffiċjali u kull tikketta tal-operatur jkun fihom numru tas-serje, sabiex jiġu ggarantiti l-identifikazzjoni u t-traċċabilità xierqa tal-PRM ikkonċernat u l-effettività tal-kontrolli uffiċjali.

(28) Id-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM u l-prattika u l-istandards internazzjonali jirrikjedu li ż-żrieragħ li jappartjenu għal ċerti speċijiet jiġu prodotti u kkummerċjalizzati biss bħala żrieragħ prebażiċi, bażiċi jew iċċertifikati, minħabba l-importanza tagħhom għas-sigurtà tal-ikel u għall-ipproċessar industrijali, u għall-protezzjoni tal-interessi tal-bdiewa li jużawhom. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li ċerti żrieragħ jiġu prodotti u kkummerċjalizzati biss bħala żrieragħ prebażiċi, bażiċi jew ċertifikati, jekk il-kostijiet għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom ikunu proporzjonati għall-iskop li tiġi żgurata żerriegħa ta' kwalità għall-bdiewa, għas-sigurtà tal-ikel u tal-għalf, jew ikunu proporzjonati għall-iskop li jiġi żgurat valur għoli tal-ipproċessar industrijali. Jenħtieġ li dawk il-kostijiet ikunu proporzjonati wkoll għall-ilħuq tal-oġħla standards li jikkonċernaw l-identità u l-kwalità taż-żerriegħa, f'konformità mar-rekwiżiti għal żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' dawk l-ispeċijiet ta' żrieragħ li għalihom iż-żerriegħa tista' tiġi prodotta u kkummerċjalizzata biss bħala żrieragħ prebażiċi, bażiċi jew iċċertifikati.

(29) Iż-żrieragħ spiss jiġu kkummerċjalizzati f'taħlitiet varjetali tal-istess speċi jew f'taħlitiet ta' speċijiet. Madankollu, jenħtieġ li ż-żrieragħ tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet, koperti minn dan ir-Regolament, jitħallew jiġu prodotti u kkummerċjalizzati f'taħlitiet biss b'żrieragħ tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet koperti minn dan ir-Regolament. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li jiġu rrispettati l-istandards tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni rispettivi. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jippermettu l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' taħlita ta' żrieragħ koperta minn dan ir-Regolament, ma' żrieragħ li ma jappartjenux għal ġeneri jew għal speċijiet koperti minn dan ir-Regolament, għall-iskopijiet tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi u tal-preservazzjoni tal-ambjent naturali. Dan minħabba li dawk l-ispeċijiet huma dawk l-aktar adattati għall-iskop ta' dik il-preservazzjoni. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar dawk it-taħlitiet sabiex jiġu żgurati l-identità u l-kwalità tagħhom.

(30) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti dwar l-imballaġġ mill-ġdid u t-tikkettar mill-ġdid ta' żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata, sabiex jiġi ggarantit li l-identità u l-kwalità tal-PRM rispettiv mhux se jkunu soġġetti għal tibdil matul dawk l-operazzjonijiet.

(31) Jenħtieġ li jsiru testijiet b'roqgħa ta' kontroll sabiex jiġu vverifikati l-identità u l-purità varjetali tal-lottijiet taż-żrieragħ individwali. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi dwar dawk it-testijiet fuq żerriegħa prebażika, bażika, iċċertifikata u standard, fuq il-bażi tal-istandards internazzjonali applikabbli u tal-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tad-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM.

(32) Ċerti tipi ta' varjetajiet ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti dwar id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà. Madankollu, huma importanti għall-konservazzjoni u għall-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti***, li huma kruċjali għad-diversità ġenetika tal-għelejjel u essenzjali għall-adattament għall-bidliet ambjentali u għall-ħtiġijiet futuri***. Tradizzjonalment jitkabbru jew jiġu prodotti varjetajiet ġodda prodotti lokalment f'kundizzjonijiet lokali speċifiċi u dawn jiġu adattati għal dawk il-kundizzjonijiet. Huma kkaratterizzati, b'mod partikolari, minn uniformità mnaqqsa minħabba l-livell ~~għoli~~***sodisfaċenti*** ta' diversità ġenetika u fenotipika bejn unitajiet riproduttivi individwali. Dawk il-varjetajiet jissejħu "varjetajiet ta' konservazzjoni"***. Huwa xieraq li jiġi rikonoxxut li l-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi huwa proċess dinamiku u li jenħtieġ li jiġu inklużi varjetajiet imrobbija ġodda adattati għall-kundizzjonijiet lokali***. Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk il-varjetajiet jikkontribwixxu għall-objettivi tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u għall-Agrikoltura sabiex jippromwovu l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u għall-agrikoltura ([17]). Bħala parti għat-Trattat, l-Unjoni ħadet impenn li ssostni dawk l-objettivi. **[Em. 9]**

(33) Fid-dawl ta' dawk il-karatteristiċi speċjali tal-varjetajiet ta' konservazzjoni, u permezz ta' deroga mir-rekwiżiti stabbiliti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM li jappartjeni għalihom jenħtieġ li jkunu permessi fil-qafas ta' rekwiżiti anqas stretti. Dak l-objettiv huwa allinjat mal-prinċipji tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u b'mod partikolari, mal-prinċipju tal-protezzjoni tal-bijodiversità. Għalhekk, huwa xieraq li dak il-materjal jitħalla jikkonforma mar-rekwiżiti għal materjal standard għall-ispeċijiet ikkonċernati. Għalhekk, jenħtieġ li l-PRM li jappartjeni għall-varjetajiet ta' konservazzjoni jiġi ttikkettat bl-indikazzjoni "Varjetajiet ta' konservazzjoni". Jenħtieġ li dawk il-varjetajiet jiġu rreġistrati wkoll, sabiex ikunu jistgħu jiġu kkontrollati mill-awtoritajiet kompetenti u jiġu ggarantiti l-għażliet informati għall-utenti tagħhom u l-effettività tal-kontrolli uffiċjali.

(34) L-esperjenza mill-applikazzjoni tad-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni wriet li l-utenti finali tal-PRM (ġardinara dilettanti u oħrajn) spiss ikunu interessati li jużaw PRM aktar divers li jwieġeb għal ħtiġijiet differenti, mingħajr ma neċessarjament ikollhom l-istess domandi relatati mal-kwalità bħall-operaturi professjonisti. Għalhekk, xieraq li jkun permess, b'deroga minn ċerti regoli, li l-PRM ikun jista' jiġi kkummerċjalizzat lill-utenti finali mingħajr ma jkollu jikkonforma mar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet u mingħajr ma jkollu jikkonforma mar-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni jew mar-rekwiżiti għall-materjal standard. Dik id-deroga hija meħtieġa sabiex tiġi żgurata varjetà usa' għall-offerta tal-konsumatur, filwaqt li jiġu rrispettati r-rekwiżiti ġenerali dwar il-kwalità. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' trasparenza u ta' kontroll aħjar, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għall-imballaġġ u għat-tikkettar tal-PRM maħsub għall-utenti finali biss. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-operaturi professjonisti li jużaw din id-deroga għall-kummerċjalizzazzjoni lill-utenti finali jinnotifikaw dik l-attività lill-awtoritajiet kompetenti.

(35) ~~Ħafna banek tal-ġeni,~~ organizzazzjonijiet u networks joperaw fl-Unjoni b'objettiv ~~li jikkonservaw ir-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti~~***għall-konservazzjoni dinamika***. Sabiex tiġi ffaċilitata l-attività tagħhom, xieraq li jkun permess li l-PRM li jiġi kkummerċjalizzat lilhom, ~~jew~~***minnhom, bejniethom u*** fosthom, jidderoga mir-rekwiżiti stabbiliti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni, u li minflok jikkonforma ma' regoli anqas stretti. **[Em. 10]**

(36) Il-bdiewa normalment jiskambjaw kwantitajiet żgħar ta' żrieragħ in natura ***jew għal kumpens monetarju*** sabiex iwettqu ġestjoni dinamika ~~taż-żerriegħa~~***tal-PRM*** tagħhom stess. Għalhekk, xieraq li tiġi pprovduta deroga mir-rekwiżiti stabbiliti għall-iskambji ta' kwantitajiet żgħar ta' ~~żrieragħ~~***PRM*** bejn il-bdiewa***, bi kwantitajiet massimi li għandhom jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni***. Deroga bħal din tista' tapplika jekk dawk ~~iż-żrieragħ~~***il-PRM*** ma jkunux jappartjenu għal varjetà li għaliha jkunu ngħataw drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) 2100/94 ([18]). Jenħtieġ li ~~l-Istati Membri jithallew jiddefinixxu dawk il-kwantitajiet żgħar għal speċijiet speċifiċi~~***s-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament, sabiex tistabbilixxi,*** għal kull ~~sena, sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda użu ħażin ta' deroga bħal din li jkollu impatt fuq il-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ~~***speċi, il-kwantità massima li tista' tiġi skambjata***. **[Em. 11]**

(37) Skont id-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, huma permessi derogi mir-rekwiżiti stabbiliti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM li jappartjenu għal varjetajiet li għadhom ma humiex irreġistrati; ta' varjetajiet li għadhom ma ġewx ittestjati kompletament; ta' żerriegħa li ma tikkonformax mar-rekwiżiti applikabbli li għandha ssir disponibbli malajr fis-suq; ta' żerriegħa li għadha ma ġietx iċċertifikata b'mod finali; ta' PRM li għandu jiġi awtorizzat temporanjament sabiex jindirizza diffikultajiet temporanji fil-provvista; u ta' PRM għat-twettiq ta'

([17]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/869/KE tal-24 ta' Frar 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura (ĠU L 378, 23.12.2004, p. 1).

([18]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità (ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1).

esperimenti temporanji sabiex jinstabu alternattivi aħjar għal ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar ir-rekwiżiti sabiex il-PRM ikun jappartjeni għal varjetà reġistrata u sabiex jiġu ssodisfati ċerti rekwiżiti ta' identità u ta' kwalità. Dawk id-derogi kienu utli u meħtieġa għall-operaturi professjonisti u għall-awtoritajiet kompetenti, mingħajr ma ħolqu problemi għas-suq intern tal-PRM. Għalhekk, jenħtieġ li jinżammu. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet dwar dawk id-derogi, sabiex jiġi żgurat li ma jintużawx ħażin u li ma jaffettwawx b'mod negattiv is-suq intern tal-PRM.

(38) L-użu tal-PRM li ma jagħmilx parti minn varjetà skont dan ir-Regolament, iżda pjuttost jappartjeni għal raggruppament ta' pjanti fi ħdan unità tassonomika botanika unika, b'livell għoli ta' diversità ġenetika u fenotipika bejn unitajiet riproduttivi individwali ("materjal eteroġenu"), jista' jkollu benefiċċji speċjalment fil-produzzjoni organika u fl-agrikoltura b'input baxx, permezz tat-titjib tar-reżiljenza u ż-żieda tad-diversità ġenetika fi ħdan l-ispeċi ta' pjanti kkultivati. Għalhekk, il-PRM ta' materjal eteroġenu***, bl-eċċezzjoni ta' pjanti tal-għalf,*** jenħtieġ li jitħalla jiġi prodott u kkummerċjalizzat mingħajr ma jkollu jikkonforma mar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet u mar-rekwiżiti l-oħrajn tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' dak il-materjal. **[Em. 12]**

(38a) Il-materjal eteroġenu ma jikkonsistix f'OĠM jew fi pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 jew tal-kategorija 2 kif iddefinita fir-Regolament (UE)…/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [19] [+] ***[ir-Regolament dwar l-NGT].*** **[Em. 13]**

(39) Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni tal-PRM jeħtieġ li jikkonformaw mal-ogħla standards possibbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-importazzjoni tal-PRM minn pajjiżi terzi tkun permessa biss jekk valutazzjoni tal-identità u tal-istandards ta' kwalità applikabbli tagħhom u tas-sistema ta' ċertifikazzjoni tistabbilixxi li PRM bħal dan jissodisfa r-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni. Jenħtieġ li valutazzjoni bħal din tkun ibbażata fuq eżami bir-reqqa tal-informazzjoni pprovduta mill-pajjiż terz u tal-leġiżlazzjoni rilevanti tiegħu. Jenħtieġ li tkun ibbażata wkoll fuq l-eżitu sodisfaċenti ta' awditu mwettaq mill-Kummissjoni fil-pajjiż terz rispettiv, meta dak l-awditjar jitqies meħtieġ mill-Kummissjoni.

(40) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar it-tikkettar u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-PRM importat għall-iskopijiet tal-identifikazzjoni, tat-traċċabilità u tal-għażliet informati xierqa tiegħu mill-utenti tiegħu u sabiex ikunu jistgħu jsiru kontrolli uffiċjali.

(41) Sabiex ikunu żgurati t-trasparenza u kontrolli aktar effettivi fuq il-produzzjoni u fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, jenħtieġ li l-operaturi professjonisti jkunu reġistrati. Xieraq li jirreġistraw fir-reġistri stabbiliti mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [20], sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għal dawk l-operaturi professjonisti. Dan huwa proporzjonat ukoll minħabba li l-maġġoranza l-kbira tal-operaturi professjonisti li jipproduċu u jikkummerċjalizzaw il-PRM diġà huma rreġistrati fir-reġistri tal-operaturi professjonisti ta' dak ir-Regolament.

(42) Jenħtieġ li jiġu introdotti obbligi speċifiċi ***u proporzjonati*** għall-operaturi professjonisti attivi fil-qasam tal-produzzjoni ***bil-ħsieb għall-kummerċjalizzazzjoni*** u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, sabiex jiġu żgurati r-responsabbiltà tagħhom, kontrolli uffiċjali aktar effettivi u l-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament. ***Madankollu, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet speċifiċi tal-mikrointrapriżi.*** **[Em. 14]**

(43) L-esperjenza wriet li l-affidabbiltà u l-kwalità tal-PRM kummerċjalizzat jistgħu jitqiegħdu fil-periklu meta jkun impossibbli li jiġi traċċat materjal li ma jikkonformax mal-istandards applikabbli. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita sistema komprensiva ta' traċċabilità li tippermetti l-irtirar mis-suq jew il-preżentazzjoni ta' informazzjoni lill-utenti tal-PRM jew tal-awtoritajiet kompetenti. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jkun obbligatorju li l-operaturi professjonisti jżommu l-informazzjoni u r-rekords dwar it-trasferimenti minn u lejn utenti professjonisti. Madankollu, żamma tar-rekords bħal din ma hijiex xierqa għall-kummerċjalizzazzjoni fil-livell tal-konsumatur.

---

[19] Ir-Regolament (UE)…/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill... (ĠU..., p....).

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tas-serje tar-Regolament li jinsab fid-dokument (... (COD)) u daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna n-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ELI għal dak ir-Regolament.

[20] Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

(44) Huwa importanti li jiġi żgurat li, bħala regola ġenerali, il-PRM kollu tal-ġeneri u tal-ispeċijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikun soġġett għar-reġistrazzjoni tal-varjetà li għaliha jappartjeni dak il-PRM, id-deskrizzjoni tal-varjetà u r-regoli korrispondenti.

(45) Jenħtieġ li l-varjetajiet jiġu rreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, sabiex jiġu żgurati għażliet informati mill-utenti tagħhom u kontrolli uffiċjali aktar effettivi.

(46) Jenħtieġ li r-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jinkludi żewġ tipi ta' varjetajiet: varjetajiet irreġistrati fuq il-bażi ta' deskrizzjoni uffiċjali, jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' distintività, ta' uniformità u ta' stabbiltà ("DUS"), u varjetajiet irreġistrati fuq il-bażi ta' deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni. L-eżistenza ta' dawk iż-żewġ deskrizzjonijiet differenti hija meħtieġa sabiex jiġu sseparati ż-żewġ kategoriji ta' varjetajiet, f'liema każ l-ewwel waħda hija bbażata fuq ir-riżultati tal-ittestjar tad-DUS, filwaqt li l-oħra hija bbażata fuq data storika dwar l-użu tal-varjetà u l-esperjenza prattika. Barra minn hekk, approċċ bħal dan jista' joffri l-informazzjoni meħtieġa dwar il-karatteristiċi tal-varjetajiet u l-identità tagħhom.

(47) Jenħtieġ li l-varjetajiet irreġistrati jiġu nnotifikati wkoll mill-awtoritajiet kompetenti permezz tal-Portal tal-UE dwar il-Varjetajiet tal-Pjanti lir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni, sabiex tiġi żgurata ħarsa ġenerali lejn il-varjetajiet kollha permessi għall-kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni.

(48) Il-varjetajiet li jittolleraw l-erbiċidi huma varjetajiet li trabbew sabiex ikunu tolleranti intenzjonalment għall-erbiċidi, sabiex jiġu kkultivati flimkien mal-użu ta' dawk l-erbiċidi. Jekk kultivazzjoni bħal din ma ssirx f'kundizzjonijiet xierqa, tista' twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal dawk l-erbiċidi, għat-tixrid ta' ġeni ta' reżistenza bħal dawn fl-ambjent jew għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati. Peress li dan ir-Regolament għandu l-għan li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet ~~jkunu~~***u l-Istati Membri fejn il-varjetajiet ikunu se jiġu kkultivati, ikunu*** jistgħu jagħmlu il-kultivazzjoni ta' dawk il-varjetajiet fit-territorju tagħhom soġġetta għall-kundizzjonijiet ta' kultivazzjoni xierqa sabiex jiġu evitati dawk l-effetti mhux mixtieqa. Barra minn hekk, meta l-varjetajiet ikollhom karatteristiċi partikolari, minbarra t-tolleranza għall-erbiċidi, li jista' jkollhom effetti agronomiċi mhux mixtieqa, jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għall-kundizzjonijiet ta' kultivazzjoni, sabiex jiġu indirizzati dawk l-effetti agronomiċi. Jenħtieġ li dawk il-kundizzjonijiet japplikaw għall-kultivazzjoni ta' dawk il-varjetajiet għal kwalunkwe skop, inklużi l-ikel, l-għalf u prodotti oħrajn, u mhux biss għal skopijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni tal-PRM. Dan huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament sabiex jikkontribwixxi għall-produzzjoni agrikola sostenibbli lil hinn mill-istadju tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM. **[Em. 15]**

(49) Sabiex jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola u jaqdu ħtiġijiet ekonomiċi, ambjentali u usa' tas-soċjetà, il-varjetajiet ġodda ~~tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet kollha~~ jenħtieġ li juru titjib meta mqabblin mal-varjetajiet l-oħrajn tal-istess ġeneri jew ma' speċijiet irreġistrati fl-istess reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, li jikkonċernaw ċerti aspetti ***agronomiċi, tal-użu u ambjentali***. Fost dawk l-aspetti hemm ir-rendiment tagħhom, inklużi l-istabbiltà tar-rendiment u r-rendiment f'kundizzjonijiet ta' input baxx; it-tolleranza/ir-reżistenza għal stress bijotiku, inkluż mard tal-pjanti kkawżat minn nematodi, minn fungi, minn batterji, minn viruses, minn insetti u minn pesti oħrajn; it-tolleranza/ir-reżistenza għal stress abijotiku, inkluż l-adattament għall-kundizzjonijiet tat-tibdil fil-klima; l-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi naturali, bħall-ilma u n-nutrijenti; il-ħtieġa mnaqqsa għall-inputs esterni, bħal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u fertilizzanti; il-karatteristiċi li jtejbu s-sostenibbiltà ***tal-kultivazzjoni, tal-ħsad,*** tal-ħżin, tal-ipproċessar ~~tt~~***,*** tad-distribuzzjoni ***u tal-użu***; u l-karatteristiċi tal-kwalità jew tan-nutrizzjoni ("valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli") ***jew karatteristiċi importanti għall-ipproċessar***. Sabiex titieħed deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-varjetà u sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà suffiċjenti sabiex jiġu rreġistrati l-varjetajiet bl-aktar karatteristiċi mixtiqin, jenħtieġ li dawk l-aspetti jitqiesu għal varjetà partikolari kollha kemm hi. ***Minħabba r-riżorsi sinifikanti u t-tħejjija meħtieġa għal dak l-eżami, għall-ispeċijiet elenkati fil-Partijiet B u C tal-Anness I, dan jenħtieġ li jitwettaq b'mod volontarju.*** **[Em. 16]**

(50) Peress li l-varjetajiet organiċi adatti għall-produzzjoni organika kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/848 huma kkaratterizzati minn livell għoli ta' diversità ġenetika u fenotipika bejn l-unitajiet riproduttivi individwali, huwa xieraq li r-reġistrazzjoni tagħhom tkun soġġetta għal DUS aġġustati, u b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti li jikkonċernaw l-uniformità. Barra minn hekk, sabiex varjetajiet bħal dawn jiġu adattati aħjar għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-produzzjoni organika, jenħtieġ li l-eżami tagħhom tal-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli jitwettaq f'kundizzjonijiet organiċi.

(51) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv, il-varjetajiet li ngħataw dritt tal-varjetà tal-pjanta skont l-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94, jew skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, jenħtieġ li jitqiesu bħala distinti, uniformi u stabbli u li jkollhom denominazzjoni xierqa għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament.

(52) Il-proċedura ta' reġistrazzjoni tal-varjetà jenħtieġ li tiġi ddefinita b'mod preċiż, sabiex jiġu żgurati ċertezza legali għall-applikanti u għall-awtoritajiet kompetenti, u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-applikanti kollha. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-preżentazzjoni, il-kontenut, l-eżami formali u d-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet, l-eżamijiet tekniċi, l-awditjar tal-bini u tal-organizzazzjoni tal-awtorità kompetenti, ir-regoli addizzjonali dwar l-eżami tekniku, il-kunfidenzjalità, ir-rapport provviżorju tal-eżami u d-deskrizzjoni uffiċjali provviżorja, ir-rapport tal-eżami u d-deskrizzjoni uffiċjali finali, l-eżami tad-denominazzjoni ta' varjetà u d-deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta' varjetà fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet.

(53) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti u għall-applikanti, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jirreġistraw fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet tagħhom il-varjetajiet kollha aċċettati jew irreġistrati uffiċjalment, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, fil-katalogi, fil-listi jew fir-reġistri stabbiliti mill-Istati Membri rispettivi tagħhom skont id-Direttivi 2002/53/KE, 2002/55/KE, 2008/90/KE u 68/193/KEE. Peress li dawk il-varjetajiet diġà huma kkummerċjalizzati fl-Unjoni u jintużaw mill-bdiewa u minn operaturi professjonisti oħrajn, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal proċedura ġdida ta' reġistrazzjoni.

(54) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-eżami tekniku tal-varjetajiet, sabiex jiġi konkluż jekk ikunux distinti, uniformi u stabbli. Minħabba l-importanza ta' dak l-eżami għas-settur tat-tnissil tal-varjetà u l-fatt li dan iwassal għall-produzzjoni ta' deskrizzjoni uffiċjali, jenħtieġ li dak l-eżami tekniku jitwettaq biss mill-awtorità kompetenti.

(55) Madankollu, jenħtieġ li jkun hemm il-possibbiltà li jitwettaq l-eżami tekniku għall-valur sodisfaċenti għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli ta' varjetà fil-bini tal-applikant u taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti. Dan huwa meħtieġ sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-faċilitajiet tal-ittestjar u jitnaqqsu l-kostijiet għall-awtoritajiet kompetenti. Madankollu, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tkun responsabbli għall-arranġamenti tal-ittestjar. Barra minn hekk, l-operaturi professjonisti involuti fit-tnissil ta' varjetajiet ġodda, u fuq il-bażi tal-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet kompetenti, urew li huma kkwalifikati sabiex iwettqu eżamijiet bħal dawn peress li għandhom l-għarfien espert, l-għarfien u r-riżorsi xierqa rispettivi.

(56) Sabiex jiġu żgurati l-kredibbiltà u l-kwalità għolja tal-eżamijiet dwar id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà, il-bini tal-awtoritajiet kompetenti fejn iseħħu jenħtieġ li jiġi awditjat mill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti ("CPVO"). Il-bini tal-applikanti fejn l-eżami għall-valur sodisfaċenti għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli jsir taħt superviżjoni uffiċjali, jenħtieġ li jiġi awditjat mill-awtoritajiet kompetenti rispettivi, sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli.

(57) Jenħtieġ li l-perjodu tar-reġistrazzjoni ta' varjetà jkun ta' 10 snin, sabiex jitħeġġu l-innovazzjoni fis-settur tat-tnissil u t-tneħħija mis-suq ta' varjetajiet antiki u s-sostituzzjoni tagħhom b'oħrajn ġodda. Madankollu, jenħtieġ li dak il-perjodu jkun ta' 30 sena għall-varjetajiet ta' ġeneri jew ta' speċijiet ta' pjanti tal-frott u ta' dwieli ***u għal varjetajiet ta' konservazzjoni***, minħabba ż-żmien itwal meħtieġ sabiex jitlesta ċ-ċiklu produttiv ta' dawk il-ġeneri jew l-ispeċijiet. **[Em. 18]**

(58) Fuq talba ta' kwalunkwe persuna interessata, jenħtieġ li l-perjodu tar-reġistrazzjoni ta' varjetà jkun soġġett għal tiġdid, sabiex jippermetti l-kontinwazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti varjetajiet jekk tiġi stabbilita ħtieġa u dawn xorta jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli.

(59) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet f'konformità mal-prattiki aċċettati. Dan huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-identità varjetali matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni tagħha, li tista' tiġi żgurata biss jekk is-selezzjoni konservattiva tal-varjetà rispettiva titwettaq mill-applikant, jew minn persuni oħrajn innotifikati mill-applikant lill-awtorità kompetenti, skont ċerti rekwiżiti u soġġetti għal kontrolli uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti.

(60) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-kontenut tar-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet u tar-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni, u ż-żamma tal-kampjuni tal-varjetajiet irreġistrati ("kampjun uffiċjali" jew "kampjun standard") li hija deskrizzjoni ħajja tal-varjetà. Dan huwa importanti sabiex jiġu żgurati l-aċċessibbiltà għall-informazzjoni meħtieġa dwar il-varjetà, l-identifikazzjoni tagħha matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni tagħha u d-disponibbiltà ta' kampjuni standard għall-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll fil-kuntest taċ-ċertifikazzjoni tal-PRM.

(61) Jenħtieġ li d-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM jitħassru, peress li dan ir-Regolament jissostitwihom. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/2031 jiġi emendat sabiex jitneħħew ir-referenzi għal dawk id-Direttivi u sabiex jiġi żgurat li l-pesti regolati mhux ta' kwarantina ("RNQPs") ikunu regolati esklużivament b'dak ir-Regolament.

(62) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]) jiġi emendat sabiex fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jinkludi l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM f'konformità ma' dan ir-Regolament. Dan huwa importanti sabiex jiġi ggarantit approċċ uniformi fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali għall-produzzjoni tal-pjanti u tal-katina alimentari kollha, peress li r-Regolament (UE) 2017/625 japplika wkoll għall-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031, u tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]).

(63) F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u dwar l-azzjonijiet meħudin mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-PRM, b'mod partikolari sabiex tistabbilixxi regoli għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali fuq il-PRM għall-verifika tal-konformità mar-regoli tal-Unjoni, għall-importazzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni tal-PRM, u għall-attivitajiet tal-operaturi matul il-produzzjoni tal-PRM.

~~(64) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/848 jiġi emendat sabiex id-definizzjonijiet ta' "materjal riproduttiv tal-pjanti" u ta' "materjal eteroġenu" jiġu allinjati mad-definizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, is-setgħa għall-Kummissjoni li tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM ta' materjal eteroġenu organiku jenħtieġ li tiġi eskluża mir-Regolament (UE) 2018/848, peress li r-regoli kollha dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament għal raġunijiet ta' ċarezza legali.~~ **[Em. 19]**

(65) Sabiex tiġi adattata l-lista ta' ġeneri u ta' speċijiet ta' PRM, soġġetta għall-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, mal-iżviluppi relatati mas-sinifikat taż-żona u mal-valur tal-produzzjoni, mas-sigurtà tal-ikel/tal-għalf u mal-għadd tal-Istati Membri fejn jiġi kkultivat, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' dik il-lista.

(66) Sabiex ir-regoli dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM jiġu adattati għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi u għall-istandards internazzjonali applikabbli, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal u taż-żrieragħ prebażiċi, bażiċi, iċċertifikati u standard.

(67) Sabiex ir-regoli dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM tal-materjal eteroġenu jiġu adattati għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi, u filwaqt li titqies l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tar-regoli ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal eteroġenu.

(68) Sabiex il-kontenut tar-reġistri tal-varjetajiet jiġi adattat għall-iżviluppi tekniċi u għas-segwitu tal-esperjenza miksuba bir-reġistrazzjoni tal-varjetajiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-emendar tar-rekwiżiti li jikkonċernaw dak il-kontenut.

(69) Sabiex il-kultivazzjoni tal-varjetajiet tiġi adattata għall-iżvilupp tal-għarfien tekniku u xjentifiku, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-kundizzjonijiet tal-kultivazzjoni tal-varjetajiet li huma tolleranti għall-erbiċidi jew li għandhom karatteristiċi oħrajn li jistgħu jwasslu għal effetti agronomiċi mhux mixtieqa. Jenħtieġ li dawk il-kundizzjonijiet jinkludu miżuri fl-għalqa, bħan-newba tal-għelejjel; il-miżuri ta' monitoraġġ; in-notifika ta' dawk il-miżuri mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn; ir-rapportar mill-operaturi professjonisti lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri; u l-indikazzjonijiet ta' dawk il-kundizzjonijiet fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet.

([21]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

([22]) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

(70) Sabiex l-ittestjar u r-rekwiżiti għall-valur sostenibbli tal-kultivazzjoni u r-rekwiżiti tal-użu jiġu adattati għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi potenzjali, u l-iżvilupp possibbli ta' standards internazzjonali, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' ċerti elementi f'dan ir-Regolament. Dawk jikkonsistu fil-metodoloġiji meħtieġa għall-provi tat-tkabbir li għandhom jitwettqu bl-għan li jiġi vvalutat il-valur sostenibbli tal-kultivazzjoni u l-użu għal ċerti ġeneri jew speċijiet u jiġu adottati aktar rekwiżiti għalihom.

(71) Sabiex ir-regoli dwar id-denominazzjoni tal-varjetajiet jiġu adattati għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi, u jingħata segwitu għall-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi dwar l-adegwatezza tad-denominazzjonijiet ta' varjetà.

(72) Sabiex id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-eżamijiet tekniċi tal-varjetajiet jiġu adattati għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi u għall-ħtiġijiet prattiċi tal-awtoritajiet kompetenti u tal-operaturi professjonisti, u jingħata segwitu dwar l-esperjenza miksubin bl-applikazzjoni tar-regoli rispettivi, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti r-regoli dwar l-awditjar tal-bini tal-operaturi professjonisti sabiex iwettqu eżamijiet tekniċi għall-valur sodisfaċenti għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli.

(73) Sabiex id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-eżami għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli jiġu adattati għall-iżviluppi tekniċi jew xjentifiċi, u għal kwalunkwe politika jew regola ġdida tal-Unjoni dwar l-agrikoltura sostenibbli, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi għat-twettiq ta' dan l-eżami, filwaqt li jiġu stabbiliti l-metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-karatteristiċi eżaminati, għall-istabbiliment tal-istandards għall-evalwazzjoni u għar-rapportar tar-riżultati ta' dan l-eżami u għall-emendar tal-karatteristiċi eżaminati.

(74) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([23]). B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin mal-esperti tal-Istati Membri, u b'mod sistematiku l-esperti tagħhom ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(75) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([24]).

(76) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u sabiex jittejbu l-prestazzjoni tal-operaturi professjonisti u l-identità u l-kwalità tal-PRM prodott u kkummerċjalizzat minnhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-awditi, għat-taħriġ, għall-eżamijiet, għall-ispezzjonijiet, għall-kampjunar u għall-ittestjar, fir-rigward ta' ġeneri jew ta' speċijiet partikolari, għas-superviżjoni uffiċjali tal-operaturi professjonisti mill-awtoritajiet kompetenti.

(77) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament dwar l-immaniġġar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, u jiġu adattati r-regoli rispettivi għall-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta rekwiżiti speċifiċi għall-ispeċijiet kollha jew għal ċerti speċijiet tal-PRM, dwar l-amalgamazzjoni jew il-qsim tal-lottijiet rigward l-oriġini tal-lottijiet tal-PRM, l-identifikazzjoni tagħhom, ir-rekords dwar dik l-operazzjoni u t-tikkettar wara l-amalgamazzjoni jew il-qsim tal-lottijiet tal-PRM.

(78) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jingħata segwitu għall-esperjenza prattika miksuba bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu, u tittejjeb l-integrità tal-PRM kummerċjalizzat, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta rekwiżiti speċifiċi dwar l-issiġillar, l-irbit, id-daqs u l-forma tal-pakketti, tal-gzuz u tal-kontenituri ta' speċijiet speċifiċi tal-PRM.

([23]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([24]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13–18.

(79) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari fir-rigward tal-leġġibbiltà, tar-rikonoxxibbiltà u tas-sigurtà tat-tikketti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tikketti uffiċjali, it-tikketti użati għal ċerti derogi u t-tikketti użati għal xi tipi speċifiċi ta' PRM, u tistabbilixxi l-kontenut, id-daqs, il-kulur u l-forma ta' dawk it-tikketti għall-kategoriji jew għat-tipi rispettivi tal-PRM.

(80) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jingħata segwitu għal kwalunkwe esperjenza prattika miksuba bl-applikazzjoni tar-regoli rispettivi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-taħlitiet taż-żrieragħ.

(81) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni bl-imnut tal-PRM, u sabiex il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM issir prattika u xierqa kemm jista' jkun għal kull speċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta regoli dwar ir-rekwiżiti dwar id-daqs, il-forma, l-issiġillar u l-immaniġġar tal-pakketti żgħar għaż-żrieragħ u tal-pakketti u tal-gzuz għal PRM oħrajn ikkummerċjalizzati lill-utenti finali.

(82) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet urġenti fil-provvista tal-PRM, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tawtorizza, fil-każ ta' diffikultajiet temporanji fil-provvista tal-PRM, għal perjodu massimu ta' sena, il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM tal-kategoriji ta' materjal jew ta' żerriegħa prebażika, bażika jew iċċertifikata soġġetta għal rekwiżiti anqas stretti, jew għal deroga mir-rekwiżit li tkun tappartjeni għal varjetà, u fir-rigward tar-revoka u tal-emendar ta' dik l-awtorizzazzjoni.

(83) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u tiġi żgurata ċerta flessibbiltà lill-Istati Membri sabiex jadottaw miżuri nazzjonali adattati għall-kundizzjonijiet agroklimatiċi tagħhom u standards ta' kwalità ogħla, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tawtorizza lill-Istati Membri jadottaw, fir-rigward tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, rekwiżiti dwar il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni aktar stretti, fit-territorju kollu jew f'parti minnu tal-Istat Membru kkonċernat, u fir-rigward tar-revoka jew tal-emendar ta' miżuri bħal dawn adottati skont id-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM.

(84) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u jiġi żgurat rispons rapidu għal riskji immedjati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tieħu miżuri ta' emerġenza, meta l-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM x'aktarx li tikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għall-ambjent jew għall-kultivazzjoni ta' speċijiet oħrajn, u riskju bħal dan ma jkunx jista' jitrażżan b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħudin mill-Istat Membru kkonċernat, u fir-rigward tat-tħassir jew tal-emendar ta' kwalunkwe miżura bħal din meħuda minn Stat Membru.

(85) ***Jenħtieġ li s-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni*** sabiex ~~jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta'~~***tissupplimenta*** dan ir-Regolament~~, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tiddeċiedi~~ ***b'regoli speċifiċi*** dwar l-organizzazzjoni ta' esperimenti temporanji sabiex tfittex alternattivi mtejba għall-kamp ta' applikazzjoni u għal ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. **[Em. 20]**

(86) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-importazzjoni tal-PRM, u tiġi żgurata l-konformità tar-rekwiżiti tal-pajjiż terz mar-rekwiżiti ekwivalenti tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rikonoxximent ta' jekk PRM ta' ġeneri, ta' speċijiet jew ta' kategoriji speċifiċi prodott f'pajjiż terz, jew f'żoni partikolari ta' pajjiż terz, jissodisfax ir-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni, sabiex jiġi importat.

(87) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u sabiex tiġi żgurata s-selezzjoni konservattiva xierqa tal-varjetajiet irreġistrati f'pajjiżi terzi wkoll, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rikonoxximent li l-kontrolli fuq is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet imwettqin fil-pajjiż terz jagħtu l-istess garanziji bħal dawk stabbiliti fl-Unjoni.

(88) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u sabiex jiġu adattati d-dispożizzjonijiet tiegħu għall-protokolli applikabbli li jevolvu tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti (UPOV) jew għal protokolli stabbiliti mis-CPVO, u għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi rilevanti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta rekwiżiti speċifiċi dwar id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà għal kull ġeneru jew speċi ta' varjetajiet.

(89) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta regoli speċifiċi fir-rigward tad-daqs tal-kampjun standard ta' varjetajiet reġistrati użati għall-kontrolli uffiċjali ta' wara ta' PRM, ir-regoli għat-tiġdid ta' dawk il-kampjuni u l-provvista ta' dawk il-kampjuni lil Stati Membri oħrajn.

(90) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi żgurat approċċ armonizzat fir-rigward tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda, pjuttost, minħabba l-effetti, il-kumplessità u l-karattru internazzjonali tiegħu, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv. Minn din il-perspettiva, u kif ikun meħtieġ, huwa jintroduċi derogi jew rekwiżiti speċifiċi għal ċerti tipi ta' PRM u ta' operaturi professjonisti.

(91) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika minn 3 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi professjonisti jkunu jistgħu jadattaw għad-dispożizzjonijiet tiegħu u sabiex jipprovdi wkoll iż-żmien meħtieġ għall-adozzjoni tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni rispettivi. Madankollu, jenħtieġ li r-regoli dwar il-valur sodisfaċenti għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli tal-varjetajiet tal-ħxejjex u tal-pjanti tal-frott japplikaw minn 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Dak il-perjodu ta' żmien addizzjonali huwa meħtieġ għall-awtoritajiet kompetenti u għall-operaturi professjonisti sabiex jagħmlu t-tħejjijiet meħtieġa u jwettqu l-ewwel testijiet fl-għelieqi li jikkonformaw ma' dawk ir-regoli l-ġodda.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-produzzjoni ~~u għall-kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni tal-materjal~~***bl-għan li l-materjal*** riproduttiv tal-pjanti ("PRM") ***jiġi kkummerċjalizzat fl-Unjoni***, u b'mod partikolari r-rekwiżiti għall-produzzjoni tal-PRM fl-għalqa u f'siti oħrajn, il-kategoriji tal-materjal, ir-rekwiżiti dwar l-identità u l-kwalità, iċ-ċertifikazzjoni, it-tikkettar, l-imballaġġ, l-importazzjonijiet, l-operaturi professjonisti u r-reġistrazzjoni tal-varjetajiet. **[Em. 21]**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll ir-regoli dwar il-kundizzjonijiet ta' kultivazzjoni ta' ċerti varjetajiet ***li huma tolleranti għall-erbiċidi jew*** li jista' jkollhom effetti agronomiċi mhux mixtieqa, inkluża l-kultivazzjoni għal skopijiet lil hinn mill-produzzjoni u mill-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, għall-produzzjoni tal-ikel, tal-għalf u ta' prodotti oħrajn. **[Em. 22]**

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni u objettivi

1. Dan ir-Regolament japplika għall-ġeneri u għall-ispeċijiet elenkati għall-użi rispettivi msemmijin fil-Partijiet A sa E tal-Anness I.

Ir-rekwiżiti tiegħu jikkonċernaw, rispettivament, it-tipi kollha tal-PRM, iż-żrieragħ biss, jew materjal ieħor għajr iż-żrieragħ.

Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-produzzjoni ***jew l-importazzjonijiet*** tal-PRM għandhom japplikaw biss ~~għall-produzzjoni~~ bil-ħsieb tal-kummerċjalizzazzjoni tiegħu ***fi ħdan l-Unjoni***. **[Em. 23]**

2. L-objettivi ta' dan ir-Regolament huma dawn li ġejjin:

(a) li jiżgura l-kwalità***, is-sikurezza*** u d-diversità tal-għażla għall-PRM, u d-disponibbiltà tiegħu għall-operaturi professjonisti***, għall-bdiewa*** u għall-utenti finali; **[Em. 24]**

(b) li jiżgura kundizzjonijiet ~~ekwivalenti~~***ġusti*** għall-kompetizzjoni tal-operaturi professjonisti madwar l-Unjoni u l-funzjonament tas-suq intern fil-PRM; **[Em. 25]**

(c) li jsostni l-innovazzjoni u l-kompetittività tas-settur tal-PRM fl-Unjoni;

(d) li jikkontribwixxi għall-konservazzjoni ***dinamika*** u għall-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u tal-agrobijodiversità; **[Em. 26]**

(e) li jikkontribwixxi għall-produzzjoni agrikola sostenibbli, adattata għall-kundizzjonijiet klimatiċi ***u tal-ħamrija*** attwali u dawk imbassrin għall-ġejjieni; **[Em. 27]**

(f) li jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel ***u għas-sovranità tal-ikel.*** **[Em. 28]**

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa f'konformità mal-Artikolu 75 sabiex tadotta atti delegati, temenda l-Anness I, bl-għan li ~~tadattalh~~***tadatta dak l-Anness*** għall-iżviluppi tal-għarfien tekniku u xjentifiku, u għad-data ekonomika dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ġeneri u tal-ispeċijiet, billi żżid ġeneri u speċijiet mal-lista ~~ta'~~ ***f'***dak l-Anness jew tneħħihom minnha. **[Em. 29]**

~~L-att delegat imsemmi~~***L-atti delegati msemmijin*** fl-ewwel subparagrafu ~~għandu jżid~~***għandhom iżidu*** ġeneri jew speċijiet mal-lista fl-Anness I jekk jissodisfaw tal-anqas tnejn mill-elementi li ġejjin: **[Em. 30]**

(a) jirrappreżentaw żona sinifikanti ta' produzzjoni tal-PRM u valur sinifikanti tal-PRM kummerċjalizzat fl-Unjoni

(b) ikunu ta' importanza sostanzjali għas-sigurtà tal-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf fl-Unjoni, meta mqabblin ma' ġeneri u ma' speċijiet oħrajn mhux elenkati f'dak l-Anness; u

(c) jiġu kkummerċjalizzati f'tal-anqas żewġ Stati Membri;

(ca) jippreżentaw interess f'termini ta' sostenibbiltà ambjentali. **[Em. 31]**

L-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jneħħi l-ġeneri jew l-ispeċijiet mil-lista fl-Anness I jekk ma jibqgħux jissodisfaw tal-anqas tnejn mill-elementi stabbiliti fit-tieni subparagrafu.

4. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-:

(a) materjal tal-propagazzjoni ta' pjanti ornamentali kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/56/KE***, u materjal tal-propagazzjoni ta' ġeneri jew speċijiet elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament li jintużaw esklużivament għal għanijiet ornamentali***; **[Em. 32]**

(b) materjal riproduttiv tal-foresti kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE).../… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]) ([26]) ***u materjal tal-propagazzjoni ta' ġeneri jew speċijiet elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament li jintużaw esklużivament għal skopijiet ta' forestrija***; **[Em. 33]**

(c) PRM prodott ***biss*** għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi; **[Em. 34]**

(d) PRM mibjugħ jew ittrasferit bi kwalunkwe mod, kemm jekk mingħajr ħlas kif ukoll bi ħlas, bejn l-utenti finali għall-użu privat tagħhom stess u barra mill-attivitajiet kummerċjali tagħhom;

(e) PRM ~~użat biss~~***mibjugħ jew ittrasferit bi kwalunkwe mod, b'xejn jew bi ħlas,*** għall-ittestjar uffiċjali, għat-tnissil, għall-ispezzjonijiet, għall-wirjiet jew għal skopijiet xjentifiċi~~.~~***, inkluż għal attivitajiet u riċerka fl-azjendi agrikoli mwettqa mill-banek tal-ġeni;*** **[Em. 35]**

(ea) il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM mill-organizzazzjonijiet u n-networks tal-konservazzjoni msemmija fl-Artikolu 29 fi kwantitajiet żgħar kif definiti fl-Anness VIIa, kemm jekk mingħajr ħlas kif ukoll jekk bi ħlas, għall-iskop ta' konservazzjoni dinamika; **[Em. 353]**

(eb) PRM prodott mill-bdiewa għall-użu tagħhom stess. **[Em. 37]**

([25]) Ir-Regolament (UE).../… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill …. (ĠU…., p….).

([26]) ĠU: Jekk jogħġbok fit-test daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument (… (COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "materjal riproduttiv tal-pjanti" ("PRM") tfisser pjanti kif definiti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, li kapaċi jipproduċu pjanti sħaħ, u huma maħsuba għal dan l-għan;

(2) "operatur professjonist" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika involuta professjonalment f'waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin fl-Unjoni rigward ~~il-PRM~~***l-esplojtazzjoni kummerċjali tal-PRM***: **[Em. 38]**

(a) il-produzzjoni;

(b) il-kummerċjalizzazzjoni;

(c) is-selezzjoni konservattiva ***jew il-multiplikazzjoni*** tal-varjetajiet; **[Em. 39]**

(d) il-forniment ta' servizzi għall-identità u għall-kwalità;

(e) il-preservazzjoni, il-ħżin, it-tnixxif, l-ipproċessar, it-trattament, l-imballaġġ, l-issiġillar, it-tikkettar, il-kampjunar jew l-ittestjar;

(3) "kummerċjalizzazzjoni" tfisser l-azzjonijiet ***kummerċjali*** li ġejjin imwettqin minn operatur ~~professjonist~~***professjonisti***: il-bejgħ, iż-żamma~~, it-trasferiment b'xejn~~, jew l-offerta għall-bejgħ***, inkluż il-bejgħ online,*** jew kwalunkwe mod ieħor ta' trasferiment jew ta' distribuzzjoni fl-Unjoni, jew l-importazzjoni fiha ***bl-għan li jkun hemm esplojtazzjoni kummerċjali tal-PRM;*** **[Em. 40]**

(4) "varjetà" tfisser varjetà kif definita fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 2100/94;

(5) "klonu" tfisser

(a) nisel individwali ta' pjanta, li oriġinarjament kien derivat minn pjanta individwali oħra b'riproduzzjoni veġetattiva, li jfisser li jibqa' ġenetikament identiku għal dik il-pjanta; jew

(b) nisel ġenetikament uniformi veġetattiv ta' pjanta individwali; **[Em. 41]**

(6) "klonu magħżul" tfisser klonu li jkun intgħażel għal xi karatteristiċi fenotipiċi intravarjetali speċjali u l-istatus fitosanitarju tiegħu li jagħtu lill-klonu magħżul prestazzjoni aħjar, jaqbel bis-sħiħ mad-deskrizzjoni tal-varjetà ~~li għaliha jappartjeni u, fil-każ tal-kloni magħżulin li ma jappartjenux għal varjetà, jaqbel bis-sħiħ mad-deskrizzjoni tal-ispeċi li~~***tad-dwieli u dawk l-ispeċijiet ta' siġar tal-frott li fihom tkun saret varjabbiltà intravarjetali, li għalihom*** jappartjeni ~~għaliha~~***l-klonu magħżul***; **[Em. 42]**

(7) "materjal riproduttiv tal-pjanti poliklonali" tfisser ***materjal ta' propagazzjoni miksub minn għażla ta'*** grupp ta' ~~diversi dixxendenti individwali distinti ta' pjanti derivati minn~~***tal-anqas seba'*** ġenotipi ~~differenti, li kull wieħed minnhom jirrispetta d-deskrizzjoni tal-varjetà li għaliha jappartjeni~~***bil-previżjoni ta' kisbiet ġenetiċi, magħmula permezz ta' għodod ġenetiċi kwantitattivi, mill-istess sett sperimentali ta' varjetà antika speċifika, li fih il-biċċa l-kbira tad-diversità intravarjetali tagħha***; **[Em. 43]**

~~(8) "taħlita multiklonali" tfisser taħlita tal-kloni magħżulin, li lkoll jappartjenu għall-istess varjetà jew speċi, kif xieraq, meta kull wieħed minnhom ikun inkiseb permezz ta' għażla indipendenti;~~ **[Em. 44]**

(9) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità ċentrali jew reġjonali ta' Stat Membru, jew, meta applikabbli, l-awtorità korrispondenti ta' pajjiż terz, responsabbli għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali, għar-reġistrazzjoni, għaċ-ċertifikazzjoni u għal attivitajiet uffiċjali oħrajn li jikkonċernaw il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, jew kwalunkwe awtorità oħra li lilha tkun ingħatat dik ir-responsabbiltà, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni;

(10) "deskrizzjoni uffiċjali" tfisser deskrizzjoni li tkun ġiet stabbilita minn awtorità kompetenti, li tinkludi l-karatteristiċi rilevanti tal-varjetà u li tagħmel il-varjetà identifikabbli bħala riżultat tal-eżami tad-distintività, tal-uniformità u tal-istabbiltà tagħha;

(11) "deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment" tfisser deskrizzjoni bil-miktub ta' varjetà ta' konservazzjoni, li tkun ġiet rikonoxxuta minn awtorità kompetenti, u li tinkludi l-karatteristiċi speċifiċi tal-varjetà, u tkun inkisbet b'mezzi oħrajn għajr l-eżami tad-distintività, tal-uniformità u tal-istabbiltà tagħha;

(12) "selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet" tfisser l-azzjonijiet meħudin għall-kontroll tal-purità u tal-identità tal-varjetà bl-għan li jiġi żgurat li ~~varjetà tibqa' konformi mad-deskrizzjoni tagħha~~***l-karatteristiċi tal-varjetà jibqgħu skont id-deskrizzjoni tagħhom*** dwar iċ-ċikli sussegwenti ta' riproduzzjoni; **[Em. 45]**

(13) "żrieragħ" tfisser żrieragħ fis-sens botaniku;

(14) "żerriegħa prebażika" tfisser żerriegħa li tappartjeni għall-ġenerazzjoni li tipprećedi l-ġenerazzjoni taż-żerriegħa bażika, hija maħsuba għall-produzzjoni u għaċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa bażika jew iċċertifikata, u li tkun instabet permezz ta' ċertifikazzjoni uffiċjali, jew ta' ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, li tissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti ~~fil-Parti A~~***fil-Partijiet A u D*** tal-Anness II; **[Em. 46]**

(15) "żerriegħa bażika" tfisser żerriegħa li tkun ġiet prodotta minn żerriegħa prebażika jew minn ġenerazzjonijiet preċedenti ta' żerriegħa bażika, hija maħsuba għall-produzzjoni ta' ġenerazzjonijiet ulterjuri ta' żerriegħa bażika jew ta' żerriegħa ċċertifikata, u li tkun instabet permezz ta' ċertifikazzjoni uffiċjali, jew ta' ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, li tissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti ~~fil-Parti A~~***fil-Partijiet A u D*** tal-Anness II; **[Em. 47]**

(16) "żerriegħa ċċertifikata" tfisser żerriegħa li tkun ġiet prodotta minn ġenerazzjonijiet prebażiċi, bażiċi jew preċedenti ta' żerriegħa ċċertifikata, u li tkun instabet permezz ta' ċertifikazzjoni uffiċjali, jew ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, li tissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti ~~fil-Parti A~~***fil-Partijiet A u D*** tal-Anness II; **[Em. 48]**

(17) "żerriegħa standard" tfisser żerriegħa, għajr żerriegħa prebażika, bażika jew iċċertifikata, li ma tkunx maħsuba għal multiplikazzjoni ulterjuri, u li tissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti ~~fil-Parti A~~***fil-Partijiet A u D*** tal-Anness III; **[Em. 49]**

(18) "materjal prebażiku" tfisser il-PRM, għajr iż-żrieragħ, li jappartjeni għall-ġenerazzjoni li tipprećedi l-ġenerazzjoni tal-materjal bażiku, huwa maħsub għall-produzzjoni u għaċ-ċertifikazzjoni tal-materjal bażiku jew iċċertifikat, u li jkun instab, permezz ta' ċertifikazzjoni jew ta' ċertifikazzjoni uffiċjali taħt superviżjoni uffiċjali, li jissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti ~~fil-Parti B~~***fil-Partijiet B, C u E*** tal-Anness II; **[Em. 50]**

(19) "materjal bażiku" tfisser il-PRM, għajr iż-żerriegħa, li jkun ġie prodott minn materjal prebażiku jew minn ġenerazzjonijiet preċedenti tal-materjal bażiku, huwa maħsub għall-produzzjoni u għaċ-ċertifikazzjoni ta' ġenerazzjonijiet ulterjuri tal-materjal bażiku jew tal-materjal iċċertifikat, u li jkun instab, permezz ta' ċertifikazzjoni jew ta' ċertifikazzjoni uffiċjali taħt superviżjoni uffiċjali, li jissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti ~~fil-Parti B~~***fil-Partijiet B, C u E*** tal-Anness II; **[Em. 51]**

(20) "materjal iċċertifikat" tfisser il-PRM, għajr iż-żerriegħa, li jkun ġie prodott minn ġenerazzjonijiet prebażiċi, bażiċi jew preċedenti tal-materjal iċċertifikat, u li jkun instab, permezz ta' ċertifikazzjoni jew ta' ċertifikazzjoni uffiċjali taħt superviżjoni uffiċjali, li jissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti ~~fil-Parti B~~***fil-Partijiet B, C u E*** tal-Anness II; **[Em. 52]**

(21) "materjal standard" tfisser il-PRM għajr iż-żerriegħa, u għajr il-materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat, li ma jkunx maħsub għall-multiplikazzjoni ulterjuri, u li jissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi stabbiliti ~~fil-Parti B~~***fil-Partijiet B, C u E*** tal-Anness III; **[Em. 53]**

(22) "ċertifikazzjoni uffiċjali" tfisser l-attestazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti tal-konformità taż-żerriegħa jew tal-materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat mar-rekwiżiti rispettivi ta' dan ir-Regolament, meta l-ispezzjonijiet rilevanti kollha fuq il-post, il-kampjunar u l-ittestjar, inkluż meta jkun xieraq l-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll, ikunu twettqu minn dik l-awtorità, u jekk din tkun ikkonkludiet li ż-żerriegħa jew il-materjal ikkonċernat jissodisfa dawk ir-rekwiżiti;

(23) "ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali" tfisser l-attestazzjoni minn operatur professjonist awtorizzat speċifikament li ż-żerriegħa jew il-materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli, u meta tal-anqas waħda jew aktar mill-ispezzjonijiet, il-kampjunar, l-ittestjar jew l-istampar tat-tikketti rilevanti jkunu twettqu minn dak l-operatur professjonist, taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti, u jekk din tkun ikkonkludiet li ż-żerriegħa jew il-materjal ikkonċernat jissodisfa dawk ir-rekwiżiti;

(24) "kategorija" ta' PRM tfisser grupp jew unità individwali ta' PRM li jikkwalifika bħala żerriegħa jew materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat jew standard u li jkun identifikabbli billi jikkonforma ma' rekwiżiti speċifiċi dwar l-identità u l-kwalità;

(25) "organiżmu ġenetikament modifikat" tfisser organiżmu ġenetikament modifikat kif definit fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([27]), eskluż l-organiżmi miksubin permezz tat-tekniki ta' modifika ġenetika elenkati fl-Anness IB tad-Direttiva 2001/18/KE;

(26) "lott" tfisser unità tal-PRM, identifikabbli mill-omoġeneità tal-kompożizzjoni u tal-oriġini tagħha;

([27]) Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li thassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2011, p. 1).

(27) "materjal eterożenu" tfisser raggruppament ta' pjanti f'unità tassonomika botanika unika tal-aktar grad baxx magħruf, li:

(a) jippreżenta karatteristiċi fenotipiċi komuni;

(b) ikun ikkaratterizzat minn livell għoli ta' diversità ġenetika u fenotipika bejn l-unitajiet riproduttivi individwali, sabiex dak ir-raggruppament ta' pjanti ikun irrappreżentat mill-materjal fl-intier tiegħu, u mhux minn numru żgħir ta' unitajiet;

(c) ma huwiex varjetà; u

(d) ma huwiex taħlita ta' varjetajiet;

(28) "utent finali" tfisser kwalunkwe persuna li takkwista, tittrasferixxi u tuża PRM għall-iskopijiet li jkunu barra mill-attivitajiet professjonali ***primarji*** ta' dik il-persuna; **[Em. 54]**

(29) "varjetà ta' konservazzjoni" tfisser varjetà li tkun:

(a) ~~imkabbra~~***jew razza lokali mkabbra*** tradizzjonalment jew ~~imrobbija~~***varjetà mrobbija*** għall-ewwel darba ~~f~~***(razza lokali moderna) derivata mill-għażla parteċipattiva fl-azjenda agrikola jew mrobbija għall-adattament għal*** kundizzjonijiet lokali ~~speċifiċi fl-Unjoni, u adattata għal dawk il-kundizzjonijiet~~***fil-kuntest tal-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u l-agrikoltura***; ~~u~~ **~~[Em. 55]~~**

(aa) mhux varjetà ibrida F1; **[Em. 56]**

(b) ikkaratterizzata minn livell ~~għoli~~***sodisfaċenti*** ta' diversità ġenetika u fenotipika bejn unitajiet riproduttivi individwali; **[Em. 57]**

(ba) ma tkunx soġġetta, b'mod ġenerali jew f'komponenti ġenetiċi, għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jillimitaw l-użu tiegħu għall-konservazzjoni, ir-riċerka, it-tnissil, l-edukazzjoni, inkluż fl-azjendi agrikoli minn bidwi li juża l-PRM imkabbar fl-azjendi agrikoli, ta' dik il-varjetà għal dawk l-objettivi; **[Em. 58]**

(30) "pesti ta' kwalità" tfisser pesti li jissodisfaw dan kollu li ġej:

(a) ma humiex pesti ta' kwarantina tal-Unjoni, pesti ta' kwarantina f'żona protetta, jew pesti regolati mhux ta' kwarantina ("RNQPs") skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/2031, u lanqas pesti soġġetti għall-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament;

(b) iseħħu matul il-produzzjoni jew il-ħżin tal-PRM; u

(c) il-preżenza tagħhom ikollha impatt ~~negattiv~~ inaċċettabbli fuq il-kwalità tal-PRM, u impatt ekonomiku inaċċettabbli fir-rigward tal-użu ta' dak il-PRM fl-Unjoni; **[Em. 59]**

(31) "prattikament ħieles mill-pesti ***ta' kwalità***" tfisser ~~kompletament ħieles mill-pesti, jew~~ sitwazzjoni li fiha l-preżenza ta' pesti ta' kwalità fl-PRM rispettiva tant tkun baxxa li dawk il-pesti ma jaffettwawx ~~b'mod negattiv~~***eċċessivament*** il-kwalità ta' dak l-PRM; **[Em. 60]**

(32) "patata taż-żrigħ" tfisser it-tuberi tas-Solanum tuberosum L., użati għar-riproduzzjoni ta' patata ~~oħra~~; **[Em. 61]**

(33) "bidwi" tfisser il-bidwi kif definit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]);

(34) "barra t-tip" tfisser, fir-rigward ta' żerriegħa jew ta' pjanti oħrajn, żerriegħa jew PRM ieħor li ma jikkorrispondux għad-deskrizzjoni tal-varjetà jew tal-ispeċijiet li għalihom suppost jappartjeni skont dan ir-Regolament;

(35) "varjetà ibrida" tfisser il-varjetà prodotta b'riżultat tal-inkroċjar tar-razez ta' żewġ varjetajiet oħrajn jew aktar;

(35a) "konservazzjoni dinamika" tfisser il-preservazzjoni tad-diversità ġenetika fi ħdan u bejn l-ispeċijiet ta' pjanti kkultivati, u tinkludi kemm il-konservazzjoni in situ kif ukoll il-konservazzjoni ex situ, bl-għan ta' użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u l-agrobijodiversità b'mod u b'rata li ma jwassalx għat-tnaqqis fit-tul tad-diversità bijoloġika, u b'hekk jinżamm il-potenzjal li tissodisfa l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri; **[Em. 354]**

([28]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

(35b) "Pjanta NGT" tfisser pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt 2 tar-Regolament (UE).../... [ir-Regolament NGT] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; **[Em. 63]**

(35c) "żerriegħa kummerċjali" tfisser żerriegħa prodotta u mqiegħda fis-suq għal taħlitiet imsemmija fl-Artikolu 21 li hija identifikabbli bħala li tappartjeni għal speċi, iżda mhux għal varjetà, u li nstabet permezz ta' ċertifikazzjoni uffiċjali jew b'ċertifikazzjoni mwettqa taħt superviżjoni uffiċjali biex tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għal żerriegħa ċertifikata bl-eċċezzjoni tar-rekwiżit fl-Artikolu 5; **[Em. 64]**

(35d) "pakketti żgħar" tfisser pakketti li jkollhom żerriegħa jew materjal sa massimu ta':

(a) 10 kg għal ċereali;

(b) 5 kg għal pjanti tal-għalf, pitravi, pjanti taż-żejt u tal-fibra;

(c) 10 kg għal patata taż-żrigħ;

(d) 500 g għal legumi;

(e) 100 g għal basal, sorfolja, spraġ, selq, pitravi ħomor, lift, dulliegħ, qargħa, qargħa bagħli, zunnarija, ravanell, sassefrika sewda, spinaċi, valerjanella;

(f) 20 g għal kull speċi oħra ta' ħaxix;

(g) 10 partijiet għal biċċiet ta' frott u dwieli. **[Em. 355]**

Artikolu 4

Konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031

Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/2031.

Kwalunkwe lott tal-PRM prodott u kkummerċjalizzat f'konformità ma' dan ir-Regolament, għandu jikkonforma wkoll mar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 36, 37, 40, 41, 42, 49, 53 u 54 tar-Regolament (UE) 2016/2031 dwar il-pesti ta' kwarantina tal-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina f'żona protetta u l-RNQPs, u jkun skont dawn u mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.

KAPITOLU II

REKWIŻITI LI JIKKONĊERNAW IL-VARJETAJIET, IL-KATEGORIJI TAL-PRM, IT-TIKKETTAR, L-AWTORIZZAZZJONIJIET, L-IMMANIĠĠAR, L-IMPORTAZZJONIJIET U D-DEROGI

TAQSIMA 1

Rekwiżiti ġenerali għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM

Artikolu 5

Appartenenza għal varjetà reġistrata

Huwa biss il-PRM li jappartjeni għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 44 li jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni, ħlief il-każijiet li ġejjin:

(a) bħala salvaġġ, jekk jiġi prodott u kkummerċjalizzat b'referenza, li tinsab f'tikkettar xieraq, għall-ispeċijiet li jappartjeni għalihom;

(b) bħala materjal eteroġenu f'konformità mal-Artikolu 27;

(c) bħala PRM ikkummerċjalizzat lill-utenti finali f'konformità mal-Artikolu 28;

(d) bħala PRM prodott u kkummerċjalizzat għall-iskopijiet tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi f'konformità mal-Artikolu 29;

(e) bħala ~~żerriegħa skambjata in natura~~***PRM skambjat*** bejn il-bdiewa f'konformità mal-Artikolu 30; **[Em. 66]**

~~(f) bħala żerriegħa tan-nisiel, f'konformità mal-Artikolu 31;~~ **[Em. 67]**

(g) bħala PRM ta' varjetajiet li għadhom ma humiex irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 32;

(h) fil-każ ta' diffikultajiet fil-provvista tal-PRM f'konformità mal-Artikolu 33.

Artikolu 6

Appartenenza għal ċerti kategoriji tal-PRM

1. Huwa biss il-PRM li jappartjeni għal waħda mill-kategoriji li ġejjin li jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni, ħlief fil-każijiet previsti fil-paragrafu 2:

(a) il-materjal jew iż-żerriegħa prebażika;

(b) il-materjal jew iż-żerriegħa bażika;

(c) il-materjal jew iż-żerriegħa ċċertifikata;

(d) il-materjal jew iż-żerriegħa standard.

Meta f'dan ir-Regolament issir referenza għal kategoriji aktar baxxi jew ogħla li jikkonċernaw l-identità u l-kwalità tal-PRM, dik id-determinazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-klassifikazzjoni tal-ordni tal-punti (a) - (d), bil-punt (a) li jindika l-ogħla grad u l-punt (d) l-aktar baxx.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-PRM jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat mingħajr ma jkun jappartjeni għal kategorija elenkata f'(a) - (d) fil-każijiet li ġejjin:

(a) il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM ta' materjal eteroġenu f'konformità mal-Artikolu 27;

(b) il-kummerċjalizzazzjoni lil utent finali f'konformità mal-Artikolu 28;

(c) il-kummerċjalizzazzjoni lil u bejn in-networks ta' konservazzjoni kif imsemmijin fl-Artikolu 29;

(d) bħala ~~żerriegħa skambjata in natura~~***PRM skambjat*** bejn il-bdiewa f'konformità mal-Artikolu 30. **[Em. 68]**

~~(c) iż-żerriegħa tan-nissiel kif imsemmija fl-Artikolu 31.~~ **[Em. 69]**

TAQSIMA 2

Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal u taż-żerriegħa prebażiċi, bażiċi, iċċertifikati u standard

Artikolu 7

Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa u tal-materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati

1. Iż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata tista' tiġi prodotta u kkummerċjalizzata biss fl-Unjoni, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) iż-żerriegħa prebażika, bażika jew iċċertifikata tkun prattikament ħielsa minn pesti ta' kwalità;

(b) tkun prodotta u kkummerċjalizzata:

(i) wara ċertifikazzjoni uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti, jew ċertifikazzjoni mill-operatur professjonist taħt superviżjoni uffiċjali;

(ii) f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti ~~fil-Parti A~~***fil-Partijiet A u D*** tal-Anness II, u l-konformità tagħha ma' dawk ir-rekwiżiti tkun attestata bit-tikketta uffiċjali msemmija fl-Artikolu 15(1). **[Em. 70]**

2. Il-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat biss fl-Unjoni, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat ikun prattikament ħieles minn pesti ta' kwalità;

(b) ikun prodott u kkummerċjalizzat:

(i) wara ċertifikazzjoni uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti, jew ċertifikazzjoni mill-operatur professjonist taħt superviżjoni uffiċjali;

(ii) f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti ~~fil-Parti B~~***fil-Partijiet B u E*** tal-Anness II, u l-konformità tiegħu ma' dawk ir-rekwiżiti tkun attestata bit-tikketta uffiċjali msemmija fl-Artikolu 15(1). **[Em. 71]**

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75 sabiex temenda l-Anness II. Dawk l-emendi għandhom jadattaw għall-iżviluppi ta' standards tekniċi u xjentifiċi internazzjonali u ~~jistgħu~~***għandhom*** jikkonċernaw ***biss*** ir-rekwiżiti għal dawn li ġejjin: **[Em. 72]**

(a) iż-żrigħ u t-tħawwil, u l-produzzjoni fl-għalqa, taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata;

(b) il-ħsad u l-fażi ta' wara l-ħsad taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata;

(c) il-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ;

(d) iż-żrigħ u t-tħawwil, u l-produzzjoni fl-għalqa, tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat;

(e) il-ħsad u l-fażi ta' wara l-ħsad tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat;

(f) il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat;

(g) ~~il-materjal~~***il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal*** prebażiku, bażiku u ċċertifikat tal-kloni~~, tal-kloni~~ magħżulin~~, tat-taħlitiet multiklonali u tal-PRM poliklonali~~; **[Em. 73]**

(h) il-produzzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat prodott minn propagazzjoni in vitro;

(i) il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat prodott minn propagazzjoni in vitro.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni msemmijin ~~fil-Parti A u fil-Parti B tal-Anness~~***fl-Anness*** II għal ċerti ġeneri, speċijiet jew kategoriji tal-PRM, u, meta xieraq, għal ċerti gradi, klassijiet, ġenerazzjonijiet jew subdiviżjonijiet oħrajn tal-kategorija kkonċernata. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jikkonċernaw wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin: **[Em. 74]**

(a) l-użi speċifiċi tal-ġeneri, tal-ispeċijiet jew tat-tipi tal-PRM ikkonċernat;

(b) il-metodi ta' produzzjoni tal-PRM, inklużi r-riproduzzjoni sesswali u asesswali u l-propagazzjoni in vitro;

(c) il-kundizzjonijiet għaż-żrigħ jew għat-tħawwil;

(d) il-kultivazzjoni fl-għelieqi;

(e) il-ħsad u l-fażi ta' wara l-ħsad;

(f) ir-rati tal-ġerminazzjoni, il-purità u l-kontenut ta' PRM ieħor, l-umdità, ~~is-saħħa,~~ il-preżenza ta' elementi terrestri jew ta' materja barranija; **[Em. 75]**

(g) il-metodi ta' ċertifikazzjoni tal-PRM, inkluża l-applikazzjoni ta' metodi bijomolekulari jew ta' metodi tekniċi oħrajn, kif ukoll l-approvazzjoni u l-użu tagħhom, u l-elenkar tal-metodi approvati fl-Unjoni;

(h) il-kundizzjonijiet għas-selvaġġi u għal partijiet oħrajn tal-pjanti ta' ġeneri jew ta' speċijiet għajr dawk elenkati fl-Anness I, jew għall-ibridi tagħhom, jekk il-materjal ta' propagazzjoni tal-ġeneru jew tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness I jew tal-ibridi tagħhom jitlaqqam fuqhom;

(i) il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni taż-żrieragħ minn pjanti tal-frott jew minn dwieli;

(j) il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni tal-pjanti tal-frott, tad-dwieli jew tal-patata taż-żrigħ miż-żrieragħ.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 76(2), sabiex jiġu adattati għall-iżviluppi tal-istandards tekniċi u xjentifiċi internazzjonali rilevanti ***u b'kunsiderazzjoni tal-implikazzjonijiet possibbli għall-produzzjoni u d-disponibbiltà tal-PRM u għall-operaturi żgħar***. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu proporzjonati għall-kategorija tal-PRM.*** **[Em. 76]**

Artikolu 8

Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa u tal-materjal standard

1. Iż-żerriegħa standard tista' tiġi prodotta u kkummerċjalizzata biss fl-Unjoni, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) tkun prattikament ħielsa minn pesti ta' kwalità;

(b) tkun prodotta u kkummerċjalizzata:

(i) taħt ir-responsabbiltà tal-operaturi professjonisti;

(ii) f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti ~~fil-Parti A~~***fil-Partijiet A u D*** tal-Anness III, u l-konformità tagħha ma' dawk ir-rekwiżiti tkun attestata bit-tikketta tal-operatur imsemmija fl-Artikolu 16. **[Em. 77]**

2. Il-materjal standard jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat biss fl-Unjoni, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun prattikament ħieles minn pesti ta' kwalità;

(b) ikun prodott u kkummerċjalizzat:

(i) taħt ir-responsabbiltà tal-operaturi professjonisti;

(ii) f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti ~~fil-Parti B~~***fil-Partijiet B u E*** tal-Anness III, u l-konformità tiegħu ma' dawk ir-rekwiżiti tkun attestata bit-tikketta tal-operatur imsemmija fl-Artikolu 16. **[Em. 78]**

~~3. Darba fis-sena, l-operaturi professjonisti għandhom jippreżentaw lill-awtorità kompetenti dikjarazzjoni dwar il-kwantitajiet għal kull speċi ta' żerriegħa u ta' materjal standard li jkunu pproduċew.~~ **[Em. 79]**

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 75, sabiex temenda l-Anness III, bl-għan li tadatta r-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għall-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi u għall-istandards internazzjonali applikabbli. Dawk l-emendi għandhom jikkonċernaw dawn li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti għaż-żrigħ u għat-tħawwil, u għall-produzzjoni fl-għelieqi, taż-żrieragħ standard;

(b) ir-rekwiżiti għall-ħsad u għall-fażi ta' wara l-ħsad taż-żrieragħ standard;

(c) ir-rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ standard;

(d) ir-rekwiżiti għaż-żrigħ u għat-tħawwil, u għall-produzzjoni fl-għelieqi, tal-materjal standard;

(e) ir-rekwiżiti għall-ħsad u għall-fażi ta' wara l-ħsad tal-materjal standard;

(f) ir-rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal standard;

(g) ir-rekwiżiti ~~għall-kloni, għall-kloni magħżulin, għat-taħlitiet multiklonali u għall-PRM~~***għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM*** poliklonali tal-materjal standard; **[Em. 80]**

(h) ir-rekwiżiti għall-produzzjoni tal-materjal standard prodott bi propagazzjoni in vitro;

(i) ir-rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal standard prodott bi propagazzjoni in vitro.

4a. Qabel ma tadotta l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4, dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a) sa (i) tiegħu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti, filwaqt li tqis l-implikazzjonijiet possibbli għall-produzzjoni u d-disponibbiltà tal-PRM u għall-operaturi ż-żgħar. Dawk l-atti delegati għandhom ikunu proporzjonati għall-kategorija tal-PRM. **[Em. 81]**

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni msemmijin ~~fil-Parti A u fil-Parti B tal-Anness~~***fl-Anness*** III għal ċerti ġeneri jew speċijiet ta' żerriegħa jew ta' materjal standard. Dawn ir-rekwiżiti għandu jkollhom x'jaqsmu ma' wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin: **[Em. 82]**

(a) l-użi speċifiċi tal-ġeneri, tal-ispeċijiet jew tat-tipi tal-PRM ikkonċernat;

(b) il-metodi ta' produzzjoni tal-PRM, inklużi r-riproduzzjoni sesswali u asesswali u l-propagazzjoni in vitro;

(c) il-kundizzjonijiet għaż-żrigħ jew għat-tħawwil;

(d) il-kultivazzjoni fl-għelieqi;

(e) il-ħsad u l-fażi ta' wara l-ħsad;

(f) ir-rati tal-ġerminazzjoni, il-purità u l-kontenut ta' PRM ieħor, l-umdità, ~~is-saħħa,~~ il-preżenza ta' elementi terrestri jew ta' materja barranija; **[Em. 83]**

(g) l-applikazzjoni ta' metodi bijomolekulari jew ta' metodi tekniċi oħrajn ***rikonoxxuti f'livell internazzjonali***, kif ukoll l-approvazzjoni u l-użu tagħhom, u l-elenkar tal-metodi approvati fl-Unjoni; **[Em. 84]**

(h) il-kundizzjonijiet għas-selvaġġi u għal partijiet oħrajn tal-pjanti ta' ġeneri jew ta' speċijiet għajr dawk elenkati fl-Anness I, jew għall-ibridi tagħhom, jekk il-materjal ta' propagazzjoni tal-ġeneru jew tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness I jew tal-ibridi tagħhom jitlaqqam fuqhom;

(i) il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni taż-żrieragħ minn pjanti tal-frott jew minn dwieli;

(j) il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni tal-pjanti tal-frott, tad-dwieli jew tal-patata taż-żrigħ miż-żrieragħ.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 76(2), sabiex jiġu adattati għall-iżviluppi tal-istandards tekniċi u xjentifiċi internazzjonali rilevanti ***u b'kunsiderazzjoni tal-implikazzjonijiet possibbli għall-produzzjoni u d-disponibbiltà tal-PRM u għall-operaturi żgħar***. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu proporzjonati għall-kategorija tal-PRM.*** **[Em. 85]**

Artikolu 9

~~Produzzjoni, kummerċjalizzazzjoni u reġistrazzjoni tal-kloni,~~*Rekwiżiti għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni* tal-kloni magħżulin~~, tat-taħlitiet multiklonali~~ u tal-PRM poliklonali [Em. 86]

1. ~~Minbarra r-rekwiżiti msemmijin fl-Artikoli 4 sa 43,~~ Il-materjal prebażiku, bażiku~~, iċċertifikat u standard tal-kloni,~~ ***u ċċertifikat*** tal-kloni magħżulin~~, tat-taħlitiet multiklonali~~ u ***l-materjal standard*** tal-PRM poliklonali għandu jiġi prodott u kkummerċjalizzat f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 u mar-rekwiżiti stabbiliti rispettivament fl-Anness II, il-Parti C, u fl-Anness III, il-Parti C. **[Em. 87]**

2. ~~Il-kloni,~~ Il-kloni magħżulin~~, it-taħlitiet multiklonali~~ u l-PRM poliklonali jistgħu jiġu prodotti u kkummerċjalizzati biss jekk ikunu rreġistrati minn awtorità kompetenti f'tal-anqas reġistru uffiċjali wieħed għall-kloni ***magħżulin u l-PRM poliklonali*** stabbilit minn Stat Membru. **[Em. 88]**

Dak ir-reġistru għandu jinkludi l-elementi kollha msemmijin fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-klonu~~, tal-klonu~~ magħżul~~, tat-taħlita multiklonali~~ u tal-PRM poliklonali, kif stabbilit ~~fl-Anness II, il-Parti B, il-Parti C, il-punt 2~~***fl-Artikolu 53a***. **[Em. 89]**

3. ~~Il-kloni,~~ Il-kloni magħżulin~~, it-taħlitiet multiklonali~~ u l-PRM poliklonali għandhom jinżammu għal skopijiet ta' preservazzjoni tal-identità tagħhom. Il-persuni responsabbli għaż-żamma tal-kloni~~, tal-kloni~~ magħżulin~~, tat-taħlitiet multiklonali~~ u tal-PRM poliklonali għandhom jieħdu l-miżuri kollha sabiex ikunu jistgħu jagħmluhom verifikabbli mill-awtoritajiet kompetenti jew minn kwalunkwe persuna oħra, fuq il-bażi tar-rekords miżmumin. **[Em. 90]**

3a. Il-PRM poliklonali, irreġistrat fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandu jiġi prodott u kkummerċjalizzat biss jekk jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li jikkonċernaw il-materjal standard kif imsemmi fil-Parti C tal-Anness III. Il-PRM poliklonali għandu jkun akkumpanjat minn tikketta ta' operatur professjonist bl-indikazzjoni "Materjal poliklonali", f'konformità mal-Artikolu 17. **[Em. 91]**

TAQSIMA 3

Awtorizzazzjoni tal-operaturi professjonisti u superviżjoni uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti

Artikolu 10

Awtorizzazzjoni tal-operaturi professjonisti sabiex jagħmlu ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali

1. L-operatur professjonist jista', wara applikazzjoni, jiġi awtorizzat mill-awtorità kompetenti sabiex iwettaq l-attivitajiet kollha jew ċerti attivitajiet meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni tal-PRM taħt superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti għal materjal jew għal żrieragħ prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati, u sabiex ~~joħroġ~~***jistampa*** tikketta uffiċjali għalihom. **[Em. 92]**

Sabiex jingħata awtorizzazzjoni bħal din u skont l-attivitajiet li għandhom jiġu awtorizzati għalihom, l-operatur professjonist għandu:

(a) ikollu l-għarfien meħtieġ għall-konformità mar-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 7;

(b) ikun kwalifikat sabiex iwettaq l-ispezzjonijiet imsemmijin fl-Anness II jew jimpjega persunal kwalifikat għal spezzjonijiet bħal dawn;

(c) jimpjega persunal kwalifikat sabiex iwettaq il-kampjunar imsemmi fl-Anness II, jew jikkonkludi kuntratti ma' kumpaniji ***jew assoċjazzjonijiet ta' operaturi professjonali*** li jimpjegaw persunal kwalifikat għal dawk l-attivitajiet; **[Em. 93]**

(d) jimpjega persunal u tagħmir speċjalizzat għat-twettiq tal-ittestjar imsemmi fl-Anness II, jew juża laboratorji li ***jittestjaw il-PRM li*** jimpjegaw persunal kwalifikat għal dawk l-attivitajiet; **[Em. 94]**

(e) ikun identifika, u kapaċi jimmonitorja, il-punti kritiċi tal-proċess tal-produzzjoni li jistgħu jinfluwenzaw il-kwalità u l-identità tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, u jżomm rekords tar-riżultati ta' dak il-monitoraġġ;

(f) ikollu sistemi sabiex jiżgura l-issodisfar tar-rekwiżiti dwar l-identifikazzjoni tal-lottijiet skont l-Artikolu 13;

(g) ikollu sistemi sabiex jiżgura l-issodisfar tar-rekwiżiti dwar it-traċċabilità stabbiliti fl-Artikolu 42.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75, li jissupplimentaw il-paragrafu 1 fir-rigward ta' ~~element wieħed jew aktar minn fost dawn li ġejjin:~~ **[Em. 95]**

~~(a) il-proċedura għall-applikazzjoni sottomessa mill-operatur professjonist;~~ **[Em. 96]**

~~(b)~~ l-azzjonijiet speċifiċi li għandhom jittieħdu mill-awtorità kompetenti, sabiex tiġi kkonfermata l-konformità mal-paragrafu 1, il-punti (a) sa (g). **[Em. 97]**

Artikolu 11

Irtirar jew modifika tal-awtorizzazzjoni tal-operatur professjonist

Meta operatur professjonist awtorizzat ma jibqax jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10(1), l-awtorità kompetenti għandha titlob lil dak l-operatur jieħu azzjonijiet korrettivi f'perjodu ta' żmien speċifikat.

L-awtorità kompetenti għandha tirtira minnufih l-awtorizzazzjoni, jew tibdilha kif xieraq, jekk l-operatur professjonist ma japplikax l-azzjonijiet korrettivi msemmijin fl-ewwel subparagrafu fi ħdan il-perjodu ta' żmien speċifikat. F'każ li jiġi konkluż li l-awtorizzazzjoni tkun ingħatat wara frodi, l-awtorità kompetenti għandha timponi s-sanzjonijiet xierqa fuq l-operatur professjonist.

Artikolu 12

Superviżjoni uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti

1. Għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***iwettqu awditi regolari***, tal-anqas darba ~~fis-sena, iwettqu awditi~~***kull 18-il xahar,*** sabiex jiżguraw li l-operaturi professjonisti jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 10(1). **[Em. 98]**

Għandhom jorganizzaw ukoll taħriġ u eżamijiet tal-persunal li jwettaq spezzjonijiet fuq il-post, kampjunar u ttestjar previsti f'dan ir-Regolament.

2. Għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-ispezzjonijiet uffiċjali, il-kampjunar u l-ittestjar fuq sehem mill-għelejjel fis-sit tal-produzzjoni u fuq il-lottijiet tal-PRM sabiex jikkonfermaw li dak il-materjal ikun konformi mar-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 7.

Dak is-sehem għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-valutazzjoni tar-riskju potenzjali li ma jkunx hemm konformità mill-PRM ma' dawk ir-rekwiżiti.

3. ~~Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni,~~ Il-Kummissjoni ~~tista'~~***għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi*** tispeċifika r-rekwiżiti għall-awditi, għat-taħriġ, għall-eżamijiet, għall-ispezzjonijiet, għall-kampjunar u għall-ittestjar, kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, fir-rigward ta' ġeneri jew ta' speċijiet partikolari. **[Em. 99]**

Dawk l-atti ~~ta' implimentazzjoni~~***delegati*** jistgħu jispeċifikaw wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin: **[Em. 100]**

(a) il-kriterji tar-riskju kif imsemmijin fil-paragrafu 2 u s-sehem minimu tal-għelejjel u l-lottijiet tal-PRM, li għandhom ikunu soġġetti għal spezzjonijiet, għal kampjunar u għal ittestjar, kif imsemmi fil-paragrafu 2;

(b) l-attivitajiet ta' monitoraġġ li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti;

(c) l-użu ta' skemi ta' akkreditazzjoni partikolari mill-operatur professjonist, u l-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jnaqqsu l-ispezzjonijiet, il-kampjunar u l-ittestjar, u l-attivitajiet ta' monitoraġġ imsemmijin f'dan l-Artikolu minħabba l-użu ta' dawk l-iskemi***, kif imsemmi fil-paragrafu 2***. **[Em. 101]**

~~Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).~~ **[Em. 102]**

TAQSIMA 4

Rekwiżiti ta' mmaniġġar

Artikolu 13

Lottijiet

1. Il-PRM għandu jiġi kkummerċjalizzat f'lottijiet. Il-kontenut tal-varjetajiet u tal-ispeċijiet ta' kull lott għandu jkun ***imħallat b'mod*** omoġenu ~~biżżejjed rigward~~ u identifikabbli mill-utenti tiegħu bħala distint minn lottijiet oħrajn ta' PRM. **[Em. 103]**

2. Matul l-ipproċessar, l-imballaġġ, il-ħżin, jew mal-konsenja, il-lottijiet tal-PRM jistgħu jingħaqdu f'lott ġdid biss jekk ikunu jappartjenu għall-istess varjetà ~~u sena tal-ħsad~~. **[Em. 104]**

Meta l-lottijiet li jikkonsistu f'kategoriji ta' ċertifikazzjoni differenti jingħaqdu flimkien, il-lott il-ġdid għandu jkun jappartjeni għall-kategorija tal-komponent tal-kategorija l-aktar baxxa. L-operazzjoni ta' tgħaqqid tista' ssir biss f'faċilità u minn persuni awtorizzati mill-awtorità kompetenti għal dan l-iskop speċifiku.

3. Waqt l-ipproċessar, l-imballaġġ, il-ħażna, jew mal-konsenja, il-lottijiet tal-PRM jistgħu jinqasmu f'żewġ lottijiet jew aktar.

4. F'każijiet ta' tgħaqqid jew ta' qsim tal-lottijiet tal-PRM, kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3, l-operatur professjonist għandu jżomm rekords dwar l-oriġini tal-lottijiet il-ġodda.

5. Il-Kummissjoni tista', permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, tadotta rekwiżiti speċifiċi għall-ispeċijiet kollha jew għal ċerti speċijiet tal-PRM, dwar id-daqs massimu tal-lottijiet, l-identifikazzjoni u t-tikkettar tagħhom, it-tgħaqqid jew il-qsim tal-lottijiet fir-rigward tal-oriġini tal-lottijiet tal-PRM, ir-reġistrazzjoni ta' dawk l-operazzjonijiet u t-tikkettar wara t-tgħaqqid jew il-qsim. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

Artikolu 14

Pakketti, gzuz u kontenituri

1. Il-PRM għandu jiġi kkummerċjalizzat f'pakketti, fi gzuz jew f'kontenituri maqfulin, li jkollhom apparat ta' ssiġillar u markatura. Fil-każ tal-PRM għajr iż-żrieragħ ***u l-patata taż-żrigħ***, dan jista' jiġi kkummerċjalizzat ukoll fil-forma ta' pjanti individwali. **[Em. 105]**

2. Il-pakketti, il-gzuz u l-kontenituri msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu maqfulin b'tali mod li ma jkunux jistgħu jinfetħu mingħajr ma titkisser dak il-qfil jew mingħajr ma jitħallew traċċi li juru li l-pakkett, il-gozz jew il-kontenitur ikun infetaħ. L-effettività tal-apparat ta' qfil għandha tiġi żgurata jew billi jiġu inkorporati t-tikketti previsti fl-Artikoli 15 u 16 fl-apparat jew inkella bl-użu ta' siġill. Il-pakketti u l-kontenituri għandhom ikunu eżentati minn dan ir-rekwiżit jekk il-qfil ma jkunx jista' jerġa' jintuża.

3. Fil-każ tal-PRM prebażiku, bażiku jew iċċertifikat, dawk il-pakketti, il-gzuz u l-kontenituri għandhom jinqaflu mill-awtorità kompetenti, jew mill-operatur professjonist taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti. Dawk il-pakketti u l-kontenituri ma għandhomx jinqaflu mill-ġdid sakemm dan ma jsirx mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonist taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti. Jekk pakkett, gozz jew kontenitur jinqafel mill-ġdid, id-data tal-qfil mill-ġdid u d-dettalji tal-awtorità kompetenti responsabbli għandhom jiġu ddikjarati fuq it-tikketta msemmija fl-Artikolu 15.

4. Il-lottijiet tal-PRM prebażiku, bażiku jew iċċertifikat jistgħu jiġu imballati mill-ġdid, jiġu ttikkettati mill-ġdid, u ssiġillati mill-ġdid biss ~~taħt kontroll uffiċjali jew~~***mill-awtorità kompetenti, jew mill-operatur professjonali*** taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti. **[Em. 106]**

5. B'deroga mill-paragrafu 1, iż-żrieragħ ***u l-patata taż-żrigħ*** jistgħu jiġu kkummerċjalizzati minn operatur professjonist direttament lill-bidwi bl-ingrossa. **[Em. 107]**

Dak l-operatur professjonist għandu jkun awtorizzat għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti. Għandu jinforma lill-awtorità kompetenti minn qabel dwar attività bħal din u dwar il-lott li minnu tkun ġejja żerriegħa ***u patata taż-żrigħ*** bħal din. **[Em. 108]**

Meta ż-żerriegħa ***u l-patata taż-żrigħ*** titgħabba direttament fil-makkinarju jew fit-trejler tal-bidwi, l-operatur professjonist u l-bidwi kkonċernat għandhom jiżguraw it-traċċabilità ta' dik iż-żerriegħa ***u l-patata taż-żrigħ*** billi joħorġu u jżommu dokumenti li jindikaw l-ispeċi u l-varjetà, il-kwantità, il-ħin tat-trasferiment u l-identifikazzjoni tal-lott. **[Em. 109]**

5a. L-awtorità kompetenti jew l-operatur professjonist għandhom iżommu rekord ta' dan li ġej:

(a) l-awtorizzazzjoni, ix-xiri, it-tagħbija u t-trasport tal-PRM; u

(b) il-kwalità, l-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà tal-PRM. **[Em. 110]**

6. Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta rekwiżiti speċifiċi dwar l-issiġillar, il-qfil, id-daqs u l-forma tal-pakketti, tal-gzuz u tal-kontenituri tal-ispeċijiet speċifiċi tal-PRM, u tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ ***u tal-patata taż-żrigħ*** bl-ingrossa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2). **[Em. 111]**

TAQSIMA 5

Rekwiżiti dwar it-tikkettar

Artikolu 15

Tikketta uffiċjali

1. Il-materjal u ż-żrieragħ prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati għandhom jiġu identifikati, u l-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament għandha tiġi attestata, permezz ta' tikketta uffiċjali, maħruġa wara l-konklużjoni mill-awtorità kompetenti li jkunu ġew issodisfati r-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 7.

2. It-tikketta uffiċjali għandha tinħareġ mill-awtorità kompetenti u jkollha numru tas-serje mogħti mill-awtorità kompetenti.

Għandha tiġi stampata minn dawn:

(a) l-awtorità kompetenti***, li tkun ħarġet it-tikketta uffiċjali***, jekk tintalab tagħmel dan mill-operatur professjonist, jew jekk l-operatur professjonist ma jkunx awtorizzat iwettaq ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali, mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 10; jew **[Em. 112]**

(b) l-operatur professjonist ***jew l-assoċjazzjonijiet tal-operaturi professjonali***, taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti, meta l-operatur professjonist ikun awtorizzat iwettaq ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali f'konformità mal-Artikolu 10. **[Em. 113]**

3. It-tikketta uffiċjali għandha titwaħħal mal-parti ta' barra tal-pakkett, tal-gozz jew tal-kontenitur mill-operatur professjonist taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti, jew minn persuna li taġixxi taħt ir-responsabbiltà tal-operatur professjonist.

4. It-tikketta uffiċjali għandha tinħareġ ġdida. Jistgħu jintużaw tikketti uffiċjali adeżivi, jekk ikunu awtorizzati hekk mill-awtorità kompetenti meta ma jkun hemm l-ebda riskju li jistgħu jerġgħu jintużaw.

5. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75, li jissupplimentaw dan l-Artikolu, billi jistabbilixxu r-regoli li ġejjin dwar:

(a) ir-reġistrazzjoni diġitali tal-azzjonijiet kollha meħudin mill-operaturi professjonisti u mill-awtoritajiet kompetenti sabiex joħorġu t-tikketta uffiċjali;

(b) l-istabbiliment ta' pjattaforma ċentralizzata li tikkollega lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, sabiex tiffaċilita l-ipproċessar ta' dawk ir-rekords, l-aċċess għalihom u l-użu tagħhom;

(c) l-arranġamenti tekniċi għall-ħruġ tat-tikketti uffiċjali elettroniċi.

Wara l-adozzjoni ta' att delegat bħal dan, it-tikketta uffiċjali tista' tinħareġ ukoll f'forma elettronika ("tikketta uffiċjali elettronika").

6. B'deroga mill-paragrafi 1 sa 5~~, il-materjal prebażiku, bażiku u l-materjal bażiku taż-żerriegħa u ż-żerriegħa u l-materjal u ż-żerriegħa ċċertifikati~~ ***ta' dan l-Artikolu, iż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata***, importati minn pajjiżi terzi skont l-Artikolu 39, għandhom jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni bit-tikketta rispettiva tal-OECD li takkumpanjahom mal-importazzjoni. **[Em. 114]**

Artikolu 16

Tikketta tal-operatur

Il-materjal standard u ż-żerriegħa standard għandhom jiġu identifikati permezz ta' tikketta tal-operatur. Dik it-tikketta għandha tikkonferma li l-materjal standard jew iż-żerriegħa standard tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni, imsemmijin fl-Artikolu 8, fuq il-bażi ta' spezzjonijiet, ta' kampjunar u ta' ttestjar imwettqin mill-operatur professjonist.

It-tikketta tal-operatur għandha tinħareġ, tiġi stampata u titwaħħal ***fuq in-naħa ta' barra tal-gozz, il-pakkett, jew il-kontenitur tal-pjanti*** mill-operatur professjonist, jew minn persuna li taġixxi taħt ir-responsabbiltà tal-operatur professjonist~~, fuq in-naħa ta' barra ta' pakkett, ta' gozz jew ta' kontenitur~~. ***L-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fuq it-tikketta tal-operatur professjonist tista' wkoll tiġi stampata direttament fuq il-gozz, il-pakkett jew il-kontenitur tal-pjanti mill-operatur professjonist, jew minn persuna li taġixxi taħt ir-responsabbiltà tal-operatur professjonist***. **[Em. 115]**

Artikolu 17

Kontenut tat-tikketti

1. It-tikketta uffiċjali u t-tikketta tal-operatur għandhom jinkitbu b'tal-anqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

2. It-tikketta uffiċjali u t-tikketta tal-operatur għandhom ikunu jistgħu jinqraw, ma jkunux jistgħu jitħassru, ma jkunux jistgħu jiġu mmodifikati jekk jitbagħbsu, ikunu stampati fuq naħa waħda, ***ikunu magħmulin minn materjal li ma jitqattax sakemm ma jkunux tikketti li jeħlu (stikers),*** ma jkunux intużaw qabel, u jkunu jidhru faċilment. ***Din għandha tinkludi, meta applikabbli, referenza għad-dritt ta' varjetà ta' pjanta u referenza għar-reġistru msemmi fl-Artikolu 46 fil-każ ta' aktar drittijiet ta' proprjetà intellettwali.*** **[Em. 116]**

3. Kwalunkwe spazju tat-tikketta uffiċjali jew tat-tikketta tal-operatur minbarra l-elementi msemmijin fil-paragrafu 4, ~~jista'~~***għandu, meta rilevanti,*** jintuża għal informazzjoni addizzjonali mill-awtorità kompetenti. Informazzjoni bħal din għandha tiġi ppreżentata f'ittri li ma jkunux akbar minn dawk użati għall-kontenut tat-tikketta uffiċjali jew tat-tikketta tal-operatur kif imsemmi fil-paragrafu 4. Dik l-informazzjoni addizzjonali għandha tkun strettament fattwali, ma għandhiex tirrappreżenta materjal ta' reklamar, u għandha tkun relatata biss mar-rekwiżiti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni jew mar-rekwiżiti tat-tikkettar għall-organiżmi ġenetikament modifikati jew għall-pjanti NGT tal-kategorija 1 kif definiti fl-Artikolu 3(7) tar-Regolament (UE) …/… (L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament dwar l-NGT...). **[Em. 117]**

4. Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kontenut, id-daqs, il-kulur u l-forma tat-tikketta uffiċjali jew tal-operatur, kif applikabbli, fir-rigward tal-kategoriji jew tat-tipi rispettivi ta' PRM, għal:

(a) it-tikketta uffiċjali msemmija fl-Artikolu 15(1);

(b) it-tikketta tal-operatur imsemmija fl-Artikolu 16;

(c) it-tikketta għat-taħlitiet imsemmija fl-Artikolu 21(1);

(d) it-tikketta għat-taħlitiet ta' preservazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(1);

(e) it-tikketta għaż-żrieragħ imballati mill-ġdid u ttikkettati mill-ġdid imsemmija fl-Artikolu 23(5);

(f) it-tikketta għall-PRM li jappartjeni għall-varjetajiet ta' konservazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(2);

(g) it-tikketta għall-PRM ikkummerċjalizzat lill-utenti finali msemmija fl-Artikolu 28(1), il-punt (a);

~~(h) it-tikketta għall-PRM ikkummerċjalizzat minn ċerti banek tal-ġeni, organizzazzjonijiet u networks imsemmija fl-Artikolu 29;~~ **[Em. 118]**

~~(i) it-tikketta għall-materjal tan-nisseel msemmija fl-Artikolu 31(2);~~ **[Em. 119]**

(j) it-tikketta għall-PRM tal-varjetajiet li għadhom ma humiex irreġistrati msemmija fl-Artikolu 32(5);

(k) it-tikketta għall-PRM awtorizzat f'każijiet ta' diffikultajiet temporanji fil-provvista msemmija fl-Artikolu 33(2); u

(l) it-tikketta għaż-żrieragħ b'awtorizzazzjoni provviżorja għall-kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(3);

(m) it-tikketta għaż-żrieragħ li ma humiex iċċertifikati b'mod finali msemmija fl-Artikolu 35(3);

(n) it-tikketta għall-PRM importat minn pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 40(1) u (2);

(na) it-tikketta għall-materjal poliklonali msemmija fl-Artikolu 9(4). **[Em. 120]**

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

5. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza lill-operatur professjonist jindika informazzjoni għajr il-kontenut imsemmi fil-paragrafu 4, u għajr materjal ta' reklamar, imqiegħed fit-tarf tat-tikketta uffiċjali, f'erja b'daqs mhux akbar minn 20 % tal-erja totali tat-tikketta uffiċjali, bit-titolu "Informazzjoni mhux uffiċjali". Informazzjoni bħal din għandha tkun f'ittri mhux akbar minn dawk użati għall-kontenut tat-tikketta uffiċjali kif imsemmi fil-paragrafu 4.

Artikolu 18

Referenza għal-lottijiet

It-tikketta uffiċjali u t-tikketta tal-operatur għandhom jinħarġu għal kull lott.

Jekk lott tal-istess varjetà jinqasam f'żewġ lottijiet jew aktar, għandha tinħareġ tikketta uffiċjali jew tikketta tal-operatur ġdida għal kull lott.

Jekk bosta lottijiet tal-istess varjetà jingħaqdu f'lott wieħed ġdid, għandha tinħareġ tikketta uffiċjali jew tikketta tal-operatur ġdida għal dak il-lott il-ġdid.

Artikolu 19

Nuqqas ta' konformità tal-PRM mar-rekwiżiti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni

F'każ li l-kontrolli uffiċjali mwettqin matul il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM juru li ~~ż-żrieragħ jew il-materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat, jew iż-żrieragħ jew il-materjal standard, ma jkunux ġew~~***ma ġewx*** prodotti jew ikkummerċjalizzati fl-Unjoni f'konformità mar-rekwiżiti rispettivi ~~msemmijin fl-Artikoli 7 jew 8, jew fil-każ li fih l-identità u l-purità varjetali tal-PRM ma kinux ikkonfermati fl-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll f'konformità mal-Artikolu 24~~***applikabbli għal dak il-PRM***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-operatur professjonist ikkonċernat jieħu l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa dwar il-PRM ~~ikkonċernat u l-bini~~***, il-bini*** u l-metodi ta' produzzjoni tiegħu, kif xieraq. Dawk l-azzjonijiet għandu jkollhom l-għan li jiksbu wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin: **[Em. 121]**

(a) il-PRM ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti rispettivi;

(b) il-PRM ikkonċernat jiġi rtirat mis-suq jew jintuża bħala materjal għajr il-PRM;

(c) bl-eċċezzjoni taż-żerriegħa standard jew tal-materjal standard, ***żerriegħa eteroġenja jew materjal eteroġenju u PRM ikkummerċjalizzat taħt id-derogi previsti fl-Artikoli 27 u 30,*** il-PRM ikkonċernat jiġi ~~prodott jew ikkummerċjaliz-zat~~***kkummerċjalizzat*** f'kategorija aktar baxxa, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli għal dik il-kategorija; **[Em. 122]**

(d) ***meta applikabbli,*** l-operatur professjonist ***jista'*** jiġi ssanzjonat b'mezzi addizzjonali għall-irtirar jew għall-modifika tal-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 11. **[Em. 123]**

Artikolu 20

PRM li jkun se jiġi prodott u kkummerċjalizzat biss bħala żrieragħ jew materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat

1. Il-PRM li jappartjeni għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet kif elenkati fl-Anness IV jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat biss bħala żrieragħ jew materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 75 sabiex temenda l-Anness IV.

L-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jżid ġeneru jew speċi mal-Anness IV, jekk jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun hemm bżonn ta' garanziji ogħla għall-kwalità taż-żrieragħ li jappartjenu għal dak il-ġeneru jew dik l-ispeċi; u.

(b) il-kostijiet tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni, meħtieġa għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa rispettiva bħala żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata jkunu proporzjonati:

(i) għall-iskop li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel u tal-għalf, jew li jiġi żgurat valur għoli tal-ipproċessar industrijali; u

(ii) għall-benefiċċji ekonomiċi li jirriżultaw mill-ogħla standards li jikkonċernaw l-identità u l-kwalità taż-żerriegħa, li jirriżultaw mill-konformità mar-rekwiżiti għaż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata meta mqabbla ma' dawk għaż-żerriegħa standard.

Dik il-proporzjonalità għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni ġenerali tal-elementi li ġejjin flimkien: l-importanza tal-ġeneru jew tal-ispeċi rispettiva għas-sigurtà tal-ikel u tal-għalf tal-Unjoni; il-volum tal-produzzjoni tagħha fl-Unjoni; id-domanda għaliha mill-operaturi professjonisti u mill-operaturi tal-industrija tal-ikel/tal-għalf; il-kostijiet tal-produzzjoni taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata meta mqabbla mal-kost tal-produzzjoni ta' żerriegħa oħra tal-istess ġeneru jew speċi; u l-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-produzzjoni u mill-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata meta mqabbla ma' żerriegħa oħra tal-istess ġeneru jew speċi.

L-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jneħħi ġeneru jew speċi mill-Anness IV, jekk waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu, il-punt (b), il-punti (i) u (ii), ma tibqax issodisfata.

2a. Wara applikazzjoni minn Stat Membru, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tawtorizza lil Stat Membru biex jinħeles mill-obbligu li japplika d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM fit-territorju tiegħu, speċifikament b'rabta ma' ġeneru jew speċi elenkata fl-Anness IV, li normalment ma jiġux riprodotti jew ikkummerċjalizzati fit-territorju tiegħu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

L-awtorizzazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, il-punti (a) u (b).

L-awtorizzazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tkun soġġetta għal rieżami regolari. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li l-awtorizzazzjoni għandha titħassar, jekk tqis li ma għadhiex ġustifikata fid-dawl tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, il-punti (a) u (b). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2). **[Em. 124]**

TAQSIMA 6

Rekwiżiti speċifiċi għat-taħlitiet taż-żrieragħ, għall-imballaġġ mill-ġdid taż-żrieragħ u għat-testijiet b'roqgħa ta' kontroll għaż-żrieragħ

Artikolu 21

Taħlitiet taż-żrieragħ

1. Taħlitiet taż-żerriegħa ċċertifikata jew taħlitiet taż-żerriegħa standard ta' diversi ġeneri jew speċijiet elenkati ~~fil-Parti A~~***fil-Partijiet A u B*** tal-Anness I u li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikoli 5 sa 8***, kemm jekk flimkien ma' żerriegħa kummerċjali kif ukoll jekk le***, kif ukoll ta' varjetajiet differenti ta' dawk il-ġeneri jew l-ispeċijiet, jistgħu jiġu prodotti u kkummerċjalizzati fl-Unjoni jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu. **[Em. 125]**

Iż-żrieragħ inklużi f'dawk it-taħlitiet għandhom ikunu akkumpanjati minn:

(a) tikketta uffiċjali, meta t-taħlita tkun tikkonsisti biss fi żrieragħ iċċertifikati; jew

(b) tikketta ta' operatur, ~~fil-każ li fih it-taħlita tkun tikkonsisti biss f'żerriegħa standard, jew f'żerriegħa ċċertifikata u standard~~***fil-każijiet l-oħra kollha***. **[Em. 126]**

Għall-iskopijiet tat-tieni subparagrafu, il-punt (a), l-operaturi professjonisti għandhom jippreżentaw lill-awtorità kompetenti l-lista ta' varjetajiet kostitwenti ***u komponenti taż-żerriegħa kummerċjali*** tat-taħlita u l-proporzjonijiet tagħhom, għall-verifika tal-eliġibbiltà ta' dawk il-varjetajiet. **[Em. 127]**

2. Taħlitiet taż-żrieragħ imsemmijin fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu prodotti biss minn operaturi professjonisti, li jkunu awtorizzati għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti. Sabiex jirċievu awtorizzazzjoni għall-produzzjoni ta' taħlitiet bħal dawn, l-operaturi professjonisti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikunu installaw tagħmir xieraq għat-taħlit u proċeduri xierqa li jiżguraw li t-taħlita lesta tkun uniformi u li jkun jista' jinkiseb il-proporzjon iddikjarat bejn il-varjetajiet tal-komponenti f'kull kontenitur;

(b) ikollhom persuna responsabbli li jkollha responsabbiltà diretta għall-operazzjoni ta' taħlit u ta' imballaġġ; u

(c) iżommu reġistru tat-taħlitiet taż-żrieragħ u tal-użu maħsub tagħhom.

3. L-operazzjoni ta' taħlit u ta' imballaġġ taż-żrieragħ imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandha titwettaq taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti.

L-operazzjoni tat-taħlit għandha titwettaq b'mod li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' preżenza ta' żrieragħ mhux maħsubin għall-inklużjoni u li t-taħlita li tirriżulta tkun omoġena kemm jista' jkun.

Il-piż taż-żerriegħa f'kontenitur uniku, li jikkonsisti f'taħlita kemm ta' speċi ta' żerriegħa żgħira kif ukoll ta' speċi li ż-żerriegħa tagħhom tkun akbar mid-daqs tal-qamħ, ma għandux jaqbeż l-40 kg.

4. Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tispeċifika, fuq il-bażi tal-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi u tal-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, regoli dwar:

(a) it-tagħmir u l-proċedura tat-taħlit;

(b) id-daqsijiet massimi tal-lottijiet għal speċijiet u għal varjetajiet partikolari.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

Artikolu 22

Taħlitiet ta' preservazzjoni

1. Permezz ta' deroga ***mill-Artikoli 5 sa 8 u*** mill-Artikolu 21(1), l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' taħlita taż-żrieragħ ta' diversi ġeneri jew speċi elenkati ~~fil-Parti A~~***fil-Partijiet A, B u C*** tal-Anness I, ~~kif ukoll ta' varjetajiet differenti ta' dawk il-ġeneri jew speċijiet, flimkien ma' żrieragħ ta'~~***u*** ġeneri jew ta' speċijiet ta' partijiet oħrajn ta' dak l-Anness, jew ta' ġeneri jew speċijiet mhux elenkati f'dak l-Anness, jekk ~~taħlita bħal din tissodisfa~~***taħlit bħal dan jissodisfa*** l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: **[Em. 128]**

(a) ~~tikkontribwixxi~~***jikkontribwixxu*** għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi, jew għar-restawr tal-ambjent naturali; u **[Em. 129]**

(b) ~~tkun assoċjata~~***ħuma assoċjati*** b'mod naturali ma' żona partikolari ("~~żona tas-sors~~***regjun ta' oriġini***") li tikkontribwixxi għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi jew għar-restawr tal-ambjent naturali; **[Em. 130]**

(c) ~~tikkonforma~~***jikkonformaw*** mar-rekwiżiti tal-Anness V; **[Em. 131]**

(ca) ma jikkonsistux fi pjanta OĠM jew fi pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 kif definit fl-Artikolu 3(7) tar-Regolament (UE).../...[ir-Regolament dwar l-NGT] jew minn pjanta tal-NGT tal-kategorija 2 kif definit fl-Artikolu 3(8) ta' dak ir-Regolament. **[Em. 132]**

~~Taħlita bħal din tkun tikkostitwixxi "taħlita~~***Taħlit bħal dan ikun jikkostitwixxi "taħlit*** ta' preservazzjoni" u dan għandu jissemma fuq it-tikketta ~~tagħha~~***tagħhom***. **[Em. 133]**

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 75, li jemenda l-Anness V rigward l-elementi li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti dwar l-awtorizzazzjoni għal taħlitiet ta' żrieragħ miġburin direttament minn post naturali li jappartjeni għal ~~żona tas-sors definita~~***reġjun ta' oriġini definit***, għall-konservazzjoni u għar-restawr tal-ambjent naturali (taħlitiet ta' preservazzjoni maħsudin direttament); **[Em. 134]**

(b) ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għat-taħlitiet ta' preservazzjoni mkabbrin mill-għelejjel;

(c) l-użu u l-kontenut ta' ċerti speċijiet;

(d) ir-rekwiżiti dwar l-issiġillar u l-imballaġġ;

(e) ir-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni tal-operaturi professjonisti.

Dawk ~~l-emendi~~***l-atti delegati*** għandhom ikunu bbażati fuq l-esperjenza miġbura mill-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, u fuq kwalunkwe żvilupp tekniku u xjentifiku u fuq it-titjib tal-kwalità u tal-identifikazzjoni tat-taħlitiet ta' preservazzjoni. Dawn jistgħu jikkonċernaw ġeneri jew speċijiet partikolari biss. **[Em. 135]**

3. L-operaturi professjonisti għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi, għal kull staġun tal-produzzjoni, l-ammont ta' taħlitiet ta' preservazzjoni prodotti u kkummerċjalizzati minnhom.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw, fuq talba, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn, l-ammont ta' taħlitiet ta' preservazzjoni prodotti u kkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom u, meta applikabbli, l-ismijiet tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti jew tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti għal dan l-għan.

Artikolu 23

Imballaġġ mill-ġdid u tikkettar mill-ġdid tal-lottijiet ta' ~~żrieraġħ~~*PRM* [Em. 136]

1. Il-lottijiet ta' ~~żrieraġħ~~***PRM*** ta' żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata għandhom jiġu imballati mill-ġdid u ttikkettati mill-ġdid f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Artikoli 14 u 15, meta dan ikun meħtieġ għall-qsim jew għat-tgħaqqid tal-lottijiet. **[Em. 137]**

2. L-imballaġġ mill-ġdid u t-tikkettar mill-ġdid ta' lott ta' ~~żrieraġħ~~***PRM*** għandhom jitwettqu minn dawn: **[Em. 138]**

(a) l-operaturi professjonisti taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti; jew

(b) kampjunatur taż-żrieragħ, li jkun awtorizzat u ssorveljat għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti u jirrapporta lilha.

Fil-każ tal-punt (b), l-operatur professjonist għandu jiġi nnotifikat minn qabel mill-awtorità kompetenti sabiex tiġi organizzata l-kooperazzjoni tagħha mal-persuni li jieħdu l-kampjuni taż-żrieragħ.

3. L-operatur professjonist u l-kampjunatur taż-żrieragħ li jwettqu l-imballaġġ mill-ġdid u t-tikkettar mill-ġdid tal-lottijiet taż-żrieragħ għandhom jieħdu l-passi kollha sabiex jiżguraw li matul l-operazzjoni ta' imballaġġ mill-ġdid, jinżammu l-identità u l-purità varjetali tal-lott taż-żrieragħ, ma sseħħ l-ebda kontaminazzjoni, u li l-lott taż-żrieragħ li jirriżulta jkun kemm jista' jkun omoġenu.

4. L-operaturi professjonisti u l-kampjunatur taż-żrieragħ għandhom iżommu rekords, matul l-imballaġġ mill-ġdid u t-tikkettar mill-ġdid tal-lottijiet taż-żrieragħ, għal 3 snin wara t-tikkettar mill-ġdid u l-imballaġġ mill-ġdid rispettivi. L-informazzjoni li tinsab fir-rekords għandha tinkludi:

(a) in-numru ta' referenza tal-lott taż-żrieragħ oriġinali;

(b) in-numru ta' referenza tal-lott taż-żrieragħ ippakkjat mill-ġdid jew imballati mill-ġdid;

(c) il-piż tal-lott taż-żrieragħ oriġinali;

(d) il-piż tal-lott taż-żrieragħ imballat mill-ġdid jew ittikkettat mill-ġdid;

(e) id-data tad-disponiment finali tal-lott.

Dawk ir-rekords għandhom jinżammu f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni u l-verifika tal-awtentiċità tal-lott taż-żrieragħ oriġinali, li jkun soġġett għall-imballaġġ mill-ġdid u għat-tikkettar mill-ġdid. Għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti jekk din titlobhom.

5. Is-siġilli u t-tikketti oriġinali għandhom jitneħħew mil-lott taż-żrieragħ. L-operaturi professjonisti jew il-kampjunatur taż-żerriegħa għandu jżomm ukoll it-tikketta, li tkun ġiet issostitwita, ta' kull lott taż-żrieragħ komponenti.

It-tikketti l-ġodda għandhom jew jiddikjaraw in-numru ta' referenza tal-lott taż-żrieragħ oriġinali jew numru ta' referenza ġdid tal-lott taż-żrieragħ assenjat mill-awtorità kompetenti.

6. Meta l-awtorità kompetenti tassenja numru ta' referenza ġdid tal-lott taż-żrieragħ, hija għandha jew iżżomm rekord tan-numru ta' referenza preċedenti tal-lott taż-żrieragħ jew tiżgura li dan in-numru preċedenti jkun inkluż fuq it-tikketti l-ġodda.

7. L-imballaġġ mill-ġdid tat-taħlitiet ta' żerriegħa ċċertifikata jista' jsir biss meta l-operatur professjonist jew il-kampjunatur taż-żrieragħ ikun stabbilixxa li s-sehem tal-komponenti differenti fi ħdan taħlita jkun se jinżamm matul il-proċess tal-imballaġġ mill-ġdid.

Artikolu 24

Testijiet b'roqgħa ta' kontroll għaż-żrieragħ prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati

1. Wara l-produzzjoni taż-żrieragħ prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu testijiet annwali fuq il-post, immedjatament wara, jew matul, l-istaġun ta' wara t-teħid tal-kampjuni, flimkien mal-ispezzjoni fuq il-post, fi rqajja' fejn il-varjetà titqabbel ma' kampjun taż-żerriegħa vvalidat uffiċjalment tal-varjetà sabiex jiġi aċċertat li l-karatteristiċi tal-varjetajiet ikunu baqgħu l-istess fil-proċess tal-produzzjoni u sabiex jiġu vverifikati l-identità u l-purità varjetali ta' lottijiet taż-żrieragħ individwali.

Dawk it-testijiet għandhom jintużaw għall-valutazzjoni ta':

a) jekk ir-rekwiżiti għall-kategoriji jew għall-ġenerazzjonijiet li jmiss ikunux issodisfati. Meta, bħala riżultat ta' testijiet bħal dawn tal-kategorija jew tal-ġenerazzjoni immedjatament dixxendenti, jiġi stabbilit li l-identità jew il-purità varjetali taż-żrieragħ ma tkunx inżammet, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tiċċertifika ż-żerriegħa derivata mil-lott ikkonċernat;

b) li żerriegħa bħal din tikkonforma mar-rekwiżiti rispettivi tal-identità, tal-kwalità u ma' rekwiżiti oħrajn ta' ċertifikazzjoni. Meta, bħala riżultat ta' test bħal dan, jiġi stabbilit li r-rekwiżiti tal-Artikolu 7 ma jkunux ġew issodisfati, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-lott ikkonċernat mis-suq jew tiżgura li tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli.

2. Is-sehem ta' dawn it-testijiet b'roqgħa ta' kontroll għaż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju dwar in-nuqqas ta' konformità possibbli taż-żrieragħ mar-rekwiżiti rispettivi.

3. Fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2, it-testijiet b'roqgħa ta' kontroll għandhom jitwettqu permezz ta' kampjuni meħudin mill-awtorità kompetenti miż-żerriegħa maħsuda.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 75, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu r-regoli għat-testijiet b'roqgħa ta' kontroll taż-żrieragħ għal kull ġeneru jew speċi. Dawk ir-regoli għandhom jadattaw għall-iżvilupp tal-għarfien xjentifiku u tekniku u għall-istandards internazzjonali, u jistgħu jiġu stabbiliti għal kull ġeneru, speċi jew kategorija partikolari. Dawn jista' jkollhom x'jaqsmu ma' dawn li ġejjin:

(a) il-kriterji għat-twettiq tal-analiżi tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2;

(b) il-proċedura tat-testijiet;

(c) l-evalwazzjoni tar-riżultati tat-testijiet.

5. Fil-każ ta' kontroll tal-identità u tal-purità varjetali, l-użu ta' tekniki bijomolekulari jista' jintuża bħala għodda supplimentari meta r-riżultati tat-testijiet b'roqgħa ta' kontroll imsemmijin fil-paragrafu 1 ma jkunux konklużivi

Artikolu 25

Testijiet b'roqgħa ta' kontroll għaż-żrieragħ standard

1. Wara l-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ standard, l-awtoritajiet kompetenti għandhom***, jekk indikat hekk mill-analiżi tar-riskju,*** iwettqu testijiet b'roqgħa ta' kontroll sabiex jivverifikaw jekk iż-żrieragħ jikkonformawx mar-rekwiżiti ~~rispettivi tal-identità varjetali u tal-purità varjetali, u ma' rekwiżiti oħrajn~~***stabbiliti fl-Artikolu 8 u fl-Anness III***, kif xieraq. **[Em. 139]**

2. Is-sehem tat-testijiet b'roqgħa ta' kontroll għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju dwar in-nuqqas ta' konformità possibbli taż-żrieragħ rispettivi ma' dawk ir-rekwiżiti. ***Tali analiżi tar-riskju għandha titwettaq mill-awtorità kompetenti abbażi tal-karatteristiċi territorjali, l-eżistenza ta' riskji għas-saħħa tal-pjanti fir-reġjun, u r-rekord tal-operatur professjonist.*** **[Em. 140]**

3. Fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli rispettivi, it-testijiet b'roqgħa ta' kontroll imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu kull sena, billi jintużaw kampjuni meħudin mill-awtorità kompetenti minn lottijiet taż-żrieragħ omoġeni. Dawk it-testijiet għandhom jivvalutaw l-identità u l-purità varjetali taż-żerriegħa kkonċernata, u r-rata tal-ġerminazzjoni u l-purità analitika tagħha.

4. Fil-każ tal-kontroll tal-identità u tal-purità varjetali, l-użu ta' tekniki bijomolekulari jista' jintuża bħala għodda supplimentari meta r-riżultati tat-testijiet b'roqgħa ta' kontroll imsemmijin fil-paragrafu 1 ma jkunux konklużivi.

TAQSIMA 7

Derogi mir-rekwiżiti tal-Artikoli 5 sa 25

Artikolu 26

PRM li jappartjeni għall-varjetajiet ta' konservazzjoni

1. B'deroga mill-Artikolu 20, il-PRM ***tal-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV u*** li jappartjeni għall-varjetà ta' konservazzjoni rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 44(1)(b), jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni bħala żerriegħa jew materjal standard, jekk jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li jikkonċernaw żerriegħa u materjal standard għall-ispeċijiet rispettivi, kif imsemmi fl-Artikolu 8. **[Em. 141]**

2. Il-PRM imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun akkumpanjat minn tikketta ta' operatur bl-indikazzjoni "Varjetà ta' konservazzjoni".

3. L-operatur professjonist li juża din id-deroga għandu jinnotifika kull sena lill-awtorità kompetenti din l-attività~~, fir-rigward tal-ispeċijiet u tal-kwantitajiet ikkonċernati~~. **[Em. 142]**

Artikolu 27

PRM ta' materjal eteroġenu

1. B'deroga mill-Artikolu 5, il-PRM ta' materjal eteroġenu***, bl-esklużjoni tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' pjanti tal-għalf elenkati fl-Anness I,*** jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni mingħajr ma jkun jappartjeni għal varjetà. ~~Il-materjal~~***Il-PRM ta' materjal*** eteroġenu għandu jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti u rreġistrat minnha qabel il-produzzjoni u/jew il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VI. **[Em. 143]**

2. B'deroga mill-Artikolu ~~7(1), (3) u mill-Artikolu 8(1), (3)~~***7, l-Artikolu 8, l-Artikolu 13(2) u (5) u l-Artikoli 18 u 20***, il-PRM ta' materjal eteroġenu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi prodott u kkummerċjalizzat f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VI. **[Em. 144]**

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 75, li jemenda l-Anness VI. Dawk l-emendi jistgħu jikkonċernaw il-ġeneri jew l-ispeċijiet kollha jew uħud partikolari biss, u għandhom:

(a) itejbu l-provvista ta' informazzjoni fin-notifiki, fid-deskrizzjoni u fl-identifikazzjoni tal-PRM eteroġenu, fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tar-regoli rispettivi;

(b) itejbu r-regoli dwar l-imballaġġ u t-tikkettar tal-PRM eteroġenu, fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba bil-kontrolli mwettqin mill-awtoritajiet kompetenti;

(c) itejbu r-regoli dwar is-selezzjoni konservattiva tal-PRM eteroġenu, ***meta applikabbli,*** fuq il-bażi tal-aħjar prattiki li jirriżultaw. **[Em. 145]**

Dawk l-emendi għandhom jiġu adottati sabiex jadattaw għall-iżvilupp tal-evidenza teknika u xjentifika rispettiva, u għall-istandards internazzjonali, u sabiex jingħata segwitu għall-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu rigward il-ġeneri jew l-ispeċijiet kollha jew uħud minnhom biss.

4. Kwalunkwe operatur professjonist li jipproduċi u/jew li jkollu l-ħsieb li jikkummerċjalizza l-PRM ta' materjal eteroġenu għandu jippreżenta notifika lill-awtorità kompetenti qabel il-kummerċjalizzazzjoni. Jekk ma tintalab l-ebda informazzjoni ulterjuri mill-awtorità nazzjonali kompetenti fi żmien ~~determinat~~***tliet xhur*** mill-awtorità kompetenti, il-PRM ta' materjal eteroġenu jista' jiġi kkummerċjalizzat. **[Em. 146]**

5. L-operatur professjonisti għandu jiżgura t-traċċabilità tal-PRM ta' materjal eteroġenu billi jżomm informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-operaturi professjonist li jkunu fornewh bil-materjal inizjali użat għall-produzzjoni (materjal ġenitur) ta' materjal eteroġenu.

L-operatur professjonist għandu jżomm dik l-informazzjoni għal 5 snin.

L-operatur professjonist li jipproduċi l-PRM ta' materjal eteroġenu maħsub għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jirreġistra u jżomm ukoll l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-ispeċi u d-denominazzjoni użati għal kull materjal eteroġenu nnotifikat;

(b) it-tip ta' teknika użata għall-produzzjoni tal-materjal eteroġenu kif imsemmi fil-paragrafu 1;

(c) il-karatterizzazzjoni tal-materjal eteroġenu nnotifikat;

(d) il-post tat-tnissil ***jew tal-produzzjoni*** tal-PRM ta' materjal eteroġenu ~~u l-post tal-produzzjoni~~; **[Em. 147]**

(e) l-erja tas-superfiċje għall-produzzjoni tal-PRM ta' materjal eteroġenu u l-kwantità prodotta.

L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu***, fil-kuntest ta' kontroll ta' wara l-kummerċjalizzazzjoni***. **[Em. 148]**

6. L-Artikolu 54 għandu japplika kif xieraq għall-adegwatezza tad-denominazzjoni tal-materjal eteroġenu.

7. Il-materjal eteroġenu kif innotifikat skont il-paragrafu 1 għandu jiġi rreġistrat mill-awtoritajiet kompetenti f'reġistru dedikat ("reġistru tal-materjali eteroġeni"). ***Ir-reġistrazzjoni għandha tkun bla ħlas għall-operatur professjonist.*** **[Em. 149]**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu, jaġġornaw u jippubblikaw dak ir-reġistru, ***jagħmluh aċċessibbli online*** u jinnotifikaw minnufih il-kontenut tiegħu u l-aġġornamenti fih lill-Kummissjoni. **[Em. 150]**

Artikolu 28

PRM ikkummerċjalizzat lill-utenti finali

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 5 - 12, 14, 15 u 20, il-PRM jista' jiġi kkummerċjalizzat lill-utenti finali jekk jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) ikollu tikketta ta' operatur bid-denominazzjoni tal-PRM u bl-indikazzjoni "Materjal riproduttiv tal-pjanti għall-utenti finali – mhux iċċertifikat uffiċjalment" jew, fil-każ ta' żrieragħ, "Żrieragħ għall-utenti finali – mhux iċċertifikati uffiċjalment";

(b) f'każ li ma jkunux jappartjenu għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 44, ikollu deskrizzjoni magħmula disponibbli għall-pubbliku, fuq il-bażi ta' dokumentazzjoni privata, f'katalogu kummerċjali miżmum mill-operatur professjonist. Din id-dokumentazzjoni privata għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni mill-operatur professjonist fuq talba lill-awtorità kompetenti;

(c) ikun prattikament ħieles minn pesti ta' kwalità u minn kwalunkwe difett li x'aktarx inaqqas il-kwalità tiegħu bħala materjal riproduttiv, u għandu jkollu saħħa u dimensjonijiet sodisfaċenti fir-rigward tal-utilità tiegħu bħala PRM, u, fil-każ ta' żrieragħ, għandu jkollu kapaċità tal-ġerminazzjoni sodisfaċenti; u

(d) għandu jiġi kkummerċjalizzat bħala pjanti individwali, jew, fil-każ taż-żrieragħ u tat-tuberi, f'pakketti żgħar.

L-operatur professjonist li juża din id-deroga għandu jinnotifika din l-attività lill-awtorità kompetenti kull sena~~, fir-rigward tal-ispeċijiet u tal-kwantitajiet ikkonċernati~~. **[Em. 151]**

~~2. Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dwar id-daqs, il-forma, l-issiġillar u r-rekwiżiti dwar l-immaniġġar li jikkonċernaw il-pakketti ż-żgħar imsemmijin fl-paragrafu 1, il-punt (d).~~

~~Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).~~ **[Em. 152]**

Artikolu 29

PRM ikkummerċjalizzat lil*, minn, bejn u fi ħdan* ~~u bejn banek tal-ġeni,~~ organizzazzjonijiet u networks *iddedikati għall-konservazzjoni dinamika* [Em. 153]

1. B'deroga mill-Artikoli 5 sa 25, il-PRM jista' jiġi kkummerċjalizzat lil, ~~jew bejn, banek tal-ġeni,~~***minn, bejn u fi ħdan*** organizzazzjonijiet u networks***, inklużi bdiewa, iddedikati għall-konservazzjoni dinamika*** ~~b'objettiv statutorju, jew b'objettiv uffiċjali nnotifikat lill-awtorità kompetenti, sabiex jiġu kkonservati r-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti,~~ meta kwalunkwe waħda mill-attivitajiet titwettaq mingħajr skop ta' qligħ. **[Em. 154]**

Jista' jiġi kkummerċjalizzat ukoll minn dawk ~~il-banek tal-ġeni,~~ l-organizzazzjonijiet u n-networks ***tal-konservazzjoni jew il-membri tagħhom*** lil persuni li jwettqu l-konservazzjoni ***dinamika*** ta' dak il-PRM bħala konsumaturi finali, ~~mingħajr skop~~***jew għal skopijiet*** ta' ~~qligħ~~***biedja professjonali***. **[Em. 155]**

Fil-każijiet previsti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, il-PRM għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ~~ikun elenkat~~***ikunu elenkati*** f'reġistru miżmum minn dawk ~~il-banek tal-ġeni,~~ l-organizzazzjonijiet u n-networks ***tal-konservazzjoni*** b'deskrizzjoni ~~xierqa~~***bażika*** ta' dak il-PRM***, f'każ li ma jappartjenix għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 44***; **[Em. 156]**

(b) ikun ikkonservat minn dawk ~~il-banek tal-ġeni,~~ l-organizzazzjonijiet u n-networks ***tal-konservazzjoni, u, meta l-kwantitajiet jippermettu dan,*** ~~, u~~ kampjuni ta' dak il-PRM jitqiegħdu għad-dispożizzjoni minn dawn għall-awtoritajiet kompetenti meta jitolbuhom; u **[Em. 157]**

(c) ikun prattikament ħieles minn pesti ta' kwalità u minn kwalunkwe difett li x'aktarx inaqqas il-kwalità tiegħu bħala materjal riproduttiv~~, u jkollu saħħa u dimensjonijiet sodisfaċenti fir-rigward tal-utilità tiegħu bħala PRM, u, fil-każ taż-żriegħ, ikollu kapaċità tal-ġerminazzjoni sodisfaċenti~~. **[Em. 158]**

2. ~~Il-banek tal-ġeni,~~ L-organizzazzjonijiet u n-networks ***tal-konservazzjoni*** għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar l-użu tad-deroga msemmija fil-paragrafu 1 u l-ispeċijiet ikkonċernati. **[Em. 159]**

Artikolu 30

~~Żerriegħa skambjata in natura~~*PRM skambjat* bejn il-bdiewa [Em. 160]

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 5 ***-sa*** 25, il-bdiewa jistgħu jiskambjaw ~~iż-żriegħ~~***il-PRM*** in natura ***jew għal kumpens monetarju, jekk PRM bħal dan jissodisfa l-kundizzjonijiet***~~, jekk żriegħ bħal dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet~~ kollha li ġejjin: **[Em. 161]**

(1) ~~ikunu ġew prodotti~~***ikun ġie prodott*** fil-bini proprju tal-bidwi rispettiv; **[Em. 162]**

(2) ~~ikunu derivati mill-ħsad proprju~~***ikun derivat mill-għelejjel proprji*** tal-bidwi rispettiv; **[Em. 163]**

(3) ***fil-każ taż-żrieragħ, ma jkunx soġġett***~~ma jkunux soġġetti~~ għal kuntratt ta' servizz imwettaq mill-bidwi rispettiv ma' operatur professjonist li jwettaq il-produzzjoni taż-żrieragħ; u **[Em. 164]**

(4) ~~iż-żerriegħa tintuża~~***il-PRM jintuża*** għall-ġestjoni dinamika ~~taż-żerriegħa proprja~~***u għall-konservazzjoni tal-PRM proprju*** tal-bidwi bl-iskop li ~~tikkontribwixxi~~***jikkontribwixxi*** għall-agrodiversità. **[Em. 165]**

2. ~~Żrieragħ bħal dawn għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti~~***PRM bħal dan għandu jissodisfa r-rekwiżiti*** kollha li ġejjin: **[Em. 166]**

(a) ma jappartjenux għal varjetà li għaliha jkunu ngħataw drittijiet fuq il-varjetà tal-pjanta f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2100/94;

(b) ~~ikunu limitati għal~~***ikun limitat fi*** kwantitajiet ~~żgħar, definiti mill-awtoritajiet kompetenti għal speċijiet speċifiċi għal kull sena u għal kull bidwi~~, mingħajr l-użu ta' intermedjarji kummerċjali jew ta' offerta pubblika ta' kummerċjalizzazzjoni; u **[Em. 167]**

(c) ~~ikunu~~***ikun*** prattikament ~~ħielsa~~***ħieles*** minn pesti ta' kwalità u minn kwalunkwe difett li x'aktarx ikollu impatt fuq il-kwalità ~~tagħhom bħala żrieragħ, u~~***tiegħu u, għaż-żrieragħ,*** għandu ~~jkollhom~~***jkollu*** kapaċità tal-ġerminazzjoni sodisfaċenti. **[Em. 168]**

~~3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw kull sena lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar l-ammonti għal kull speċi definita f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (b).~~ **[Em. 169]**

Artikolu 30a

Kwantità massima ta' kull speċi li tista' tiġi skambjata

***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75, li jissupplimentaw dan ir-Regolament, sabiex tistabbilixxi, għal kull speċi, il-kwantità massima li tista' tiġi skambjata, imsemmija fl-Artikolu 30(2), il-punt (b). Dik il-kwantità għandha tiġi stabbilita filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-bdiewa professjonali fuq skala żgħira kif ukoll ir-riskji għas-saħħa tal-pjanti, filwaqt li jiġu promossi l-iżvilupp u ż-żamma ta' diversi sistemi tal-biedja.* [Em. 170]**

~~*Artikolu 31*~~

~~**Żerriegħa tan-nissiel**~~

~~1. B'deroga mill-Artikoli 5 -25, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza lill-operaturi jikkummerċjalizzaw żerriegħa ta' ġenerazzjonijiet li jippreċedu l-kategorija preżenti lil operatur ieħor, għal skop tat-tnissil ta' varjetajiet ġodda (żerriegħa tan-nissiela).~~

~~L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina d-durata tal-awtorizzazzjoni u l-kwantitajiet għal kull speċi, meta tagħti dik l-awtorizzazzjoni.~~

~~2. Il-PRM imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun akkumpanjat minn tikketta maħruġa mill-operatur professjonist, bl-indikazzjoni "żerriegħa tan-nissiel", li għandha titwaħħal, kif applikabbli, fuq il-kontenitur, fuq il-gozz jew fuq il-pakkett ta' dak il-materjal.~~

~~Għandu jiġi ssiġillat u jkollu numru tal-lott li għandu jintuża għall-iskopijiet ta' identifikazzjoni u għall-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll qabel ma jintuża bħala żerriegħa preżenti.~~ [Em. 171]

Artikolu 32

PRM ta' varjetajiet li għadhom ma humiex reġistrati

1. B'deroga mill-Artikolu 5, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza lill-operaturi professjonisti jipproduċu u jikkummerċjalizzaw, għall-iskopijiet tal-multiplikazzjoni, iż-żrieragħ preżenti, il-materjal preżenti, iż-żrieragħ bażiċi u l-materjal bażiku***, iż-żerriegħa standard u l-materjal standard*** li jappartjenu għal varjetà li tkun għadha ma ġietx irreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, imsemmi fl-Artikolu 44, jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin: [Em. 172]

(a) is-setturi tal-kummerċjalizzazzjoni rispettivi jeħtieġ li jiksbu dak il-materjal jew dawk iż-żrieragħ minn qabel, sabiex ikun hemm biżżejjed stokkijiet disponibbli, meta l-varjetà rispettiva tkun se tiġi rreġistrata; u

(b) ma jkun hemm l-ebda riskju li awtorizzazzjoni bħal din se twassal għal identifikazzjoni jew għal kwalità insuffiċjenti tal-PRM kummerċjalizzat; u

(c) il-PRM rispettiv jappartjeni għal varjetà li għaliha tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għar-reġistrazzjoni f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet skont l-Artikolu 55.

Awtorizzazzjoni bħal din tista' tingħata għal perjodu massimu ta' 3 snin fil-każ ta' żrieragħ, u għal 5 snin fil-każ tal-PRM għajr iż-żrieragħ, u għal kwantitajiet ~~żgħar~~***limitati*** għal kull speċi kif speċifikat mill-awtorità kompetenti ***f'korrelazzjoni mal-volum tal-produzzjoni fil-livell tal-Istati Membri***. [Em. 173]

Din id-deroga ma għandhiex tapplika għall-PRM li jikkonsisti f'organiżmu ġenetikament modifikat fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2001/18/KE. [Em. 174]

2. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 5, 7, 10-12, 15, 20, 23 u 24, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza lill-operaturi professjonisti għal perjodu massimu ta' 3 snin fil-każ taż-żrieragħ, u ta' 5 snin fil-każ tal-PRM għajr iż-żrieragħ, u għal kwantitajiet ~~żgħar~~***limitati*** għal kull speċi kif iddeterminati mill-awtorità kompetenti, ~~sabiex~~***f'korrelazzjoni mal-volum tal-produzzjoni fil-livell tal-Istati Membri, biex*** jipproduċu u jikkummerċjalizzaw il-PRM li jappartjeni għal varjetà li tkun għadha ma ġietx irreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 44, jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin: [Em. 175]

(a) il-PRM awtorizzat jintuża biss għal testijiet jew għal provi mwettqin minn operaturi professjonisti, sabiex tingħabar informazzjoni dwar il-kultivazzjoni jew l-użu tal-varjetà kkonċernata fl-azjendi agrikoli;

(b) il-kummerċjalizzazzjoni ssir biss lil dawk l-operaturi professjonisti, mingħajr aktar kummerċjalizzazzjoni minn hemm 'il quddiem, li jipproduċu rapport dwar ir-riżultati tat-testijiet jew tal-provi, fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-kultivazzjoni jew l-użu ta' dik il-varjetà;

(c) ma jkun hemm l-ebda riskju li awtorizzazzjoni bħal din se twassal għal identifikazzjoni jew għal kwalità insuffiċjenti tal-PRM kummerċjalizzat; u

(d) il-PRM awtorizzat jikkonforma mar-rekwiżiti tal-PRM standard għall-ispeċijiet rispettivi.

3. Sabiex jikseb l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-operatur professjonist għandu jippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti talba, li tindika l-informazzjoni dwar dawn li ġejjin:

~~(a) il-produzzjoni tal-istokk taż-żrieragħ u tal-materjal prebażiċi, u taż-żrieragħ u tal-materjal bażiku, u taż-żrieragħ u tal-materjal iċċertifikati disponibbli qabel ir-reġistrazzjoni tal-varjetà u t-testijiet u l-provi previsti għaż-żrieragħ u għall-materjal standard;~~ **[Em. 176]**

(b) ir-referenza tan-nissiel tal-varjetà indikata fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni;

(c) il-proċedura għall-manutenzjoni tal-varjetà, meta tkun applikabbli;

(d) l-awtorità li quddiemha tkun pendenti l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-varjetà, u r-referenza assenjata lil dik l-applikazzjoni,

~~(e) is-sit fejn se ssehh il-produzzjoni; u~~ **[Em. 177]**

~~(f) il-kwantitajiet tal-materjal li jkunu se jitqiegħdu fis-suq.~~ **[Em. 178]**

4. L-Istati Membri li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu taw l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinformaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'dan kull sena.

5. Il-PRM imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun akkumpanjat minn tikketta, maħruġa mill-operatur professjonist, bl-indikazzjoni "Varjetà li għadha ma hijiex elenkata".

Artikolu 33

Awtorizzazzjoni f'każijiet ta' diffikultajiet temporanji fil-provvista

1. Sabiex tneħħi d-diffikultajiet temporanji fil-provvista ġenerali tal-PRM li jistgħu jseħħu fl-Unjoni minħabba kundizzjonijiet klimatiċi negattivi jew ċirkostanzi oħrajn mhux previsti, il-Kummissjoni~~, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tista'~~ ***għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75, li jemendaw dan ir-Regolament, sabiex*** tawtorizza lill-Istati Membri għal perjodu massimu ta' sena, jippermettu l-kummerċjalizzazzjoni tal-kategoriji tal-materjal jew taż-żerriegħa prebażika, bażika jew iċċertifikata, li tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: **[Em. 179]**

(a) tappartjeni għal varjetà mhux inkluża f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet; jew

(b) tikkonforma mar-rekwiżiti anqas stringenti mir-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 7(1).

Il-punt (a) għandu japplika permezz ta' deroga mill-Artikoli 5, u l-punt (b) għandu japplika permezz ta' deroga mill-Artikoli 7(1).

Dak l-att ~~ta' implimentazzjoni jista'~~***delegat għandu*** jistabbilixxi l-kwantitajiet massimi, li jistgħu jiġu kkummerċjalizzati għal kull ġeneru jew speċi. **[Em. 180]**

~~Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).~~ **[Em. 181]**

2. Il-PRM imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun akkumpanjat minn tikketta li tiddikjara, kif applikabbli, li l-PRM inkwistjoni jappartjeni għal varjetà mhux reġistrata jew jissodisfa rekwiżiti ta' kwalità anqas stretti minn dawk imsemmijin fl-Artikolu 7(1).

3. ~~Permezz tal-att ta' implimentazzjoni,~~ Il-Kummissjoni ~~tista'~~***għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75, li jemendaw dan ir-Regolament, sabiex*** tiddeċiedi li l-awtorizzazzjoni kkonċernata trid titħassar jew tiġi emendata, jekk tikkonkludi li ma tibqax meħtieġa jew proporzjonata għall-objettiv li jitneħħew id-diffikultajiet temporanji fil-provvista ġenerali tal-PRM ikkonċernat. ~~Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).~~ **[Em. 182]**

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu, mingħajr ma jiksbu l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1, għal perjodu massimu ta' sena, u għal ammont limitat ta' kwantitajiet għal kull ġeneru jew speċi kif ikun meħtieġ għad-diffikultajiet fil-provvista inkwistjoni, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' żrieragħ li jissodisfaw ir-rati tal-ġerminazzjoni imnaqqsin sa 15-il punt perċentwali meta mqabblin ma' dawk stabbiliti skont l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 7(3).

4a. L-Istat Membru li juża d-deroga msemmija fil-paragrafu 4 għandu jinnotifikaha lill-Kummissjoni. **[Em. 183]**

4b. Din l-awtorizzazzjoni eċċezzjonali ma għandhiex tapplika għall-PRM li jikkonsisti f'organiżmu ġenetikament modifikat fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2001/18/KE. **[Em. 184]**

Artikolu 34

Awtorizzazzjoni provviżorja f'każijiet ta' urġenza għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ mhux iċċertifikati bħala konformi mar-rekwiżiti applikabbli dwar il-kwalità

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, għal perjodu massimu ta' xahar, il-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ bħala żrieragħ prebażiċi, bażiċi jew iċċertifikati, qabel ma jkunu ġew iċċertifikati li jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 7 dwar il-ġerminazzjoni, il-kontenut massimu ta' speċijiet oħrajn jew il-purità, jekk ikun meħtieġ li dik iż-żerriegħa tiġi kkummerċjalizzata malajr sabiex jiġu indirizzati ħtiġijiet urġenti tal-provvista.

2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata fuq il-bażi ta' rapport analitiku dwar iż-żerriegħa, maħruġ mill-operatur professjonist, li jiċċertifika l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-ġerminazzjoni, il-kontenut ta' speċijiet oħrajn jew il-purità, adottati skont l-Artikolu 7(1).

L-isem u l-indirizz tal-ewwel riċevitur taż-żrieragħ għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità kompetenti mill-operatur professjonist. L-operatur professjonist għandu jżomm l-informazzjoni dwar ir-rapport analitiku provviżorju għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti.

3. Iż-żrieragħ imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jkollhom tikketta li tindika "Awtorizzazzjoni provviżorja għall-kummerċjalizzazzjoni".

Artikolu 35

PRM li għadu ma ġiex iċċertifikat

1. Il-PRM li jkun ġie prodott fl-Unjoni, iżda li jkun għadu ma ġiex iċċertifikat bħala żerriegħa prebażika, bażika jew iċċertifikata skont l-Artikolu 7, jista' jiġi kkummerċjalizzat b'referenza għal kwalunkwe waħda minn dawk il-kategoriji, jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) qabel il-ħsad, l-awtorità kompetenti jew l-operatur professjonist taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti jkun għamel spezzjoni, u dik l-ispezzjoni tkun ikkonfermat li dak il-PRM jikkonforma mar-rekwiżiti dwar il-produzzjoni imsemmijin fl-Artikolu 7(1);

(b) ikun fil-proċess li jiġi ċċertifikat mill-awtorità kompetenti, jew mill-operatur professjonist taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti; u

(c) ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa ~~5~~ ***5a*** ikunu ssodisfati. **[Em. 185]**

2. Il-PRM imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi kkummerċjalizzat biss mill-operatur professjonist li jkun ipproduċa dak il-PRM lill-operatur professjonist li jkun se jwettaq iċ-ċertifikazzjoni. PRM bħal dan ma jistax jiġi ttrasferit ulterjorment lil xi persuna oħra qabel iċ-ċertifikazzjoni finali tiegħu.

3. Il-PRM imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun akkumpanjat minn tikketta, maħruġa mill-operatur professjonist, bl-indikazzjoni "Żrieragħ li jkunu għadhom ma ġewx iċċertifikat b'mod finali/Materjal li jkun għadu ma ġiex iċċertifikat b'mod finali".

4. Jekk l-awtorità kompetenti, fejn ikun inħasad il-PRM ("l-awtorità kompetenti tal-produzzjoni"), u l-awtorità kompetenti fejn il-PRM ikun iċċertifikat skont l-Artikolu 7 ("l-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni") ikunu differenti, huma għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' dak il-PRM.

5. Il-PRM li nħasad f'pajjiż terz, iżda li għadu ma ġiex iċċertifikat finalment bħala materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat skont l-Artikolu 7, jista' jiġi kkummerċjalizzat fl-Unjoni b'referenza għal kwalunkwe waħda minn dawk il-kategoriji, jekk:

(a) tkun ġiet adottata deċiżjoni dwar l-ekwivalenza skont l-Artikolu 39 rigward dak il-pajjiż terz;

(b) ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), il-paragrafi 2 u 3, ikunu ssodisfati, u l-operaturi professjonisti tal-pajjiż terz ikkonċernat kienu soġġetti għas-superviżjoni uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom;

(c) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru u l-pajjiż terz ikkonċernat jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' dak il-materjal bejniethom; u

(d) meta jintalbu, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat jipprovdu kull informazzjoni rilevanti dwar il-produzzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru taċ-ċertifikazzjoni.

Għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu, ir-referenzi magħmulin fil-paragrafi 1 - 5 għall-awtorità kompetenti tal-produzzjoni għandhom jinftiehmu bħala referenzi magħmulin lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat, u r-referenzi li jsiru hemm għar-rekwiżiti stabbiliti skont l-Artikolu 7(1) għandhom jinftiehmu bħala referenzi magħmulin għal rekwiżiti ekwivalenti tal-pajjiż terz, kif rikonoxxut skont l-Artikolu 39(2).

5a. Din id-deroga ma għandhiex tapplika għall-PRM li jikkonsisti f'organiżmu ġenetikament modifikat fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2001/18/KE. **[Em. 186]**

Artikolu 36

Produzzjoni u rekwiżiti aktar stretti

1. Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tawtorizza lill-Istati Membri jimponu, fir-rigward tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, rekwiżiti dwar il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni aktar stretti minn dawk imsemmijin fl-Artikoli 7 u 8, fit-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat jew f'parti minnu, dment li dawk ir-rekwiżiti aktar stretti jikkorrispondu għal kundizzjonijiet speċifiċi tal-produzzjoni u għall-ħtiġijiet agroklimatiċi f'dak l-Istat Membru fir-rigward tal-PRM rispettiv ***u ma jipprojbixxux, ma jfixklux jew ma jirrestrinġux il-moviment liberu tal-PRM li jkun f'konformità ma' dan ir-Regolament***. **[Em. 187]**

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

2. Sabiex jiksbu l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw talba lill-Kummissjoni li tistabbilixxi:

(a) l-abbozz tad-dispożizzjonijiet li fihom ir-rekwiżiti proposti; u

(b) ~~l-ġustifikazzjoni~~***ġustifikazzjoni*** dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' rekwiżiti bħal dawn ***fid-dawl tal-ispejjeż addizzjonali possibbli tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni***. **[Em. 188]**

3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-implimentazzjoni tal-abbozz tad-dispożizzjonijiet, kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (a), tiżgura t-titjib tal-identità u tal-kwalità tal-PRM ikkonċernat, u tkun iġġustifikata mill-kundizzjonijiet agrikoli jew klimatiċi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat; u

(b) l-abbozzi tad-dispożizzjonijiet ikunu meħtieġa u proporzjonati għall-objettiv tal-miżura msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a).

4. Meta applikabbli, kull Stat Membru għandu, sa … [sena wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], jirrieżamina l-miżuri li jkun adotta skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 66/401/KEE, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 66/402/KEE, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/54/KE, l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2002/55/KE, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/56/KE u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/57/KE, u jew jirrevoka dawk il-miżuri jew jemendahom sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 u adottati skont dawn.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dawk l-azzjonijiet.

Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-miżuri, kif imsemmijin fl-ewwel subparagrafu, għandhom jitħassru jew jiġu emendati, f'każ li jitqiesu li ma jkunux meħtieġa u/jew li jkunu sproporzjonati għall-objettiv tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

Artikolu 37

Miżuri ta' emerġenza

1. Meta l-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM x'aktarx li toħloq riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u għall-ambjent jew għall-kultivazzjoni ta' speċijiet oħrajn, u dan ir-riskju ma jkunx jista' jitrażżan b'mod sodisfaċenti bil-miżuri li jieħu l-Istat Membru kkonċernat, mingħajr dewmien permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu kwalunkwe miżura ta' emerġenza interim xierqa. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu limitati fiż-żmien. Jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet li jirrestringu jew jipprojbixxu l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM ikkonċernat jew li jistabbilixxu kundizzjonijiet xierqa għall-produzzjoni jew għall-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, skont il-gravità tas-sitwazzjoni.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' rifuġju jew ma' rekwiżiti oħra imposti fuq il-kultivazzjoni ta' varjetajiet li fihom jew li jikkonsistu f'organiżmi ġenetikament modifikati, il-miżuri li jirrestringu jew jipprojbixxu l-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM ikkonċernat għandhom jiġu stabbiliti sakemm jerġa' jkun hemm konformità sħiħa. **[Em. 189]**

Miżuri bħal dawn jistgħu jittieħdu fuq l-inizjattiva proprja tal-Kummissjoni jew fuq it-talba ta' Stat Membru. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati sabiex jiġi indirizzat ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih l-atti ta' implimentazzjoni applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(3).

2. Meta Stat Membru jinforma uffiċjalment lill-Kummissjoni bil-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' emerġenza, u l-Kummissjoni ma tkunx aġixxiet f'konformità mal-paragrafu 1, dak l-Istat Membru jista' jadotta l-miżuri ta' emerġenza interim xierqa***, proporzjonati u limitati fiż-żmien***. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet li jirrestringu, jipprojbixxu jew jistabbilixxu kundizzjonijiet xierqa għall-produzzjoni jew għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, skont il-gravità tas-sitwazzjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf minnufih lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati ***u l-perjodu ta' żmien li jkopru***, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu. ***Dan l-approċċ jippermetti lil Stat Membru jaġixxi malajr u b'mod effettiv f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex jipproteġi s-saħħa, l-ambjent u l-interessi ekonomiċi.*** **[Em. 190]**

3. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, li l-miżuri interim nazzjonali ta' emerġenza msemmijin fil-paragrafu 2 għandhom jitħassru jew jiġu emendati, jekk tqis li dawk il-miżuri ma jkunux ġustifikati fid-dawl tar-riskju rispettiv kif imsemmi fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2). L-Istat Membru kkonċernat jista' jżomm il-miżuri ta' emerġenza interim nazzjonali tiegħu sad-data tal-applikazzjoni tal-att(i) ta' implimentazzjoni msemmijin f'dan il-paragrafu.

Artikolu 38

Esperimenti temporanji sabiex jinstabu alternattivi aħjar għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament

1. B'deroga mill-Artikoli 2, 5, 6, 7, 8***, 9, 20, 26, 27 u 47 sa 53*** ~~u 20~~, il-Kummissjoni ~~tista', permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni ta'~~***għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi torganizza*** esperimenti temporanji sabiex tfittex alternattivi mtejbin għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-ġeneri u l-ispeċijiet li tapplika għalihom, ir-rekwiżiti għall-appartenenza ~~għal varjetà reġistrata~~***għall-PRM reġistrat jew*** ir-rekwiżiti dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni għall-materjal jew għaż-żerriegħa ~~prebażika, bażika, iċċertifikata~~***prebażiċi, bażiċi, iċċertifikati*** u standard, u l-obbligu li l-materjal jew iż-żerriegħa ~~tkun tappartjeni~~***jkunu jappartjenu*** għall-materjal jew għaż-żerriegħa ~~prebażika, bażika u ċċertifikata~~***prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati, ir-rekwiżiti dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal eteroġenu, u l-obbligu li l-materjal eteroġenu jkun jappartjeni għall-materjal jew għaż-żerriegħa prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati***. **[Em. 191]**

Dawk l-esperimenti jistgħu jieħdu l-forma ta' provi tekniċi jew xjentifiċi li jeżaminaw il-fattibbiltà u l-adegwatezza ta' rekwiżiti ġodda meta mqabblin ma' dawk stabbiliti fl-Artikoli 2, 5, 6, 7, 8***, 9, 20, 26, 27 u 47 sa 53*** ~~u 20~~ ta' dan ir-Regolament. **[Em. 192]**

2. L-atti ~~ta' implimentazzjoni msemmijin~~***delegati msemmija*** fil-paragrafu 1 ~~għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2) u~~ għandhom jispeċifikaw wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin: **[Em. 193]**

(a) il-ġeneri jew l-ispeċi ikkonċernati;

(b) il-kundizzjonijiet tal-esperimenti għal kull ġeneru jew speċi;

(c) id-durata tal-esperiment;

(d) l-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar tal-Istati Membri parteċipanti.

Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jadattaw għall-evoluzzjoni tat-tekniki għall-produzzjoni tal-PRM ikkonċernat, u għandhom ikunu bbażati fuq kwalunkwe prova komparattiva mwettqa mill-Istati Membri. **[Em. 194]**

3. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina r-riżultati ta' dawk l-esperimenti u tiġborhom fil-qosor f'rapport, filwaqt li tindika, jekk ikun meħtieġ, il-ħtieġa li jiġi emendat l-Artikolu 2, 5~~, 6, 7~~ ***sa 9***, ~~8 jew~~ 20***, 26, 27 u 47 sa 53***. **[Em. 195]**

TAQSIMA 8

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Artikolu 39

Importazzjonijiet fuq il-bażi tal-ekwivalenza tal-Unjoni

1. Il-PRM jista' jiġi importat minn pajjiżi terzi biss jekk jiġi stabbilit, skont il-paragrafu 2, li jissodisfa r-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni.

Madankollu, ~~l-ebda~~***tali*** importazzjoni ~~bħal din ma għandha tkun permessa, u l-ebda~~***ma għandhiex tiġi awtorizzata, u tali*** ekwivalenza ~~bħal din~~***lanqas*** ma għandha tiġi ~~rrikonoxxuta~~***rikonoxxuta*** skont il-paragrafu 2, ~~għat-tahlitiet ta' preservazzjoni bħal dawk imsemmijin fl-Artikolu 22, u~~ għall-PRM ~~bħal dak soġġett għad-derogi tal-Artikoli 26 - 30~~***imsemmi fl-Artikoli 22 sa 29, ħlief meta joriġina f'pajjiżi ġirien***. **[Em. 196]**

2. Il-Kummissjoni tista' tirrikonoxxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li l-PRM ta' ġeneri, ta' speċijiet jew ta' kategoriji speċifiċi prodott f'pajjiż terz, jew f'żoni partikolari ta' pajjiż terz, jissodisfa rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni, fuq il-bażi ta' dawn kollha li ġejjin:

(a) eżami bir-reqqa tal-informazzjoni u tad-data pprovduti mill-pajjiż terz ikkonċernat;

(b) awditu mwettaq mill-Kummissjoni fil-pajjiż terz ikkonċernat, li juri li l-PRM ikkonċernat jissodisfa rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-PRM prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni, meta dak l-awditu jkun tqies meħtieġ mill-Kummissjoni; u

(c) fil-każ taż-żrieragħ, il-fatt li dan il-pajjiż ikkonċernat jipparteċipa fl-Iskemi tal-OECD għaċ-Ċertifikazzjoni Varjetali taż-Żrieragħ li jimxu fil-Kummerċ Internazzjonali u jimplimenta l-metodi tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Ittestjar taż-Żrieragħ (ISTA), jew, meta applikabbli, jikkonforma mar-regoli tal-Assoċjazzjoni tal-Analisti Uffiċjali taż-Żrieragħ (AOSA).

Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha teżamina:

(a) il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz dwar l-ispeċijiet ikkonċernati;

(b) l-istruttura tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz u s-servizzi ta' kontroll tiegħu, is-setgħat disponibbli għalihom, il-garanziji li jistgħu jingħataw fir-rigward tal-applikazzjoni u tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz applikabbli għas-settur ikkonċernat, u l-affidabbiltà tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni uffiċjali;

(c) it-twettiq mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ta' kontrolli uffiċjali adegwati dwar l-identifikazzjoni u l-kwalità tal-PRM tal-ispeċijiet ikkonċernati;

(d) il-garanziji mogħtijin mill-pajjiż terz li:

(i) il-kundizzjonijiet applikati għas-siti tal-produzzjoni li minnhom jiġi esportat il-PRM lejn l-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti li huma ekwivalenti għal dawk imsemmijin f'dan l-Artikolu; u

(ii) li dawk is-siti ta' produzzjoni jkunu soġġetti għal kontrolli regolari u effettivi mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz.

Il-Kummissjoni tista' twettaq ukoll awditi sabiex tivverifika l-konformità mal-punti (b) sa (d) tat-tieni subparagrafu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

3. L-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 jista' jipprevedi wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin, kif xieraq għall-PRM rispettiv:

(a) il-kundizzjonijiet relatati mal-ispezzjonijiet fis-sit tal-produzzjoni, imwettqin f'pajjiżi terzi;

(b) fil-każ taż-żrieragħ, il-kundizzjonijiet relatati mal-ħruġ mill-pajjiż terz ta' ċertifikat ipprovdut mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Ittestjar taż-Żrieragħ;

(c) il-kundizzjonijiet relatati maż-żerriegħa li għadha ma ġietx iċċertifikata b'mod finali;

(d) il-kundizzjonijiet relatati mal-imballaġġ, mal-issiġillar u mal-immarkar tal-PRM;

(e) il-kundizzjonijiet relatati mal-produzzjoni, mal-identità u mal-kummerċjalizzazzjoni tal-PRM, minbarra dawk previsti mil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz, jekk dan ikun meħtieġ sabiex jiġu indirizzati aspetti partikolari li jikkonċernaw l-identità u l-kwalità ta' dak il-PRM;

(f) ir-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati mill-operaturi professjonist li jipproduċu u jikkummerċjalizzaw il-PRM.

4. Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tirrikonoxxi li l-kontrolli fuq is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet li jsiru fil-pajjiż terz jagħtu l-istess garanziji bħal dawk stipulati fl-Artikolu 72(1), (2) u (4), jekk il-varjetajiet irreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni jkunu se jinżammu fil-pajjiż terz ikkonċernat.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

Artikolu 40

Tikkettar u informazzjoni li għandhom jiġu pprovduti għall-PRM importat minn pajjiżi terzi

1. Iż-żrieragħ prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati msemmijin fl-Artikolu 39 jistgħu jiġu importati biss minn pajjiżi terzi, jekk ikunu akkumpanjati minn tikketta tal-OECD.

Il-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat imsemmi fl-Artikolu 39 jista' jiġi importat biss minn pajjiżi terzi jekk ikun akkumpanjat minn tikketta uffiċjali maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat.

Dawk it-tikketti għandu jkun fihom l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) l-indikazzjoni "jirrispetta l-istandards u r-regoli tal-UE";

(b) l-ispeċi, il-varjetà, il-kategorija u n-numru tal-lott tal-PRM ikkonċernat;

(c) id-data tal-għeluq, fil-każ tal-kummerċjalizzazzjoni f'kontenituri jew f'pakketti;

(d) il-pajjiż terz tal-produzzjoni u l-awtorità kompetenti rispettiva;

(e) meta applikabbli, l-aħħar pajjiż terz li minnu jiġi importat il-PRM u l-aħħar pajjiż terz fejn ikun ġie prodott il-PRM;

(f) fil-każ taż-żrieragħ, il-piż nett jew gross iddikjarat taż-żrieragħ importati jew l-għadd iddikjarat tal-lottijiet importati taż-żrieragħ;

(g) l-isem ~~tal-persuna li timporta~~***tal-utent finali, tal-bidwi jew tal-operatur professjonist li jimporta*** l-PRM. **[Em. 197]**

2. Iż-żerriegħa u l-materjal standard imsemmijin fl-Artikolu 39 jistgħu jiġu importati biss minn pajjiżi terzi, jekk ikunu akkumpanjati minn tikketta tal-operatur li jkun fiha l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) l-indikazzjoni "jirrispetta l-istandards u r-regoli tal-UE";

(b) l-ispeċi, il-varjetà, il-kategorija u n-numru tal-lott tal-PRM ikkonċernat;

(c) id-data tal-għeluq, fil-każ tal-kummerċjalizzazzjoni f'kontenituri jew f'pakketti;

(d) il-pajjiż terz tal-produzzjoni;

(e) meta applikabbli, l-aħħar pajjiż terz li minnu jiġi importat il-PRM u l-aħħar pajjiż terz fejn ikun ġie prodott il-PRM;

(f) fil-każ taż-żrieragħ, il-piż nett jew gross iddikjarat taż-żrieragħ importati jew l-għadd iddikjarat tal-lottijiet importati taż-żrieragħ;

(g) l-isem ~~tal-persuna li timporta~~***tal-utent finali, tal-bidwi jew tal-operatur professjonist li jimporta*** l-PRM. **[Em. 198]**

3. Il-PRM jista' jiġi importat biss fl-Unjoni wara l-preżentazzjoni elettronika tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jew 2 mill-importatur lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-importazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih is-Sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali (IMSOC), imsemmija fl-Artikolu 131 tar-Regolament (UE) 2017/625, dwar in-nuqqasijiet ta' konformità stabbiliti kollha tal-PRM importat fir-rigward tar-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2.

KAPITOLU III

REKWIŻITI GĦALL-OPERATURI PROFESSJONISTI

Artikolu 41

Obbligi tal-operaturi professjonisti li jipproduċu l-PRM

L-operaturi professjonisti, li jipproduċu l-PRM ***bl-għan ta' sfruttament kummerċjali***, għandhom: **[Em. 199]**

(a) ikunu stabbiliti fl-Unjoni;

(b) ikunu reġistrati fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/2031, f'konformità mal-Artikolu 66 ta' dak ir-Regolament;

(c) ikunu disponibbli personalment, jew jaħtru persuna oħra, sabiex jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti bl-iskop li jiffaċilitaw il-kontrolli uffiċjali;

(d) jidentifikaw u jimmonitorjaw il-punti kritiċi tal-proċess tal-produzzjoni, jew tal-kummerċjalizzazzjoni, li jistgħu jinfluwenzaw l-identità u l-kwalità tal-PRM;

(e) iżommu rekords tal-monitoraġġ tal-punti kritiċi msemmijin fil-punt ~~(b)~~***(d)*** u jipprovduhom għall-eżami meta mitlub mill-awtoritajiet kompetenti; **[Em. 200]**

(f) jiżguraw li l-lottijiet tal-PRM jibqgħu identifikabbli separatament;

(g) iżommu informazzjoni aġġornata dwar l-indirizz tal-bini u tal- postijiet oħrajn użati għall-produzzjoni tal-PRM;

(h) jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għall-proprjetà tal-bini u għal postijiet oħrajn tal-produzzjoni, inklużi l-bini u l-għelieqi tal-partijiet kontraenti terzi, u għar-rekords tal-monitoraġġ u għal kull dokument relatat;

(i) jieħdu miżuri, meta xieraq, sabiex iżommu l-identità tal-PRM f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

(j) jagħmlu disponibbli kwalunkwe kuntratt ma' partijiet terzi fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti.

Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (d) u (e), ma għandhomx japplikaw għall-mikrointraprizi. **[Em. 201]**

L-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 29 u 30 ma għandhomx ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. **[Em. 202]**

Artikolu 42

Traċċabilità

1. L-operaturi professjonisti għandhom jiżguraw li PRM ikun traċċabbli fl-istadji kollha tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, l-operaturi professjonisti għandhom iżommu l-informazzjoni li tippermettilhom jidentifikaw:

(a) l-operaturi professjonisti, li jkunu fornewhom biż-żrieragħ u bil-materjal ikkonċernat;

(b) il-persuni li lilhom ikunu pprovdew il-PRM u l-PRM ikkonċernat, ħlief fil-każ tal-utenti finali.

Meta jintalbu, dawn għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

3. L-operaturi professjonisti għandhom iżommu rekords tal-PRM u tal-operaturi professjonist u tal-persuni msemmijin fil-paragrafu 2 għal 3 snin wara li dak il-materjal ikun ġie fornit lilhom jew minnhom rispettivament.

3a. L-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 29 u 30 ma għandhomx ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. **[Em. 203]**

Artikolu 43

Notifika annwali dwar il-produzzjoni u ċ-ċertifikazzjoni maħsubin taż-żerriegħa u tal-materjal prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati

Kull sena, l-operaturi professjonisti għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar:

(a) l-intenzjoni tagħhom li jipproduċu materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat jew żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata, ~~tal-anqas xahar~~ qabel il-bidu ta' dik il-produzzjoni; u **[Em. 204]**

(b) il-produzzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat li beda fis-snin ta' qabel u jkompli fis-sena kkonċernata.

Dik in-notifika għandha tiddikjara l-ispeċi, il-varjetajiet u l-kategoriji tal-pjanti kkonċernati u l-post eżatt tal-produzzjoni.

KAPITOLU IV

REĠISTRAZZJONI TAL-VARJETAJIET

TAQSIMA 1

Reġistri tal-varjetajiet

Artikolu 44

Stabbiliment ta' reġistri nazzjonali tal-varjetajiet

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jippubblika, f'format elettroniku, u għandu jżomm aġġornat ***b'mod permanenti*** reġistru nazzjonali uniku tal-varjetajiet ("reġistru nazzjonali tal-varjetajiet") li jkun fih: **[Em. 205]**

(a) il-varjetajiet kollha rreġistrati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 55 - 68;

(b) il-varjetajiet ta' konservazzjoni msemmijin fl-Artikolu 26 u rreġistrati skont l-Artikolu 53.

2. Il-PRM li jappartjeni għal varjetà rreġistrata f'tal-anqas reġistru nazzjonali tal-varjetajiet wieħed jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat fl-Unjoni, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

3. Wara l-istabbiliment tar-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet tagħhom, kif ukoll wara kwalunkwe aġġornament tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinnotifikawhom minnufih lill-Kummissjoni għall-inklużjoni fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 45.

4. Dan l-Artikolu, u l-Artikoli 45 sa 74, ma jistgħux japplikaw għal varjetajiet li jitrabbew biss bħala komponenti ta' varjetajiet ibridi.

Artikolu 45

Stabbiliment ta' reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, tippubblika, f'format elettroniku, u żżomm aġġornat reġistru uniku tal-varjetajiet ("ir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni").

2. Ir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni għandu jinkludi l-varjetajiet, irreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet u nnotifikati f'konformità mal-Artikolu 44***, u għandu jkun aġġornat kull xahar***. **[Em. 206]**

Ir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni jista' jkun aċċessibbli minn portal elettroniku li jkun fih reġistri oħrajn tad-drittijiet fuq il-varjetajiet tal-pjanti, tal-materjal riproduttiv tal-foresti jew ta' pjanti oħrajn.

Artikolu 46

Kontenut tar-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet u tar-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni

1. Ir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet u r-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni għandu jkun fihom l-elementi kollha stabbiliti fl-Anness VII, dwar il-varjetajiet imsemmijin fl-Artikolu 44(1), il-punt (a).

Fil-każ tal-varjetajiet ta' konservazzjoni msemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 44(1), dawk ir-reġistri għandhom jindikaw tal-anqas sommarju qasir tad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment, tar-reġjun inizjali tal-oriġini tagħhom, tad-denominazzjoni tagħhom u tal-persuna li żżommhom.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 75, sabiex temenda l-Anness VII ***billi żżid elementi li jeħtieġ li jiġu inklużi fir-reġistri tal-varjetajiet***, filwaqt li tqis l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi, u fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba filwaqt li tindika l-ħtieġa tal-awtoritajiet kompetenti jew tal-operaturi ~~professjonist~~***professjonisti*** li jiksbu informazzjoni aktar preċiża dwar il-varjetajiet reġistrati. **[Em. 207]**

TAQSIMA 2

Rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet

Artikolu 47

Rekwiżiti għar-reġistrazzjoni fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet

1. Il-varjetajiet għandhom jiġu rreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet f'konformità mal-Artikoli 55 sa 68, biss jekk:

(a) ikollhom:

(i) deskrizzjoni uffiċjali li turi l-konformità mar-rekwiżiti ta' distintività, ta' uniformità u ta' stabbiltà stipulati fl-Artikoli 48, 49 u 50 ***u, fil-każ tal-ispeċijiet elenkati fil-Parti A minbarra l-ħaxix tat-turf, u fil-Partijiet D u E tal-Anness I,*** ~~u~~ jissodisfaw ir-rekwiżiti għal valur sodisfaċenti għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli, kif stabbilit fl-Artikolu 52; jew **[Em. 208]**

(ii) deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment skont l-Artikolu 53, jekk ikunu varjetajiet ta' konservazzjoni;

(b) ikollhom denominazzjoni meqjusa xierqa skont l-Artikolu 54;

(c) meta l-varjetajiet ikun fihom jew ikunu jikkonsistu f'organiżmi ġenetikament modifikati, l-organiżmu jkun awtorizzat għall-kultivazzjoni fl-Istat Membru rispettiv skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2001/18/KE jew l-Artikoli 7 u 19 tar-Regolament (KE) 1829/2003, jew, meta applikabbli, fl-Istat Membru rispettiv f'konformità mal-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE;

(d) meta l-varjetajiet ikun fihom jew jikkonsistu fi pjanta NGT tal-kategorija 1 kif definita fl-Artikolu 3(7) tar-Regolament (UE) …/… (Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament dwar l-NGT...), dik il-pjanta tkun kisbet dikjarazzjoni tal-istatus tal-pjanta NGT tal-kategorija 1 skont l-Artikolu 6 jew 7 ta' dak ir-Regolament jew tkun dixxendent ta' pjanti bħal dawn;

(e) meta l-varjetajiet ikun fihom jew jikkonsistu fi pjanta NGT tal-kategorija 2 kif definita fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE) …/… (Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament dwar l-NGT), dik il-pjanta tkun ġiet awtorizzata skont il-Kapitolu III ta' dak ir-Regolament;

(f) meta l-varjetajiet ikunu tolleranti għall-erbiċidi, ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet ta' kultivazzjoni għall-produzzjoni tal-PRM u għal kwalunkwe skop ieħor, adottati skont il-paragrafu 3 jew, fil-każ li ma jkunux ġew adottati, kif adottati mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni, ***u, fil-każ li l-varjetajiet ikunu se jiġu kkultivati fi Stat Membru ieħor, dawk il-kundizzjonijiet għandhom jiġu adottati mill-awtorità kompetenti rispettiva,*** sabiex jiġi evitat l-iżvilupp ta' reżistenza għall-erbiċidi fil-ħaxix ħażin minħabba l-użu tagħhom; ***meta pjan għall-kundizzjonijiet ta' kultivazzjoni jkun diġà ġie stabbilit minn Stat Membru, dawk il-kundizzjonijiet għandhom, fejn xieraq, jiġu estiżi għar-reġistrazzjonijiet ta' varjetajiet sussegwenti b'karatteristiċi simili f'dak l-Istat Membru;*** **[Em. 209]**

(g) meta l-varjetajiet ikollhom karatteristiċi partikolari minbarra dawk imsemmijin fil-punt (f) li jistgħu jwasslu għal effetti agronomiċi mhux mixtiqin, ikunu soġġetti għal kundizzjonijiet ta' kultivazzjoni għall-produzzjoni tal-PRM u għal kwalunkwe skop ieħor, adottati skont il-paragrafu 3 jew, fil-każ li ma jkunux ġew adottati, kif adottati mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni tagħhom, ***u, fil-każ li l-varjetajiet ikunu se jiġu kkultivati fi Stat Membru ieħor, adottati mill-awtorità kompetenti rispettiva f'dak l-Istat Membru,*** sabiex jiġu evitati dawk l-effetti agronomiċi mhux mixtiqin partikolari, bħall-iżvilupp tar-reżistenza tal-pesti għall-varjetajiet rispettivi jew effetti mhux mixtiqin fuq id-dakkara***; meta l-kundizzjonijiet ta' kultivazzjoni jkunu diġà ġew stabbiliti minn Stat Membru, dawk il-kundizzjonijiet għandhom, fejn xieraq, jiġu estiżi għar-reġistrazzjonijiet ta' varjetajiet sussegwenti b'karatteristiċi simili f'dak l-Istat Membru***. **[Em. 210]**

Varjetà ma tistax tiġi rreġistrata b'deskrizzjoni uffiċjali kif ukoll b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment.

2. Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta rekwiżiti speċifiċi ***għat-twettiq tal-eżamijiet fir-rigward tad-disinn bi prova u l-kundizzjonijiet tat-tkabbir*** li jikkonċernaw: **[Em.211]**

(a) id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà għal kull ġeneru jew speċi tal-varjetajiet, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), fuq il-bażi tal-protokolli applikabbli tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti (UPOV), tal-protokolli stabbiliti mis-CPVO, jew ta' evidenza teknika u xjentifika rilevanti oħra; u

(b) ir-rekwiżiti speċifiċi li jikkonċernaw id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà għal kull ġeneru u għal kull speċi, kif imsemmi fil-punt (a), għall-varjetajiet organiċi adatti għall-produzzjoni organika, kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/848, fuq il-bażi tal-protokolli applikabbli stabbiliti mill-UPOV jew mis-CPVO, u b'mod partikolari billi jiġu aġġustati r-rekwiżiti li jikkonċernaw l-uniformità;

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

Għandhom jadattaw ir-rekwiżiti rispettivi għall-iżvilupp, meta applikabbli, ta' standards internazzjonali, u għall-għarfien xjentifiku u tekniku l-ġdid.

Sakemm jiġu stabbiliti r-rekwiżiti msemmijin fil-punt 2(b), il-valutazzjoni tal-uniformità tal-varjetajiet adattati għall-produzzjoni organika, minbarra l-varjetajiet imsemmijin fl-Artikolu 68(1), għandha titwettaq fuq il-bażi ta' barra t-tip. Għall-ispeċijiet li jdakkru lilhom infushom, għandhom jiġu applikati standard tal-popolazzjoni ta' 10 % u probabbiltà ta' aċċettazzjoni ta' mill-inqas 90 %. Għall-ispeċijiet ta' dakkir inkroċjat imdakkra b'mod miftuħ, għandu jiġi applikat standard tal-popolazzjoni ta' 20 % u għandha tiġi applikata probabbiltà ta' aċċettazzjoni ta' mill-inqas 80 %.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75, li jissupplimentaw dan ir-Regolament ~~bil-kundizzjonijiet~~***bir-rekwiżiti*** minimi ***għall-kundizzjonijiet*** tal-kultivazzjoni li għandhom jiġu adottati mill-awtoritajiet kompetenti skont ~~il-paragrafi 1(f)~~***il-paragrafu 1, il-punti (f)*** u (g), dwar: **[Em. 212]**

~~(i)~~***(a)*** il-miżuri fl-għalqa, inkluża n-newba tal-għelejjel; **[Em. 213]**

~~(ii)~~***(b)*** il-miżuri ta' monitoraġġ; **[Em. 214]**

~~(iii)~~***(c)*** il-modalità ta' notifika tal-kundizzjonijiet imsemmijin fil-punt (i) lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn; **[Em. 215]**

~~(iv)~~***(d)*** ir-regoli għar-rapportar mill-operaturi professjonist lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet imsemmijin fil-punt ~~(i)~~***(a);*** **[Em. 216]**

~~(v)~~***(e)*** l-indikazzjoni tal-kundizzjonijiet imsemmijin fil-punt ~~(i)~~***(a)*** fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet. **[Em. 217]**

Dawk il-kundizzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-aħħar għarfien xjentifiku u tekniku.

4. Għall-iskop tar-reġistrazzjoni ta' varjetà fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tagħha, ~~l-awtorità~~***awtorità*** kompetenti għandha taċċetta, mingħajr eżami ulterjuri, deskrizzjoni uffiċjali***, deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment*** jew eżami uffiċjali tar-rekwiżiti għall-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a)(i), li jkun ġie prodott minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor ***jekk ikunu jeżistu miżuri ta' rikonoxximent reċiproku bejn iż-żewġ awtoritajiet kompetenti***. **[Em. 218]**

Artikolu 48

Distintività

1. Għall-iskopijiet tad-deskrizzjoni uffiċjali, imsemmija fl-Artikolu 47(1), il-punt (a), varjetà għandha titqies distinta jekk tkun tingħaraf b'mod ċar, b'referenza għall-espressjoni tal-karatteristiċi li tirriżulta minn ġenotip partikolari jew minn taħlita ta' ġenotipi, minn kwalunkwe varjetà oħra li ~~l-eżistenza tagħha~~ tkun magħrufa ~~sew~~***b'mod komuni*** fid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni stabbilita f'konformità mal-Artikolu 58. **[Em. 219]**

2. L-eżistenza ta' varjetà oħra, kif imsemmija fil-paragrafu 1, għandha titqies bħala magħrufa sew, jekk tiġi rrispettata waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-varjetà tkun inkluża f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet ***jew f'dokumentazzjoni pprovduta lill-awtorità kompetenti minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi involuti fil-bejgħ tal-PRM lill-utenti finali jew fil-konservazzjoni dinamika***; **[Em. 220]**

(b) l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-varjetà, jew l-applikazzjoni għall-għoti ta' dritt għall-varjetà tal-pjanti fir-rigward ta' dik il-varjetà, tkun ġiet ippreżentata fl-Unjoni; jew

(c) tkun teżisti deskrizzjoni uffiċjali ta' dik il-varjetà fl-Unjoni, tkun magħrufa sew madwar id-dinja, jew ikun twettaq l-eżami tekniku skont l-Artikolu 59.

3. Meta japplika l-paragrafu 2, il-punt (c), il-persuna/i responsabbli għall-eżamijiet tekniċi għandhom jagħmlu disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti d-deskrizzjoni uffiċjali tal-varjetà li jkunu eżaminaw.

Artikolu 49

Uniformità

Għall-iskopijiet tad-deskrizzjoni uffiċjali, varjetà għandha titqies li tkun uniformi jekk, soġġetta għall-varjazzjoni li tista' tkun mistennija mill-karatteristiċi partikolari tar-riproduzzjoni u tat-tip tagħha, tkun uniformi biżżejjed fl-espressjoni tal-karatteristiċi inklużi fl-eżami għall-karattru distintiv, kif ukoll fl-espressjoni ta' kwalunkwe karatteristika oħra użata għad-deskrizzjoni uffiċjali tagħha.

Artikolu 50

Stabbiltà

Għall-iskopijiet tad-deskrizzjoni uffiċjali, varjetà għandha titqies li tkun stabbli jekk l-espressjoni tal-karatteristiċi inklużi fl-eżami għad-distintività, kif ukoll ta' kwalunkwe karatteristika oħra użata għad-deskrizzjoni tal-varjetà, tibqa' l-istess wara riproduzzjoni ripetuta jew, fil-każ ta' ċikli ta' riproduzzjoni, fl-aħħar ta' kull ċiklu bħal dan.

Artikolu 51

Drittijiet mogħtijin fuq il-varjetajiet tal-pjanti

Jekk varjetà tkun ingħatat dritt fuq il-varjetà tal-pjanta skont l-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru 2100/1994 jew skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dik il-varjetà għandha titqies bħala distinta, uniformi u stabbli għall-iskopijiet tad-deskrizzjoni uffiċjali u li jkollha denominazzjoni xierqa għall-iskopijiet tal-Artikolu 47(1), il-punt (b).

Artikolu 52

Valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli

1. Għall-iskopijiet tal-Artikolu 47(1), il-punt (c), il-valur ta' varjetà għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli ta' varjetà għandu jitqies bħala sodisfaċenti jekk, meta mqabbla ma' varjetajiet oħrajn tal-istess speċi rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tal-Istat Membru rispettiv, il-karatteristiċi tagħha, b'mod ġenerali, joffru titjib ċar għall-kultivazzjoni u għall-użi sostenibbli li jistgħu jsiru mill-għelejjel, minn pjanti oħrajn jew mill-prodotti derivati minnhom.

Il-karatteristiċi msemmijin fl-ewwel subparagrafu huma dawn li ġejjin, kif xieraq għall-ispeċijiet, għar-reġjuni, għall-kundizzjonijiet agroekoloġiċi u għall-użi kkonċernati:

(a) ir-rendiment, inklużi l-istabbiltà tar-rendiment u r-rendiment f'kundizzjonijiet ta' input baxx;

(b) it-tolleranza/ir-reżistenza għal stress bijotiku, inkluż mard tal-pjanti kkawżat minn nematodi, minn fungi, minn batterji, minn viruses, minn insetti u minn pesti oħrajn;

(c) it-tolleranza/ir-reżistenza għal stress abijotiku, inkluż l-adattament għall-kundizzjonijiet tat-tibdil fil-klima;

(d) użu aktar effiċjenti tar-riżorsi naturali, bħall-ilma u n-nutrijenti;

(e) il-ħtieġa mnaqqsa għall-inputs esterni, bħal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u fertilizzanti;

(f) il-karatteristiċi li jtejbu s-sostenibbiltà ***tal-kultivazzjoni, tal-ħsad,*** tal-ħżin, tal-ipproċessar ~~u,~~ tad-distribuzzjoni ***u tal-użu***; **[Em. 221]**

(g) ***il-kwalità, jew*** il-karatteristiċi ~~tal-kwalità jew tan-nutrizzjoni.~~***nutrizzjonali jew il-karatteristiċi importanti għall-ipproċessar;*** **[Em. 222]**

(ga) it-tnaqqis tal-iskart qabel jew wara l-ħsad. **[Em. 223]**

1a. L-eżami tal-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli għandu jsir possibbli għall-ispeċijiet elenkati fil-Partijiet B u C tal-Anness I fuq bażi volontarja. Meta l-eżami tal-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli jkun twettaq minn awtorità kompetenti uffiċjali jew taħt is-superviżjoni u l-gwida uffiċjali tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 61, dan għandu jippermetti l-inklużjoni ta' dikjarazzjoni fuq iż-żona tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 17(5). Dik id-dikjarazzjoni għandha tikkonċerna biss il-karatteristiċi li matul l-eżamijiet urew li joffru titjib ċar meta mqabbla ma' varjetajiet oħra tal-istess speċi. Is-sistema volontarja għandha tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jiżviluppaw metodoloġiji biex jivvalutaw il-karatteristiċi elenkati fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punti (a) sa (g). **[Em. 224]**

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jikkollaboraw ma' Stati Membri oħrajn b'kundizzjonijiet agroekoloġiċi simili. Dawk l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu faċilitajiet kondiviżi għat-twettiq tal-eżami għall-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi:

(a) jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi għat-twettiq tal-eżami msemmi fil-paragrafu 1;

(b) jistabbilixxu l-metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-karatteristiċi elenkati fil-paragrafu 1, ***it-tieni subparagrafu,*** il-punti (a) sa ~~(g)~~***(ga)***; **[Em. 225]**

(c) jistabbilixxu l-istandards għall-evalwazzjoni u għar-rapportar tar-riżultati tal-eżami tal-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli.

Dawk l-atti delegati għandhom jadattaw ir-rekwiżiti, il-metodoloġiji u l-istandards tal-punti (a) sa (c) għall-iżviluppi tekniċi jew xjentifiċi applikabbli, u għal kwalunkwe politika jew regola ġdida tal-Unjoni dwar l-agrikoltura sostenibbli.

Meta dawk ir-regoli jkunu għadhom ma ġewx stabbiliti, l-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli bħal dawn għat-territorji rispettivi tagħhom. Għandhom jinnotifikawhom lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn.

Dawk l-atti delegati għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti, il-metodoloġiji u l-istandards minimi msemmija fil-punti (a) sa (c) tal-ewwel subparagrafu li japplikaw għall-Partijiet D u E tal-Anness I, jiġu adattati għall-karatteristiċi speċifiċi ta' dawk l-ispeċijiet u l-użi finali tagħhom, kif ukoll għall-objettivi tad-diversità u l-innovazzjoni. **[Em. 226]**

~~Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li titlob lil Stat Membru jirrevoka jew jimmodifika dawk ir-regoli, jekk jitqiesu, fuq il-bażi tal-evidenza xjentifika u teknika disponibbli, li ma jkunux xierqa għall-eżami tal-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli ta' varjetà. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).~~ **[Em. 227]**

4. Għall-iskopijiet tar-reġistrazzjoni ta' varjetajiet organiċi xierqa għall-produzzjoni organika kif definit fl-Artikolu 3(19) tar-Regolament (UE) 2018/848, l-eżami tal-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli għandu jsir f'kundizzjonijiet organiċi, f'konformità ma' dak ir-Regolament, u b'mod partikolari mal-Artikolu 5, il-punti (d), (e), (f) u (g), u mal-Artikolu 12 tiegħu u mal-Parti I tal-Anness II ta' dak ir-Regolament.

Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jwettqu eżami f'kundizzjonijiet organiċi, jew l-eżami ta' ċerti karatteristiċi, li jinkludu s-suxxettibbiltà għall-mard, l-ittestjar jista' jitwettaq f'kundizzjonijiet ta' input baxx ***jew fil-fażi ta' konverżjoni*** u b'dak li jkun assolutament meħtieġ ~~għat-tlestija tat-trattamenti tal-ittestjar~~***għat-trattamenti*** bil-pestiċidi u b'inputs esterni oħrajn ***għat-tlestija tal-eżami***. ***Meta applikabbli, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni dwar ir-raġunijiet li għalihom l-ittestjar ma sarx f'kundizzjonijiet organiċi u dwar l-implimentazzjoni tal-ittestjar f'kundizzjonijiet mhux organiċi.*** **[Em. 228]**

4a. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinkludu l-ittestjar ta' żerriegħa konvenzjonali f'kundizzjonijiet b'input baxx, kundizzjonijiet organiċi fil-fażi ta' konverżjoni, jew organiċi. **[Em. 229]**

4b. Sa... [10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha tevalwa r-riżultati tas-sistema volontarja msemmija fil-paragrafu 1a, u għandha tiġbor fil-qosor ir-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni f'rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. **[Em. 230]**

Artikolu 53

Reġistrazzjoni tal-varjetajiet ta' konservazzjoni

1. B'deroga mill-Artikoli 48, 49, 50, 52, 55(2), 56, 57, u 59 sa 65, il-varjetà ta' konservazzjoni għandha tiġi rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jekk tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikollha deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment, li tispeċifika l-karatteristiċi li jikkwalifikawha bħala varjetà ta' konservazzjoni, f'konformità mad-definizzjoni fl-Artikolu 3(29);

(b) ikollha indikazzjoni tar-reġjun ta' oriġini inizjali tagħha***, meta jkun magħruf, jew tal-kundizzjonijiet lokali li għalihom tkun tnisslet***; **[Em. 231]**

(c) ikollha denominazzjoni li tikkonforma mal-Artikolu 54;

(d) tkun miżmuma fit-territorju tal-Unjoni.

Ir-reġistrazzjoni skont dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr ħlas għall-applikant. **[Em. 232]**

2. Il-varjetà ta' konservazzjoni għandha tiġi rreġistrata fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet wara applikazzjoni minn operatur professjonist stabbilit fl-Unjoni. Dik l-applikazzjoni għandha tinkludi l-elementi kollha msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (d).

L-awtorità kompetenti għandha taċċetta jew tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' varjetà ta' konservazzjoni, wara li tivverifika l-konformità tagħha mal-paragrafu 1. ***L-awtorità kompetenti għandha tgħaddi lill-applikant id-deċiżjoni tagħha. Fil-każ ta' rifjut tar-reġistrazzjoni, l-awtorità għandha tiddikjara r-raġunijiet li jiġġustifikaw tali rifjut.*** **[Em. 233]**

3. Il-varjetà ma għandhiex tiġi elenkata fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet bħala varjetà ta' konservazzjoni, jekk:

(a) diġà tkun elenkata fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni b'deskrizzjoni uffiċjali, skont l-Artikolu 44(1)(a), jew tħassret mir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni bħala varjetà b'deskrizzjoni uffiċjali fl-aħħar sentejn, jew fi żmien sentejn mill-iskadenza tal-perjodu mogħti skont l-Artikolu 71(2), jew

(b) tkun protetta minn dritt fuq il-varjetà tal-pjanta fil-Komunità, kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94, jew minn dritt fuq il-varjetà tal-pjanta nazzjonali, jew ikun hemm applikazzjoni pendenti għal dritt bħal dan.

4. Id-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandha tkun ibbażata fuq riżultati ta' testijiet mhux uffiċjali, fuq għarfien miksub minn esperjenza prattika matul il-kultivazzjoni, ir-riproduzzjoni u l-użu, jew fuq informazzjoni oħra, b'mod partikolari mill-awtoritajiet tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti jew minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti għal dan l-iskop mill-Istati Membri.

~~Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tispeċifika l-karatteristiċi u l-informazzjoni li dik id-deskrizzjoni jenħtieġ li tkopri jekk ikun xieraq għal speċijiet speċifiċi. Atti ta' implimentazzjoni bħal dawn għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).~~ **[Em. 234]**

5. Il-persuna responsabbli għas-selezzjoni konservattiva ta' varjetà ta' konservazzjoni għandha żżomm kampjuni tagħha u, fuq talba, tagħmilhom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 53a

Rekwiżiti għar-reġistrazzjoni ta' klonu magħżul u PRM poliklonali fir-reġistru tal-Istat Membru

1. L-applikant għandu jippreżenta applikazzjoni lill-awtorità kompetenti li tindika:

(a) l-ispeċijiet u, kif applikabbli, il-varjetà li għaliha jappartjeni l-klonu magħżul jew il-PRM poliklonali, fejn il-varjetà għandha tiġi rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 44;

(b) id-denominazzjoni u s-sinonimi proposti;

(c) meta applikabbli, deskrizzjoni tal-PRM poliklonali;

(d) il-persuna responsabbli għaż-żamma tal-klonu magħżul jew tal-PRM poliklonali;

(e) ir-referenza għad-deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-varjetà li għaliha jappartjeni l-klonu magħżul jew il-PRM poliklonali;

(f) deskrizzjoni tal-valur ewlieni għall-karatteristiċi tal-kultivazzjoni u tal-użu sostenibbli tal-klonu magħżul jew tal-PRM poliklonali;

(g) il-gwadanji ġenetiċi stmati tal-klonu magħżul jew tal-PRM poliklonali fir-rigward tal-prestazzjoni ġenerali tal-varjetà rilevanti;

(h) l-informazzjoni dwar jekk il-klonu magħżul jew il-PRM poliklonali humiex diġà rreġistrati f'reġistru ta' Stat Membru ieħor.

2. Il-klonu magħżul għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin sabiex jiġi rreġistrat fir-reġistru tal-Istat Membru:

(a) għandu jintgħażel fi ħdan il-varjetà li jappartjeni għaliha għal xi karatteristiċi fenotipiċi intravarjetali speċjali u l-istatus fitosanitarju tiegħu li jagħtu lill-klonu magħżul prestazzjoni aħjar, f'konformità ma' metodi aċċettati internazzjonalment ibbażati fuq metodi mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid;

(b) l-awtentiċità tal-klonu magħżul għall-identità tal-varjetà għandha tiġi żgurata permezz tal-osservazzjoni tal-karatteristiċi fenotipiċi u, fejn xieraq, permezz ta' analiżi molekulari skont standards aċċettati internazzjonalment.

3. Il-PRM poliklonali għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin sabiex jiġi rreġistrat fir-reġistru tal-Istat Membru:

(a) għandu jintgħażel fi prova fuq il-post unika li jkun fiha kampjun rappreżentattiv tad-diversità ġenetika ġenerali tal-varjetà skont disinn sperimentali bbażat fuq metodi aċċettati fuq livell internazzjonali; dak id-disinn għandu jkun ibbażat fuq metodi preskritti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid u għandu jkun magħmul minn seba' sa 20 ġenotip distint ([29]);

(b) l-awtentiċità tal-PRM poliklonali għall-identità tal-varjetà għandha tiġi żgurata permezz tal-osservazzjoni tal-karatteristiċi fenotipiċi u, fejn xieraq, permezz ta' analiżi molekulari skont standards aċċettati internazzjonalment.

4. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar ir-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-Istat Membru biss wara li tikkonkludi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3, kif applikabbli għat-tip ta' materjal, huma ssodisfati. **[Em. 235]**

Artikolu 54

Adegwatezza tad-denominazzjonijiet tal-varjetajiet

1. Għall-iskopijiet tal-Artikolu 47(1), il-punt (b), id-denominazzjoni ta' varjetà ma għandhiex titqies xierqa jekk:

(a) l-użu tagħha fit-territorju tal-Unjoni jkun preklużbid-dritt preċedenti ta' parti terza;

(b) tkun tista' tikkawża b'mod komuni diffikultajiet lill-utenti tagħha fir-rigward tar-rikonoxximent jew tar-riproduzzjoni;

(c) tkun identika għad-denominazzjoni ta' varjetà jew tista' tiġi konfuża magħha:

(i) li biha varjetà oħra tal-istess speċi jew ta' speċi relatata mill-qrib tiddaħħal f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni~~;~~ jew ***f'dokumentazzjoni pprovduta lill-awtorità kompetenti minn persuna fiżika jew ġuridika involuta fil-konservazzjoni dinamika;*** **[Em. 236]**

(ii) li biha l-materjal ta' varjetà oħra jkun tqiegħed fis-suq fi Stat Membru jew f'Membru tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti,

~~sakemm il-varjetà msemmija fil-punt (i) jew (ii) ma tibqax teżisti u d-denominazzjoni tagħha ma tkunx kisbet sinifikat speċjali;~~ **[Em. 237]**

(d) tkun identika jew tista' tiġi mfixkla ma' denominazzjonijiet oħrajn li jintużaw b'mod komuni għat-tqegħid fis-suq ta' oġġetti jew li jridu jinżammu ħielsa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

(e) tkun tista' twassal għal reat f'xi wieħed mill-Istati Membri jew tmur kontra l-ordni pubbliku;

(f) tkun tista' tqarraq jew toħloq konfużjoni fejn jidħlu l-karatteristiċi, il-valur jew l-identità tal-varjetà, jew l-identità tan-nissiel.

([29]) Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid, riżoluzzjoni OIV-VITI 564B[1]2019.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, jekk varjetà tkun diġà rreġistrata f'reġistri nazzjonali tal-varjetajiet oħrajn, id-denominazzjoni għandha titqies xierqa, iżda biss jekk tkun bħal dik li tidher f'dawk ir-reġistri.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika jekk:

(a) id-denominazzjoni x'aktarx tqarraq jew oħloq konfużjoni fejn tidħol il-varjetà rilevanti fi Stat Membru wieħed jew aktar; jew

(b) id-drittijiet tal-partijiet terzi jwaqqfu l-użu ħieles ta' dik id-denominazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-varjetà inkwistjoni.

3. Meta, wara r-reġistrazzjoni ta' varjetà, l-awtorità kompetenti tistabbilixxi li fi żmien ir-reġistrazzjoni, id-denominazzjoni tal-varjetà ma kinitx xierqa skont it-tifsira tal-paragrafi 1 u 2, l-applikant għandu jippreżenta applikazzjoni għal denominazzjoni ġdida. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar dik l-applikazzjoni wara li tikkonsulta mas-CPVO.

L-awtorità kompetenti tista' tippermetti li d-denominazzjoni ta' qabel tintuża b'mod temporanju.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu kriterji speċifiċi dwar l-adegwatezza tad-denominazzjonijiet tal-varjetajiet fir-rigward ta' dawn:

(a) ir-relazzjoni tagħhom mat-trademarks;

(b) ir-relazzjoni tagħhom mal-indikazzjonijiet ġeografiċi jew mad-denominazzjonijiet ta' oriġini għall-prodotti agrikoli;

(c) il-kunsensi bil-miktub tad-detenturi tad-drittijiet ta' qabel sabiex jitneħħew l-impedimenti għall-adegwatezza ta' denominazzjoni;

(d) id-determinazzjoni ta' jekk denominazzjoni tkunx qarrieqa jew toħloq konfużjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (f); u

(e) l-użu ta' denominazzjoni fil-forma ta' kodiċi.

TAQSIMA 3

Proċedura għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet

Artikolu 55

Preżentazzjoni tal-applikazzjoni

Kwalunkwe operatur professjonist stabbilit fl-Unjoni jista' jippreżenta b'mod elettroniku lill-awtorità kompetenti, applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' varjetà fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet.

Il-preżentazzjoni ta' dik l-applikazzjoni tista' tkun soġġetta għal tariffa li titħallas mill-applikant, kif stabbilit mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 56

Kontenut tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' varjetà

1. L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandha tikkonsisti f'dawn li ġejjin:

(a) it-talba għar-reġistrazzjoni;

(b) l-identifikazzjoni tal-unità tassonomika botanika li għaliha tappartjeni l-varjetà;

(c) meta applikabbli, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-applikant, ismu u l-indirizz tiegħu jew, meta xieraq, l-ismijiet u l-indirizzi tal-applikanti konġunti, u l-kredenzjali ta' kwalunkwe rappreżentant proċedurali;

(d) ~~id-denominazzjoni proposta~~***denominazzjoni proviżorja***; **[Em. 238]**

(da) denominazzjoni ta' varjetà proposta mill-applikant li tista' takkumpanja l-applikazzjoni; **[Em. 239]**

(e) l-isem u l-indirizz tal-persuna responsabbli mis-selezzjoni konservattiva tal-varjetà u, meta applikabbli, in-numru tar-reġistrazzjoni ta' dik il-persuna;

(f) id-deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-varjetà, l-informazzjoni dwar jekk hijiex adattata biss għal staġuni partikolari tas-sena, u, jekk disponibbli, il-kwestjonarju tekniku mimli;

(g) id-deskrizzjoni tal-proċedura ta' selezzjoni konservattiva tal-varjetà;

(h) il-post tat-tnissil tal-varjetà u, jekk applikabbli, ir-reġjun ta' oriġini partikolari tagħha;

(i) l-informazzjoni dwar jekk il-varjetà tkunx irreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet ieħor u dwar jekk l-applikant ikunx jaf li f'wieħed minn dawk ir-reġistri hemm applikazzjoni għar-reġistrazzjoni pendenti;

(j) meta l-varjetà jkun fiha jew tkun tikkonsisti minn organiżmu ġenetikament modifikat, evidenza li l-organiżmu ġenetikament modifikat inkwistjoni jkun awtorizzat għall-kultivazzjoni fl-Unjoni, f'konformità mad-Direttiva 2001/18/KE jew mar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, jew, meta applikabbli, fl-Istat Membru rispettiv f'konformità mal-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE ***u l-evidenza ta' konformità mar-rekwiżiti għall-kultivazzjoni u l-monitoraġġ fl-istaġun partikolari tat-tkabbir***; **[Em. 240]**

~~(k) meta l-applikazzjoni tikkonċerna varjetajiet ta' konservazzjoni, informazzjoni relatata mal-produzzjoni ta' deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà, prova ta' dik id-deskrizzjoni u kwalunkwe dokument jew pubblikazzjoni li ssostniha;~~ **[Em. 241]**

(l) fil-każ ta' applikazzjoni li tikkonċerna varjetajiet bi dritt fuq il-varjetà tal-pjanta mogħti skont ir-Regolament (KE) Nru 2100/94 jew il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, il-prova li l-varjetà tkun protetta minn dritt bħal dan, bid-deskrizzjoni uffiċjali korrispondenti;

(m) f'każ li l-varjetà jkun fiha jew tkun tikkonsisti minn NGT tal-kategorija 1 kif definita fl-Artikolu 3(7) tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]) (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament dwar l-NGT), evidenza li l-pjanta kisbet dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta NGT tal-kategorija 1 skont l-Artikolu 6 jew 7 ta' dak ir-Regolament jew li hija dixxendent ta' pjanta/i bħal din/bħal dawn;

(n) f'każ li l-varjetà jkun fiha jew tikkonsisti fi pjanta NGT tal-kategorija 2 kif definita fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE) …/… (Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament dwar l-NGT), indikazzjoni ta' dak il-fatt;

(o) ~~l-użu maħsub jew il-kundizzjonijiet tal-kultivazzjoni, jekk applikabbli skont l-Artikolu 47(2), tal-varjetà.~~***fil-każ li l-varjetà tkun tolleranti għall-erbiċidi kif imsemmija fl-Artikolu 47(1), il-punt (f), jew ikollha karatteristiċi partikolari li jistgħu jwasslu għal effetti agronomiċi mhux mixtieqa kif imsemmija fl-Artikolu 47(1), il-punt (g), indikazzjoni ta' dak il-fatt;*** **[Em. 242]**

(oa) it-tekniki ta' tnissil użati għall-iżvilupp tal-varjetà; **[Em. 243]**

(ob) l-eżistenza ta' kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettwali li jkopri l-varjetà, il-komponenti u l-karatteristiċi tagħha, fil-limiti tad-drittijiet li tkun saret applikazzjoni għalihom jew li jkunu ngħataw għal dik il-varjetà lill-applikant, inkluż meta l-applikant ikun iffirma liċenzja kuntrattwali jew ikun kiseb liċenzja obbligatorja għall-użu ta' privattiva proprjetà ta' operatur ieħor. **[Em. 244]**

2. L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandha tkun akkumpanjata minn kampjun li għandu jintuża għall-eżami ta' dik il-varjetà. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv għandha tistabbilixxi skadenza għall-preżentazzjoni ta' dak il-kampjun u tispeċifika l-kwalità u l-kwantità tiegħu.

([30]) Ir-Regolament (UE) …./…. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … (….., p….).

Artikolu 57

Eżami formali tal-applikazzjoni

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv għandha tirreġistra u teżamina kull applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 55 sabiex tistabbilixxi jekk tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 56.

2. Jekk l-applikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 56, l-awtorità kompetenti għandha tagħti lill-applikant il-possibbiltà li jirrettifika l-applikazzjoni kif xieraq sa ċertu żmien partikolari. Jekk l-applikazzjoni ma tissodisfax dawn ir-rekwiżiti sal-iskadenza ta' dak iż-żmien partikolari, l-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta l-applikazzjoni u ttemm ir-reġistrazzjoni tal-varjetà.

Artikolu 58

Data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni

Id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni għandha tkun id-data li fiha l-applikazzjoni, li tikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 56, tasal għand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibagħtu minnufih lill-applikant il-konferma tal-preżentazzjoni b'suċċess tal-applikazzjoni, inkluża l-informazzjoni dwar id-data ta' dik il-preżentazzjoni.

Artikolu 59

Eżami tekniku tal-varjetà

1. Meta, bħala riżultat tal-eżami formali, l-applikazzjoni tinstab li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 56, għandu jitwettaq eżami tekniku tal-varjetà.

L-eżami tekniku għandu jsir billi tikber il-varjetà, filwaqt li jitqiesu l-użu u l-kundizzjonijiet maħsubin għall-kultivazzjoni tal-varjetà. Mezzi oħrajn, inkluż l-użu ta' tekniki bijomolekulari, jistgħu jintużaw bħala għodda supplimentari, kif xieraq għall-iskopijiet tal-eżami tekniku, l-ispeċi kkonċernata jew il-karatteristiċi li għandhom jiġu vverifikati, kif stabbilit skont l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 47(2) dwar id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà.

L-eżami tekniku msemmi għandu jivverifika:

(a) il-konformità mar-rekwiżiti għad-distintività, għall-uniformità u għall-istabbiltà tal-varjetà, kif stabbiliti fl-Artikoli 48 sa 50;

(b) jekk il-varjetà għandhiex valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli, f'konformità mal-Artikolu 52, fil-każ tal-varjetajiet imsemmijin fl-Artikolu 47(1), il-punt (a)(ii).

2. L-eżami tekniku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jitwettaq mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 60, sakemm ma tkunx tapplika d-deroga msemmija fl-Artikolu 61(1).

3. F'każ li jkun diġà disponibbli rapport formali dwar id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà tal-varjetà, prodott mis-CPVO jew minn awtorità kompetenti oħra, l-awtorità kompetenti għandha tqis il-konklużjonijiet ta' dak ir-rapport għall-iskopijiet tal-konklużjoni tal-eżami tekniku.

4. It-twettiq tal-eżami tekniku msemmi fil-paragrafu 1 jista' jkun soġġett għal tariffa li titħallas mill-applikant, kif stabbilit mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 60

Awditu tal-bini tal-awtorità kompetenti

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv tista' twettaq l-eżami tekniku fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti għad-distintività, għall-uniformità u għall-istabbiltà msemmijin fl-Artikoli 48 sa 50 biss wara li jinstab li l-bini u l-arranġamenti tax-xogħol tagħha, dedikati għal dan l-għan, ikunu xierqa għat-twettiq ta' dan l-eżami skont awditu mwettaq mis-CPVO jew mill-Kummissjoni.

Fuq il-bażi tal-awditu msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda lill-awtorità kompetenti, jekk ikun xieraq, l-azzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza tal-bini u tal-organizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni tista' twettaq awditi addizzjonali u, meta applikabbli, tirrakkomanda lill-awtoritajiet kompetenti azzjonijiet korrettivi sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza tal-bini u tal-organizzazzjoni tagħhom.

Artikolu 61

Awtorizzazzjoni tal-applikant sabiex iwettaq eżami tekniku għall-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli

1. B'deroga mill-Artikolu 59(2), ***u biss għall-operaturi b'sistema volontarja msemmija fl-Artikolu 52(1a), l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza lill-applikant iwettaq*** l-eżami tekniku ta' jekk il-varjetà għandhiex valur sostenibbli għall-kultivazzjoni u għall-użu, f'konformità mal-Artikolu 52, jew parti minnu, ~~jista' jitwettaq mill-applikant~~ jekk: **[Em. 245]**

~~(a) dak l-applikant ikun ġie awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv;~~ **[Em. 246]**

(b) l-eżami jitwettaq taħt is-superviżjoni u l-gwida uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata; u

(c) l-eżami jitwettaq fil-bini dedikat għal dak l-għan;

(ca) l-eżami ma jissostitwix il-valutazzjoni tar-riskju meħtieġa għall-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni fil-qafas tad-Direttiva 2001/18/KE dwar l-organiżmi modifikati ġenetikament. **[Em. 247]**

2. Qabel ma tagħti l-awtorizzazzjoni sabiex jitwettaq l-eżami tekniku fil-bini tan-nissiela, l-awtorità kompetenti għandha tawditja l-bini, ir-riżorsi u l-kapaċitajiet organizzattivi tal-applikant. Dik l-awditu għandu jivverifika jekk il-bini, il-faċilitajiet tal-laboratorju, l-organizzazzjoni u t-twettiq tal-provi tat-tkabbir ikunux adattati għat-twettiq tal-eżami tekniku fil-bini tan-nissiela fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti tal-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli msemmijin fl-Artikolu 52.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu r-regoli dwar l-awditu msemmi fil-paragrafu 2.

4. Fuq il-bażi tal-awditu msemmi fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti tista' tirrakkomanda lill-applikant, jekk xieraq, l-azzjonijiet li jiżguraw l-adegwatezza tal-bini u tal-organizzazzjoni tal-eżami tal-applikant.

5. L-awtorità kompetenti tista' twettaq awditi addizzjonali minbarra dak imsemmi fil-paragrafu 2 u, meta applikabbli, tirrakkomanda lill-applikant sabiex iwettaq, f'perjodu ta' żmien speċifiku, l-azzjonijiet korrettivi li jikkonċernaw il-bini u l-arranġamenti tax-xogħol tiegħu. Jekk wara dak il-perjodu l-awtorità kompetenti tikkonkludi li l-bini u l-arranġamenti tax-xogħol tal-applikant ma jkunux xierqa, hija tista' tneħħi jew tbiddel l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 62

Regoli addizzjonali dwar l-eżami tekniku

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75, li jissupplimentaw ir-rekwiżiti dwar l-eżami tekniku stabbiliti fl-Artikolu 59. Dawn l-atti delegati jistgħu jikkonċernaw:

(a) il-kwalifika, it-taħriġ u l-attivitajiet tal-persunal tal-awtorità kompetenti, jew tal-applikant, għall-iskopijiet tal-eżami tekniku msemmi fl-Artikolu 61;

(b) it-tagħmir meħtieġ, inklużi l-laboratorji għall-ittestjar, meħtieġ sabiex isir l-eżami tekniku;

(c) l-istabbiliment ta' ġabra ta' referenza ta' varjetà sabiex titqabbel il-varjetà eżaminata ma' varjetajiet oħrajn sabiex tiġi vvalutata d-distintività, u l-ġestjoni tal-ħżin ta' ġabra ta' referenza bħal din;

(d) l-istabbiliment ta' sistemi għall-ġestjoni tal-kwalità, inkluż ir-rekord tal-attivitajiet u l-protokolli jew il-linji gwida, li jridu jintużaw għall-eżami tekniku;

(e) it-twettiq ta' aktar provi u testijiet tal-laboratorju għal ġeneri jew għal speċijiet partikolari, inklużi tekniki bijomolekolari.

Dawk l-atti delegati jadattaw għall-protokolli tekniċi u xjentifiċi internazzjonali disponibbli.

2. Meta ma jkun ġie adottat l-ebda rekwiżit skont il-paragrafu 1, l-eżamijiet tekniċi għandhom isiru f'konformità mal-protokolli nazzjonali fir-rigward tal-elementi msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (a) - (e).

Artikolu 63

Kunfidenzjalità

1. Meta, matul l-eżami tekniku previst fl-Artikolu 59, jidher li jkun meħtieġ eżami tal-komponenti ġenealoġiċi, ir-riżultati ta' dan l-eżami u d-deskrizzjoni tal-komponenti ġenealoġiċi għandhom jiġu ttrattati bħala kunfidenzjali, jekk l-applikanti jitolbu hekk.

2. Fil-każ ta' varjetajiet ta' PRM maħsubin esklużivament għall-produzzjoni ta' materja prima agrikola għal skopijiet industrijali, ċerti elementi tal-eżami tekniku u l-użi maħsubin ta' dawk il-varjetajiet, li d-divulgazzjoni pubblika tagħhom tista' taffettwa l-pożizzjoni kompetittiva tal-applikant, għandhom jiġu ttrattati bħala kunfidenzjali, jekk dak l-applikant jitlob hekk.

3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2017/625. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu kif xieraq ir-rispett tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali jew industrijali fejn tali kunfidenzjalità tkun prevista mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali biex jiġi protett interess ekonomiku leġittimu.*** **[Em. 248]**

Artikolu 64

Rapport provviżorju tal-eżami u deskrizzjoni uffiċjali provviżorja

1. Wara l-eżami tekniku previst fl-Artikolu 59, l-awtorità kompetenti għandha tipproduċi rapport provviżorju tal-eżami, fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti ta' distintività, ta' uniformità u ta' stabbiltà, u l-karatteristiċi tal-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli, kif applikabbli, kif imsemmi fl-Artikoli 48, 49, 50 u 52, u għandha toħroġ deskrizzjoni uffiċjali provviżorja tal-varjetà fuq il-bażi ta' dak ir-rapport.

2. Ir-rapport provviżorju tal-eżami jista' jirreferi għal sejbiet ta' rapporti oħrajn tal-eżami, maħluqin dwar il-varjetà rilevanti, mill-awtorità kompetenti kkonċernata, minn awtoritajiet kompetenti oħrajn jew mis-CPVO.

3. L-awtorità kompetenti għandha tgħaddi lill-applikant ir-rapport provviżorju tal-eżami u d-deskrizzjoni uffiċjali provviżorja tal-varjetà. L-applikant jista' jikkummenta dwar dawn id-dokumenti fi żmien 15-il jum tal-kalendarju.

4. Meta l-awtorità kompetenti ma tqisx li r-rapport tal-eżami provviżorju jikkostitwixxi bażi suffiċjenti għal deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-varjetà, hija għandha titlob lill-applikant informazzjoni, eżamijiet jew azzjonijiet oħrajn addizzjonali, kif xieraq, sabiex tiżgura l-konformità tal-varjetà mar-rekwiżiti ta' distintività, ta' uniformità, ta' stabbiltà u l-valur għall-kultivazzjoni u/jew għall-użu sostenibbli, kif stabbilit rispettivament fl-Artikoli 48, 49, 50 u 52.

Artikolu 65

Rapport tal-eżami u deskrizzjoni uffiċjali finali

Wara li tqis kwalunkwe kumment dwar ir-rapport tal-eżami provviżorju u d-deskrizzjoni provviżorja uffiċjali pprovduti mill-applikant, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ rapport tal-eżami finali u deskrizzjoni uffiċjali finali dwar id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà tal-varjetà u tinkludi sommarju tar-riżultati tal-eżami dwar il-valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli.

L-awtoritajiet kompetenti, meta jintalbu, għandhom jagħmlu r-rapporti tal-eżami u d-deskrizzjoni uffiċjali disponibbli għall-partijiet terzi, soġġetti għad-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u għar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità.

Artikolu 66

Eżami tad-denominazzjoni tal-varjetà

Wara l-eżami formali tal-applikazzjoni previst fl-Artikolu 57, u qabel ir-reġistrazzjoni tal-varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet skont l-Artikolu 67, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta mas-CPVO dwar id-denominazzjoni tal-varjetajiet proposta mill-applikant.

Is-CPVO għandu jippreżenta rakkomandazzjoni lill-awtorità kompetenti dwar l-adegwatezza tad-denominazzjoni tal-varjetà proposta mill-applikant, f'konformità mal-Artikolu 54. L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-applikant dwar ir-rakkomandazzjoni.

Artikolu 67

Deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-varjetà fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet

1. Jekk, fuq il-bażi tal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 55 sa 66, jiġi konkluż li l-varjetà tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 47(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv għandha tiddeċiedi li tirreġistra l-varjetà fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet.

2. L-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni li tirrifjuta r-reġistrazzjoni fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, jekk:

(a) tistabbilixxi li r-rekwiżiti rispettivi stabbiliti fl-Artikolu 47(1) ***u fl-Artikolu 48*** ma jkunux issodisfati; jew **[Em. 249]**

(b) l-applikant ma jkunx ikkonforma ma' xi wieħed mill-obbligi stabbiliti għalih fl-Artikoli 55 sa 64.

3. Id-deċiżjonijiet li jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni tal-varjetà fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li jiġġustifikaw rifjut bħal dan.

4. L-awtorità kompetenti għandha tgħaddi lill-applikant id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

5. Id-deċiżjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 jistgħu jiġu appellati, f'konformità mar-regoli amministrattivi tal-Istat Membru kkonċernat. Kwalunkwe appell kontra deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollu effett sospensiv fuq ir-reġistrazzjoni tal-varjetà rispettiva.

6. L-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tkun soġġetta għal tariffa li titħallas mill-applikant, kif stabbilit mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 68

Varjetajiet irreġistrati skont id-Direttivi 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/55/KE u 2008/90/KE

1. B'deroga mill-Artikoli 54 sa 67, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw minnufih fir-reġistri nazzjonali tagħhom tal-varjetajiet il-varjetajiet kollha aċċettati jew irreġistrati uffiċjalment qabel … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], fil-katalogi, fil-listi jew fir-reġistri stabbiliti mill-Istati Membri tagħhom skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 68/193/KEE, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/53/KE, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2002/55/KE u ***l-varjetajiet b'deskrizzjoni uffiċjali skont*** l-Artikolu ~~7(4)~~**7** tad-Direttiva 2008/90/KE, mingħajr ma japplikaw il-proċedura ta' reġistrazzjoni stabbilita b'dawk l-Artikoli. **[Em. 250]**

2. B'deroga mill-Artikolu 53, il-varjetajiet aċċettati f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/62/KE u mal-Artikolu 3(1) ***u l-Artikolu 21(1)*** tad-Direttiva 2009/145/KE***, u varjetajiet b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/90/KE*** qabel… [~~ĠU, jekk jogħġbok daħħal~~ id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jiġu rreġistrati minnufih fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet bħala varjetajiet ta' konservazzjoni pprovduti b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura ta' reġistrazzjoni stabbilita b'dak l-Artikolu. **[Em. 251]**

TAQSIMA 4

Perjodu ta' reġistrazzjoni u ta' selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet

Artikolu 69

Perjodu ta' reġistrazzjoni

1. Il-perjodu ta' reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet ("perjodu ta' reġistrazzjoni") għandu jkun ta' 10 snin.

Madankollu, dak il-perjodu ta' reġistrazzjoni għandu jkun ta' 30 sena għall-varjetajiet ***ta' konservazzjoni u l-varjetajiet*** tal-ispeċijiet tal-pjanti tal-frott u tal-materjal tal-propagazzjoni tad-dwieli, kif elenkati rispettivament fil-Partijiet C u D tal-Anness I. **[Em. 252]**

Fil-każ tal-varjetajiet li jikkonsistu minn, jew li fihom, organiżmu ġenetikament modifikat, il-perjodu ta' reġistrazzjoni għandu jkun limitat għall-perjodu li għalih dak l-organiżmu ġenetikament modifikat ikun awtorizzat għall-kultivazzjoni skont id-Direttiva 2001/18/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

Fil-każ tal-varjetajiet li jikkonsistu minn, jew li fihom, pjanta NGT tal-kategorija 2 kif definita fl-Artikolu 3(8), tar-Regolament (UE) …/… (Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament dwar l-NGT...), il-perjodu ta' reġistrazzjoni għandu jkun limitat għall-perjodu li għalih dik il-pjanta tkun awtorizzata skont dak ir-Regolament.

2. Ir-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tista' tiġġedded għal perjodu ieħor ta' 10 snin, jew rispettivament ta' 30 sena, f'konformità mal-proċedura u mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 70.

Fil-każ tal-varjetà li tikkonsisti minn, jew li fiha, organiżmu ġenetikament modifikat, it-tiġdid tal-perjodu ta' reġistrazzjoni għandu jkun limitat għall-perjodu li għalih dak l-organiżmu ġenetikament modifikat ikun awtorizzat għall-kultivazzjoni skont id-Direttiva 2001/18/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

3. Ir-reġistrazzjoni ta' varjetà tista' tkun soġġetta għal tariffa annwali li titħallas mill-applikant, kif stabbilit mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 70

Proċedura u kundizzjonijiet sabiex tiġġedded reġistrazzjoni

1. Kull persuna li jkun beħsiebha ġġedded ir-reġistrazzjoni ta' varjetà għandha tippreżenta applikazzjoni mhux aktar kmieni minn 12-il xahar u mhux aktar tard minn 6 xhur minn meta jiskadi l-perjodu ta' reġistrazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 69(1).

2. L-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku. Magħha għandha tingħata evidenza li turi li dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 ġew issodisfati.

3. It-tiġdid tar-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jista' jingħata biss jekk:

(a) l-applikant ikun ppreżenta biżżejjed evidenza li l-varjetà tkun għadha konformi mar-rekwiżiti rispettivi tal-Artikolu 47(1); u

(b) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv tkun stabbiliet li hemm persuna responsabbli għas-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet f'konformità mal-Artikolu 72.

4. L-awtorità kompetenti tista', fuq inizjattiva tagħha stess, iġġedded ir-reġistrazzjoni ta' varjetà, jekk ikun għad hemm domanda kbira għaliha mill-operaturi professjonisti u mill-bdiewa kkonċernati, jew ~~jenħtieġ li~~***għandha*** tinżamm fl-interess tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti***, dment li l-varjetà ma tibqax protetta minn titolu tad-dritt ta' nissiela tal-pjanti f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2100/94, u dment li l-varjetà tkun barra mil-lista għal minimu ta' sentejn***. **[Em. 253]**

Artikolu 71

Tneħħija mir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv għandha tneħħi varjetà mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, jekk:

(a) tikkonkludi, fuq il-bażi ta' xi evidenza ġdida, li r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 47(1), ma għadhomx issodisfati;

(b) l-applikant ma jħallasx it-tariffa li l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet f'konformità mal-Artikoli 55, 59(4), 67(6) u 69(3);

(c) il-persuna responsabbli għas-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 72, titlob hekk, jew dik il-persuna ma tibqax tieħu ħsieb is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet u l-ebda persuna oħra ma tkun saret responsabbli għal dan l-inkarigu;

(d) ma tibqax issir selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 72;

(e) issir selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet f'pajjiż terz li ma jkunx ta assistenza fil-kontrolli ta' dik is-selezzjoni konservattiva skont l-Artikolu 72(7);

(f) fi żmien l-applikazzjoni, tingħata data falza jew frawdolenti li fuq il-bażi tagħha tkun ġiet deċiża r-reġistrazzjoni;

(g) ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda applikazzjoni għat-tiġdid sal-iskadenza msemmija fl-Artikolu 70(1) u l-perjodu ta' validità tar-reġistrazzjoni msemmi fl-Artikolu 69(1) ikun skada.

2. Fuq talba mill-applikant, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti li varjetà mneħħija mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (g), tibqa' disponibbli fis-suq sat-30 ta' Ġunju tat-tielet sena wara t-tneħħija mir-reġistru.

Din it-talba għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard mid-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' validità tar-reġistrazzjoni.

3. Wara t-tneħħija tagħha minn reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-varjetà kkonċernata għandha titneħħa minnufih mir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni, jekk ma tkun irreġistrata fl-ebda reġistru nazzjonali tal-varjetajiet ieħor.

Artikolu 72

Selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet

1. Is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet irreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandha ssir mill-applikant jew minn persuna oħra nnotifikata lill-awtorità kompetenti mill-applikant. L-awtorità kompetenti għandha tawtorizza lil dik il-persuna l-oħra twettaq is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet, jekk dik il-persuna tagħti prova tal-kapaċità tagħha għal dak il-kompitu, u l-awtorità kompetenti għandha tirtira dik l-awtorizzazzjoni jekk dik il-persuna ma tkunx għadha kapaċi għalih. L-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni ta' dik il-persuna għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru mill-applikant.

2. Is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet għandha ssir f'konformità mal-prattiki aċċettati li jikkonċernaw, kif xieraq, ġeneri, speċijiet jew tipi partikolari ta' varjetajiet.

3. Il-persuna msemmija fil-paragrafu 1 għandha żżomm rekords dwar is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet. F'kull ħin, l-awtorità kompetenti għandha tkun tista' tivverifika s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet f'dawk ir-rekords. Dawn ir-rekords għandhom ikopru wkoll il-produzzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat u standard, u l-istadji tal-produzzjoni qabel il-materjal prebażiku.

Fuq talba, għandu jiġi pprovdut kampjun standard tal-varjetà kkonċernata lill-awtorità kompetenti.

4. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel kontrolli fuq il-mod kif issir is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet u, għal dan l-għan, tista' tieħu kampjuni tal-varjetajiet ikkonċernati. Il-frekwenza ta' dawk il-kontrolli għandha tkun ibbażata fuq il-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità mal-paragrafi 1 sa 3.

5. Meta l-awtorità kompetenti ssib li l-persuna responsabbli għas-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet ma tkunx konformi mal-paragrafi 1 sa 3, hija għandha tagħti żmien xieraq lil dik il-persuna sabiex tieħu azzjoni korrettiva jew titlob lil persuna oħra twettaq is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet. Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni bħal din sa dak il-limitu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha tneħħi l-varjetà mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet f'konformità mal-Artikolu 71.

6. Meta s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet issir fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru li fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tiegħu tkun ġiet irreġistrata l-varjetà, l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Stati Membri kkonċernati għandhom jassistu lil xulxin fil-kontrolli tas-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet. Jekk ma tingħata l-ebda assistenza bħal din f'perjodu ta' żmien raġonevoli, jew jekk jiġi konkluż li s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet ma ssirx f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti rispettiva għandha tneħħi l-varjetà mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet f'konformità mal-Artikolu 71.

7. Meta s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet issir f'pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru, li fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tiegħu tkun ġiet irreġistrata l-varjetà, għandhom jitolbu l-assistenza tal-awtoritajiet tal-pajjiż terz fil-kontrolli dwar is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet, jekk selezzjoni konservattiva bħal din tkun ġiet soġġetta għar-rikonoxximent tal-ekwivalenza msemmija fl-Artikolu 39(5). Jekk ma tingħata l-ebda assistenza bħal din f'perjodu ta' żmien raġonevoli, jew jekk jiġi konkluż li s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet ma ssirx f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti rispettiva għandha tneħħi l-varjetà mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet f'konformità mal-Artikolu 71.

TAQSIMA 5

Żamma tad-dokumentazzjoni u tal-kampjuni

Artikolu 73

Dokumentazzjoni dwar ir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv għandha żżomm fajl dwar kull varjetà rreġistrata fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, li jkun fih:

(a) id-deskrizzjoni uffiċjali jew id-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà;

(b) ir-rapport tal-eżami; u

(c) kwalunkwe rapport tal-eżami komplementari skont l-Artikolu 64(4).

Fil-każ ta' deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment, il-fajl għandu jkun fih biss dik id-deskrizzjoni u d-dokumenti li jsostnuha.

Artikolu 74

Kampjuni tal-varjetajiet reġistrati

L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu kampjuni tal-varjetajiet irreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet u jagħmluhom aċċessibbli għal kwalunkwe parti terza fuq talba.

Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tispeċifika d-daqs ta' dawk il-kampjuni, ir-regoli għas-sostituzzjoni tagħhom, fil-każ li fih il-kwantità tal-kampjun oriġinali tkun limitata wisq jew ma tkunx għadha adegwata minħabba l-użu tagħha f'eżamijiet oħrajn, u l-preżentazzjoni tagħhom lil awtoritajiet kompetenti oħrajn. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

Artikolu 75

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. ~~Id-delega tas-setgħa~~***Is-setgħa li tadotta atti delegati*** msemmija fl-Artikoli 2(3), 7(3), 8(4), 10(2), ***12(3),*** 15(5), 20(2), 22(2), 24(4), 27(3)***, 30a, 33(1) u (3), 38(1) u (2)***, 46(2), 47(3), 52(3), 54(4), 61(3), u 62(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal ~~5 snin mid-data~~***ħames snin minn... [id-data*** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***].*** **[Em. 254]**

Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' 5 snin, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jkunx oppona estensjoni bħal din mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-ewwel perjodu ta' 5 snin.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 2(3), 7(3), 8(4), 10(2), ***12(3),*** 15(5), 20(2), 22(2), 24(4), 27(3)***,30a, 33(1) u (3), 38(1) u (2)***, 46(2), 47(3), 52(3), 54(4), 61(3), u 62(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. ~~Id-deċiżjoni ta' revoka~~***Deċiżjoni li tirrevoka*** għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. ~~Din~~ Għandha ssir effettiva ~~l-għada tal-pubblikazzjoni~~***fil-jum wara l-pubblikazzjoni*** tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma ~~għandhiex~~***għandha*** taffettwa l-validità ~~ta' kwalunkwe~~***tal-ebda*** att delegat li jkun diġà fis-seħħ. **[Em. 255]**

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. ~~L-att~~***Att*** delegat adottat skont l-Artikoli 2(3), 7(3), 8(4), 10(2), ***12(3),*** 15(5), 20(2), 22(2), 24(4), 27(3)***, 30a, 33(1) u (3), 38(1) u (2)***, 46(2), 47(3), 52(3), 54(4), 61(3), u 62(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi ħdan perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn ~~informaw~~***infurmaw*** lill-Kummissjoni li ~~ma humiex se~~***mhumiex sejrin*** joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. **[Em. 256]**

Artikolu 76

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kumitat għandu jkun megħjun mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf stabbilit bl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Meta l-opinjoni tal-kumitat tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, dan jiġi deċiż mill-President tal-kumitat jew b'maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Kumitat.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

([31]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

KAPITOLU VI

RAPPORTAR, PENALI U EMENDI TAR-REGOLAMENTI (UE) 2016/2031, 2017/625 U 2018/848

Artikolu 77

Rapportar

1. Sa … [5 snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull ħames snin wara dan, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport dwar dan li ġej:

(a) il-kwantitajiet tal-PRM iċċertifikat u standard u ~~ż-żoni użati għall-produzzjoni tagħhom għal kull sena u għal kull speċi,~~***speċijiet*** bi speċifikazzjoni tal-kwantitajiet użati għall-varjetajiet organiċi xierqa għall-produzzjoni organika; **[Em. 257]**

(b) il-kwantitajiet tal-PRM kummerċjalizzat ta' materjal eteroġenu u ż-żoni użati għall-produzzjoni tiegħu għal kull sena u għal kull speċi;

(c) il-kwantitajiet tal-PRM kummerċjalizzat tal-varjetajiet ta' konservazzjoni għal kull sena u għal kull speċi;

(d) l-għadd tal-operaturi ~~professjonist~~***professjonisti*** li jużaw id-derogi għall-kummerċjalizzazzjoni lill-utenti finali f'konformità mal-Artikolu 28, ***u*** l-ispeċijiet ikkonċernati ~~u l-kwantitajiet totali tal-PRM għal kull speċi~~; **[Em. 258]**

(e) l-għadd ~~tal-banek tal-ġeni,~~ tal-organizzazzjonijiet u tan-networks ***ta' konservazzjoni*** b'objettiv statutorju jew b'objettiv iddikjarat ieħor għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti, f'konformità mal-Artikolu 29, u l-ispeċijiet ikkonċernati; **[Em. 259]**

~~(f) il-kwantitajiet kif iddefiniti għal kull speċi għaż-żriegħ skambjati in natura bejn il-bdiewa, f'konformità mal-Artikolu 30;~~ **[Em. 260]**

~~(g) il-kwantitajiet awtorizzati għal kull speċi għall-PRM maħsub għal testijiet u għal provi għat-tnissil tal-varjetajiet ġodda, f'konformità mal-Artikolu 31;~~ **[Em. 261]**

(h) il-kwantitajiet tal-PRM għal kull ġeneru u għal kull speċi li għalihom ġie applikat l-Artikolu 33(4);

(i) il-kwantitajiet tal-PRM għal kull ġeneru u għal kull speċi importati minn pajjiżi terzi, f'konformità mal-Artikolu 39;

(j) il-penali imposti f'konformità mal-Artikolu 78;

(k) l-għadd tal-operaturi professjonisti stabbiliti fit-territorju tagħhom;

(ka) il-progress li sar fil-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u l-agrikoltura, jiġifieri permezz tal-għadd ta' entitajiet li jkunu nnotifikaw l-użu tagħhom tal-Artikolu 29 u data oħra relatata. **[Em. 331]**

2. Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-formati tekniċi għar-rapportar li jsir skont il-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

Artikolu 78

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati***, preventivi*** u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom. **[Em. 262]**

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali finanzjarji għall-ksur ta' dan ir-Regolament, imwettaq permezz ta' frodi jilħqu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, tal-anqas il-vantaġġ ekonomiku miksub mill-operatur professjonist jew il-perċentwal tal-fatturat tal-operatur professjonist.

Artikolu 79

Emendi tar-Regolament (UE) 2016/2031

Fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/2031, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, meta jkun xieraq, tistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-preżenza ta' pesti regolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni fuq il-pjanti għat-tħawwil ikkonċernati, kif imsemmi fl-Artikolu 36(f). Dawk il-miżuri għandhom, meta jkun xieraq, jikkonċernaw l-introduzzjoni u l-moviment ta' dawk il-pjanti fl-Unjoni."

Artikolu 80

Emendi tar-Regolament (UE) 2017/625

Ir-Regolament (UE) 2017/625 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2, jiżdied il-punt li ġej:

"(k) il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti.;"

(2) fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:

"(52) 'materjal riproduttiv tal-pjanti' tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti kif definit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) (+)";

_____

(*) Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill …. (ĠU …, p…). [in-nota f'qiegħ il-paġna li se tkun f'dak ir-regolament tiddaħħal hawnhekk]

(+) [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru ta' dan ir-Regolament u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dan ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.]"

(3) l-Artikolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 22:

"Artikolu 22a

Regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u għall-azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti b'rabta mas-saħħa tal-pjanti

1. Il-kontrolli uffiċjali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (k), għandhom jinkludu kontrolli uffiċjali fuq il-materjal riproduttiv tal-pjanti, fuq l-operaturi u fuq persuni oħrajn soġġetti għal dawk ir-regoli.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu regoli għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali fuq materjal riproduttiv tal-pjanti sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (k), li japplikaw għal dawk l-oġġetti u għall-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti wara t-twettiq ta' dawk il-kontrolli uffiċjali.

Dawk l-atti delegati għandhom jistabbilixxu regoli dwar rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali bħal dawn fuq:

(a) l-importazzjoni fl-Unjoni u l-kummerċjalizzazzjoni fi ħdan l-Unjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti partikolari soġġett għar-regoli msemmijin fl-Artikolu 1(2), il-punt (k), dwar l-identifikazzjoni u l-kwalità tiegħu, u

(b) rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq ta' dawk il-kontrolli uffiċjali fuq l-attivitajiet tal-operaturi matul il-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti partikolari soġġetti għar-regoli msemmijin fl-Artikolu 1(2), il-punt (k).

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq materjal riproduttiv tal-pjanti sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni msemmijin fl-Artikolu 1(2), il-punt (k), li japplikaw għal dawk l-oġġetti u għall-azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti wara tali kontrolli uffiċjali fuq:

(a) il-frekwenza minima uniformi ta' tali kontrolli uffiċjali, meta ikun meħtieġ livell minimu ta' kontroll uffiċjali bħala reazzjoni għar-riskji uniformi rikonoxxuti ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti ta' oriġini jew ta' provenjenza partikolari;

(b) il-frekwenza uniformi ta' kontrolli uffiċjali li jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti fuq l-operaturi awtorizzati sabiex iwettqu ċ-ċertifikazzjoni taħt superviżjoni uffiċjali f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) …/… (++)

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

4. Għall-fini tal-Artikolu 30, id-delega ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali, imsemmijin f'dan l-Artikolu, lil persuna fiżika waħda jew aktar, għandha tkun permessa.;"

_____

(++) ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament fit-test.

(4) fl-Artikolu 40(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(c) laboratorji li huma akkreditati mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Ittestjar taż-Żrieragħ sabiex iwettqu analiżijiet, testijiet u dijanjożi fuq il-kampjuni taż-żrieragħ."

~~*Artikolu 81*~~

~~**Emenda tar-Regolament (UE) 2018/848**~~

~~Ir-Regolament (UE) 2018/848 huwa emendat kif ġej:~~

~~(1) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:~~

~~(a) il-punt (17) huwa sostitwit b'dan li ġej:~~

~~"(17) 'materjal riproduttiv tal-pjanti' tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti kif definit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) (+);";~~

~~_____~~

~~(*) Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill …. (ĠU …, p…). [in-nota f'qiegħ il-paġna li se tkun f'dak ir-regolament tiddaħħal hawnhekk]~~

~~(+) [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru ta' dan ir-Regolament u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dan ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.]"~~

~~(b) il-punt (18) huwa sostitwit b'dan li ġej:~~

~~"(18) 'materjal eteroġenu organiku' tfisser materjal eteroġenu kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) …/… (*) (++), prodott f'konformità ma' dan ir-Regolament;"~~

~~_____~~

~~(*) Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill …. (ĠU …, p…). [in-nota f'qiegħ il-paġna li se tkun f'dak ir-regolament tiddaħħal hawnhekk]~~

~~(++) [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru ta' dan ir-Regolament.]"~~

~~(2) Jitħassar l-Artikolu 13.~~

~~(3) It-tieni paragrafu tal-punt 1.8.4. tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 huwa sostitwit b'dan li ġej: "Il-prattiki kollha ta' multiplikazzjoni, ħlief il-kolturi tat-tessuti tal-pjanti, il-kolturi taċ-ċelloli, il-ġermoplażma, il-meristemi, il-kloni kimeriċi, il-materjal mikropropagat, għandhom jitwettqu taħt ġestjoni organika ċċertifikata".~~ **[Em. 263]**

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 82

Tħassir

Jitħassru d-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE, 2002/57/KE, 2008/72/KE u 2008/90/KE.

Ir-referenzi għal dawn l-atti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII.

Artikolu 83

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn … [36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Madankollu,

(a) L-Artikolu 40(4) għandu japplika minn 3 ijiem wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(b) L-Artikolu 52 għandu japplika ~~minn... [60 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għall-ispeċijiet~~**, *dment li jkunu jeżistu r-rekwiżiti, il-metodoloġiji u l-istandards rispettivi tal-eżami għall-valutazzjoni tal-karatteristiċi*** elenkati ~~fil-Partijiet B u C tal-Anness I~~***fl-Artikolu 52(1), it-tieni subparagrafu, il-punti (a) sa (gb)***. Huwa għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. **[Em. 264]**

Magħmul fi …,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

Anness I

ĠENERI U SPEĊIJIET, U L-UŻI RISPETTIVI TAGĦHOM, KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 2

PARTI A

Ġeneri u speċijiet li għandhom jintużaw għall-produzzjoni tal-għelejjel agrikoli, għajr għall-ħxejjex

Agrostis canina L.

Agrostis capillaris L.

Agrostis gigantea Roth

Agrostis stolonifera L.

Alopecurus pratensis L.

Arachis hypogaea L.

Arrhenatherum elatius (L.) P. Beauv. ex J. Presl & C. Presl

Avena nuda L.

Avena sativa L. (includes A. byzantina K. Koch)

Avena strigosa Schreb.

Beta vulgaris L. partim

Biserrula pelecinus L.

Brassica juncea (L.) Czern.

Brassica napus L. var. napobrassica (L.) Rchb.

Brassica napus L. var. napus

Brassica nigra (L.) W.D.J. Koch

Brassica oleracea L. convar. acephala (DC.) Alef. var. medullosa Thell. + var. varidis L.

Brassica rapa L. var. silvestris (Lam.) Briggs

Bromus catharticus Vahl

Bromus sitchensis Trin.

Cannabis sativa L.

Carthamus tinctorius L.

Carum carvi L.

Cynodon dactylon (L.) Pers.

Dactylis glomerata L.

Festuca arundinacea Schreber

Festuca filiformis Pourr

Festuca ovina L.

Festuca pratensis Huds.

Festuca rubra L.

Festuca trachyphylla (Hack.) Krajina

Galega orientalis Lam.

Glycine max (L.) Merr. partim

Gossypium spp.

Hedysarum coronarium L.

Helianthus annuus L.

Hordeum vulgare L.

Lathyrus cicera L.

Linum usitatissimum L.

Lolium multiflorum Lam.

Lolium perenne L.

Lolium x hybridum Hausskn

Lotus corniculatus L.

Lupinus albus L.

Lupinus angustifolius L.

Lupinus luteus L.

Medicago doliata Carmign.

Medicago italica (Mill.) Fiori

Medicago littoralis Rohde ex Loisel.

Medicago lupulina L.

Medicago murex Willd.

Medicago polymorpha L.

Medicago rugosa Desr.

Medicago sativa L.

Medicago sativa L. nothosubsp. varia (Martyn) Arcang.

Medicago scutellata (L.) Mill.

Medicago truncatula Gaertn.

Onobrychis viciifolia Scop.

Ornithopus compressus L.

Ornithopus sativus Brot.

Oryza sativa L.

Papaver somniferum L.

Phacelia tanacetifolia Benth.

Phalaris aquatica L.

Phalaris canariensis L.

Phleum nodosum L.

Phleum pratense L.

Pisum sativum L. partim

Plantago lanceolata L.

Poa annua L.

Poa nemoralis L.

Poa palustris L.

Poa pratensis L.

Poa trivialis L.

Raphanus sativus L. var. oleiformis Pers.

Secale cereale L.

Sinapis alba L.

Sorghum bicolor (L.) Moench subsp. bicolor

Sorghum bicolor (L.) Moench subsp. bicolor x Sorghum bicolor (L.) Moench subsp. drummondii (Steud.) de Wet ex Davidse

Sorghum bicolor (L.) Moench subsp. drummondii (Steud.) de Wet ex Davidse

Trifolium alexandrinum L. Berseem

Trifolium fragiferum L.

Trifolium glanduliferum Boiss.

Trifolium hirtum All.

Trifolium hybridum L.

Trifolium incarnatum L.

Trifolium isthmocarpum Brot.

Trifolium michelianum Savi

Trifolium pratense L.

Trifolium repens L.

Trifolium resupinatum L.

Trifolium squarrosum L.

Trifolium subterraneum L.

Trifolium vesiculosum Savi

Trigonella foenum-graecum L.

Trisetum flavescens (L.) P. Beauv.

Triticum aestivum L. subsp. aestivum

Triticum aestivum L. subsp. spelta (L.) Thell.

Triticum turgidum L. subsp. durum (Desf.) van Slageren

Vicia benghalensis L.

Vicia faba L. partim

Vicia pannonica Crantz

Vicia sativa L.

Vicia villosa Roth

xFestulolium Asch. & Graebn

xTriticosecale Wittm. ex A. Camus

Zea mays L. partim

Cicer arietinum

Camelina sativa

Fagopyrum esculentu

Lens culinaris

Triticum monococcum

Chenopodium quinoa

Vicia ervilia

Vicia narbonensis

Tritordeum

Lathyrus sativus

Eragrostis tef

***Ceratonia siliqua* [Em. 265]**

PARTI B

Ġeneri u speċijiet li għandhom jintużaw għall-produzzjoni tal-ħxejjex

Allium cepa L.

Allium fistulosum L.

Allium porrum L.

Allium sativum L.

Allium schoenoprasum L.

Anthriscus cerefolium (L.) Hoffm.

Apium graveolens L.

Asparagus officinalis L.

Beta vulgaris L. partim

Brassica oleracea L. partim

Brassica rapa L. partim

Capsicum annuum L.

Cichorium endivia L.

Cichorium intybus L.

Citrullus lanatus (Thunb.) Matsum. et Nakai

Cucumis melo L.

Cucumis sativus L.

Cucurbita maxima Duchesne

Cucurbita pepo L.

Cynara cardunculus L.

Daucus carota L.

Foeniculum vulgare Mill.

Lactuca sativa L.

Petroselinum crispum (Mill.) Nyman ex A. W. Hill

Phaseolus coccineus L.

Phaseolus vulgaris L.

Pisum sativum L. partim

Raphanus sativus L. partim

Rheum rhabarbarum L.

Salvia hispanica. **[Em. 266]**

Scorzonera hispanica L.

Solanum lycopersicum L.

Solanum melongena L.

Spinacia oleracea L.

Valerianella locusta (L.) Laterr.

Vicia faba L. partim

Zea mays L. partim

Ibridi li jirriżultaw mill-inkroċjar tal-ispeċijiet imsemmija f'din il-Parti.

PARTI C

Ġeneri u speċijiet li għandhom jintużaw għall-produzzjoni tal-pjanti tal-frott

Castanea sativa Mill.

Citrus L.

Corylus avellana L.

Cydonia oblonga Mill.

Ficus carica L.

Fortunella Swingle

Fragaria L.

Juglans regia L.

Malus Mill.

Olea europaea L.

Pistacia vera L.

Poncirus Raf.

Prunus amygdalus Batsch

Prunus armeniaca L.

Prunus avium (L.) L.

Prunus cerasus L.

Prunus domestica L.

Prunus persica (L.) Batsch

Prunus salicina Lindley

Pyrus L.

Ribes L.

Rubus L.

Vaccinium L.

PARTI D

Ġeneri u speċijiet li għandhom jintużaw għall-produzzjoni tad-dwieli

Vitis L.

PARTI E

Ġeneri u speċijiet li għandhom jintużaw għall-produzzjoni tal-patata

Solanum tuberosum L.

Anness II

REKWIŻITI GĦALL-PRODUZZJONI U GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAŻ-ŻRIERAGĦ U TAL-MATERJAL PREBAŻIĊI, BAŻIĊI U ĊĊERTIFIKATI KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 7

PARTI A

REKWIŻITI GĦALL-PRODUZZJONI U GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAŻ-ŻRIERAGĦ PREBAŻIĊI, BAŻIĊI U ĊĊERTIFIKATI TA' SPEĊI AGRIKOLI U VEĠETALI

1. Rekwiżiti ġenerali għall-produzzjoni taż-żrieragħ prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati

A. Iż-żrigħ jew it-tħawwil:

(a) Il-varjetà taż-żerriegħa miżrugħa, inkluż fejn applikabbli l-pjanti omm, għandha tiġi identifikata permezz ta' tikketta uffiċjali jew tikketta maħruġa mill-operatur professjonist, u għandha tiġi rreġistrata biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħha. It-tikketta, jew ir-rekords dwar il-pjanta omm, għandhom jinżammu mill-operatur professjonist sakemm tinħareġ it-tikketta uffiċjali taż-żerriegħa kummerċjalizzata.

(b) Il-kultivazzjoni preċedenti tal-għalqa għandha tkun kompatibbli mal-produzzjoni taż-żerriegħa tal-ispeċi, il-varjetà u l-kategorija tal-għalla, u l-għalqa għandha tkun ħielsa biżżejjed minn pjanti bħal dawn, li jaf ikunu baqgħu minn kultivazzjoni preċedenti (voluntiera).

(c) Il-pjanti omm jew iż-żerriegħa għandhom jitħawlu u/jew jinżergħu b'mod li jiżgura:

(i) distanza suffiċjenti mis-sorsi ta' trab tad-dakra tal-istess speċi u/jew varjetajiet differenti, minn kwalunkwe dakkir barrani mhux mixtieq, sabiex jiġi evitat id-dakkir inkroċjat ma' għelejjel oħra, fejn applikabbli; u

(ii) sors u livell xierqa ta' dakkir sabiex tiġi żgurata r-riproduzzjoni sussegwenti, fejn applikabbli.

(d) Il-kwalità tal-ħamrija, is-sottostrati, il-pjanti omm u l-ambjent immedjat għandhom jiġu spezzjonati sabiex tiġi evitata l-preżenza tal-pesti jew tal-vetturi tagħhom, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031.

(e) Il-magni u kwalunkwe tagħmir li jintuża għandhom jiġu spezzjonati, u għandu jitneħħa l-ħaxix ħażin jew iż-żerriegħa minn speċijiet jew varjetajiet oħra.

(f) Fejn xieraq, il-produzzjoni taż-żrieragħ għandha ssir separatament mill-kultivazzjoni taż-żrieragħ li jappartjenu għall-istess ġeneri jew speċijiet maħsuba għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf, biex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti applikabbli biss għall-PRM ikkonċernat.

(g) Fejn applikabbli, tista' tintuża wkoll propagazzjoni *in vitro* għar-riproduzzjoni taż-żrieragħ.

B. Kultivazzjoni f'għalqa:

(a) Għandu jiġi żgurat li l-pjanti ta' speċijiet oħra, varjetajiet oħra, li jidhru bħala impurità varjetali, li ovvjament ivarjaw mill-varjetà f'karatteristika waħda jew aktar mid-deskrizzjoni tal-varjetà ("barra t-tip"), fl-għalqa, ikunu assenti. Meta dan ma jkunx possibbli minħabba l-karatteristiċi tal-ispeċijiet ikkonċernati, dawn għandhom ikunu preżenti sal-anqas livell possibbli.

Fil-każ li jkun hemm pjanti barra t-tip jew speċijiet jew varjetajiet oħra tal-pjanti matul l-istadju tal-kultivazzjoni, jew matul l-ipproċessar taż-żerriegħa, għandu jiġi applikat trattament u/jew għandha tiġi applikata eliminazzjoni xierqa biex jiġu żgurati l-identità u l-purità varjetali taż-żerriegħa, u biex tiġi evitata l-preżenza ta' kwalunkwe speċi mhux mixtieqa.

(b) Il-pjanti għandhom jiġu ttrattati jew għandhom jiġu eskluži bħala sors tal-PRM f'każ ta' riżultati pożittivi tat-testijiet jew ta' sintomi viżivi tal-pesti, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031, jew f'każ ta' difetti.

(c) Għandha ssir selezzjoni konservattiva tal-PRM, inkluż, fejn applikabbli, tal-pjanti omm b'tali mod li tkun żgurata l-identità tal-varjetà. Dik is-selezzjoni konservattiva għandha tkun ibbażata fuq id-deskrizzjoni uffiċjali jew fuq id-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà.

(d) Il-pjanti omm għandhom jinżammu fil-faċijiet kollha tal-produzzjoni, f'kundizzjonijiet li jippermettu l-produzzjoni taż-żrieragħ, u li jippermettu l-identifikazzjoni tagħhom bid-deskrizzjoni uffiċjali tal-varjetà tagħhom.

(e) L-għelejjel kollha fl-għalqa għandhom jiġu spezzjonati uffiċjalment jew taħt superviżjoni uffiċjali fl-istadju/i tat-tkabbir rilevanti tagħhom, bil-frekwenza rilevanti u bil-metodi rilevanti, kif xieraq, għall-ispeċijiet ikkonċernati biex jiġu vverifikati r-rekwiżiti rispettivi. Il-metodi għall-ispezzjonijiet għandhom ikunu f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli. Jekk ma jkunx possibbli li jitneħħew jew jiġu sseparati l-pjanti mhux konformi matul il-fażi tat-tkabbir, l-għalqa kollha għandha titwarrab għall-produzzjoni taż-żrieragħ, sakemm iż-żrieragħ mhux mixtieqa ma jkunux jistgħu jiġu sseparati mekkanikament fi stadju aktar tard.

C. Ħsad u wara l-ħsad:

(a) Iż-żerriegħa għandha tinħasad sfuża jew bħala pjanti individwali, kif xieraq, biex jiġu żgurati l-identità u l-purità tagħha u t-traċċabbiltà korretta.

(b) Kampjun taż-żerriegħa għandu jittieħed minn kull lott issiġillat. Id-daqs tal-kampjun u l-intensità, it-tagħmir u l-metodu tal-kampjunar għandhom ikunu xierqa għall-ispeċi kkonċernata u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

(c) Il-kampjuni kollha taż-żerriegħa għandhom ikunu soġġetti għall-ittestjar fil-laboratorju, biex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kwalità għall-ispeċijiet rispettivi. L-ittestjar fil-laboratorju għandu jsir f'konformità mal-metodi, it-tagħmir u l-mezzi tat-tkabbir xierqa għall-ispeċijiet ikkonċernati, u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli. L-ittestjar għandu jinkludi, fejn xieraq, l-ittestjar mill-ġdid tar-rata tal-ġerminazzjoni wara ċertu perjodu xieraq għall-ispeċi kkonċernata.

(d) Il-lottijiet kollha taż-żrieragħ li jappartjenu għall-kategorija prebażika, bażika, jew iċċertifikata jekk ikunu se jintużaw għall-produzzjoni ta' ġenerazzjonijiet ulterjuri taż-żrieragħ, u mill-inqas 5 % tal-lottijiet taż-żrieragħ li jappartjenu għal kategorija ċċertifikata li mhux se jibqgħu jiġu mmultiplikati, huma soġġetti għall-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll mill-operatur, taħt superviżjoni uffiċjali, biex tiġi vverifikata l-konformità ma':

(i) l-identità varjetali tagħhom;

(ii) l-istandards tal-purità varjetali minima; u

(iii) ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-pjanti.

Il-lottijiet taż-żrieragħ li jappartjenu għall-kategorija prebażika, bażika jew iċċertifikata għandhom ikunu soġġetti għal ittestjar uffiċjali ta' wara l-kontroll ibbażat fuq ir-riskju sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti preċedenti. Il-kampjuni li jintużaw għat-testijiet uffiċjali ta' wara l-kontroll għandhom jittieħdu uffiċjalment.

L-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll għandu jitwettaq f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

Jistgħu jintużaw metodi bijomolekulari xierqa.

2. Rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ

Iż-żerriegħa għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' kwalità kollha li ġejjin, skont il-karatteristiċi ta' kull ġeneru jew speċi u l-kategorija kkonċernata:

(a) għandu jkollha ġerminazzjoni minima sabiex wara ż-żrigħ ikun hemm għadd xieraq ta' pjanti f'kull metru kwadru, u għaldaqstant sabiex ikunu żgurati r-rendiment u l-kwalità tal-produzzjoni;

(b) għandu jkollha kontenut minimu ta' żerriegħa iebsa sabiex ikun hemm għadd xieraq ta' pjanti f'kull metru kwadru;

(c) għandu jkollha l-purità minima sabiex ikun żgurat l-ogħla livell ta' identità varjetali;

(d) għandu jkollha kontenut massimu ta' ndewwa sabiex tkun żgurata l-preservazzjoni tal-materjal waqt l-ipproċessar, il-ħażna u d-disponibbiltà fis-suq;

(e) għandu jkollha kontenut massimu ta' żrieragħ ta' ġeneri jew speċijiet oħra sabiex tkun żgurata l-anqas preżenza ta' pjanti mhux mixtieqa fil-lott;

(f) għandu jkollha saħħa minima, dimensjoni definita u klassifikazzjoni speċifika sabiex ikunu żgurati l-adegwatezza tal-materjal u omoġeneità suffiċjenti tal-lott għaż-żrigħ jew għat-tħawwil;

(g) għandu jkollha preżenza massima ta' materja mill-ħamrija jew ta' materja barranija sabiex jiġu evitati l-prattiċi frodulenti u l-impuritajiet tekniċi; u

(h) din ma għandux ikollha difetti u ħsarat speċifiċi sabiex ikunu żgurati l-kwalità u s-saħħa tal-materjal.

PARTI B

REKWIŻITI GĦALL-PRODUZZJONI U GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-MATERJAL PREBAŻIKU, BAŻIKU U ĊĊERTIFIKAT TA' SPEĊIJIET AGRIKOLI U VEĠETALI ***U PJANTI TAL-FROTT*** **[Em. 267]**

1. Rekwiżiti għall-produzzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat

A. Iż-żrigħ jew it-tħawwil:

(a) L-identità tal-materjal, inkluż, fejn applikabbli, il-pjanti omm jew iż-żerriegħa miżrugħa, għandha tiġi ddeterminata permezz ta' tikketta uffiċjali jew ta' tikketta maħruġa mill-operatur professjonist, u rreġistrata mill-operatur professjonist biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħha. It-tikketta tal-materjal wara l-kummerċjalizzazzjoni ta' dak il-materjal, jew ir-rekords dwar il-pjanta omm, għandhom jinżammu mill-operatur professjonist.

(b) Il-materjal għandu jitħawwel b'tali mod li:

(i) il-materjal prebażiku jinżamm f'faċilitajiet li jiżguraw li ma jkunx hemm infezzjoni permezz tal-vetturi tal-ajru u kwalunkwe sors possibbli ieħor matul il-proċess tal-produzzjoni;

(ii) ikun hemm distanza suffiċjenti minn pjanti oħra tal-istess ġeneri jew speċijiet, iddeterminata abbażi ta' karatteristiċi botaniċi u tekniki tat-tnissil ta' kull speċi, u kif xieraq għall-kategorija tal-materjal, biex tiġi żgurata l-protezzjoni minn kwalunkwe dakkir barrani mhux mixtieq u biex jiġi evitat id-dakkir inkroċjat ma' għelejjel oħra; u

(iii) id-densitajiet tat-tħawwil ikunu adegwati biex jippermettu li l-pjanti jiġu osservati individwalment.

(c) Fejn xieraq, il-kultivazzjoni tal-materjal għandha ssir separatament mill-kultivazzjoni tal-materjal li jappartjeni għall-istess ġeneri jew speċijiet maħsuba għal skopijiet ta' ikel jew għalf.

B. Kultivazzjoni f'għalqa:

(a) Matul l-istadji kollha tal-kultivazzjoni, il-materjal tal-propagazzjoni u tat-tħawwil għandu jinżamm separat minn xulxin.

(b) Il-PRM li jissodisfa r-rekwiżiti ta' kategorija partikolari ma għandux jitħallat mal-materjal ta' kategoriji oħra.

(c) Il-pjanti barra t-tip u dawk deformati jew danneġġati għandhom jintremew fl-istadji kollha tal-kultivazzjoni.

(d) Il-pjanti omm għandhom jiġu ttrattati jew għandhom jiġu eskluży bħala sors tal-PRM f'każ ta' riżultati pożittivi tat-testijiet jew ta' sintomi viżivi tal-pesti, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 jew f'każ ta' difetti.

(e) Il-pjanti omm għandhom jinżammu fil-fażijiet kollha tal-kultivazzjoni, f'kundizzjonijiet li jippermettu l-produzzjoni tal-PRM, u li jippermettu l-identifikazzjoni u l-verifika tagħhom tal-konformità mad-deskrizzjoni uffiċjali jew mad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà tagħhom. Fil-każ tal-pjanti omm li ma jappartjenux għal varjetà, dik il-verifika tal-konformità mad-deskrizzjoni uffiċjali jew mad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment għandha tikkonċerna l-ispeċijiet li għalihom jappartjenu dawk il-pjanti omm.

(f) Il-pjanti omm għandhom jiġu spezzjonati fl-istadju/i tat-tkabbir rilevanti tagħhom, bil-frekwenza rilevanti u bil-metodi rilevanti kif xieraq għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati.

(g) Il-kampjun li għandu jittieħed minn lott għandu jkollu d-daqs minimu xieraq biex jiġi ddeterminat l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-kwalità għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet rispettivi. L-intensità, it-tagħmir u l-metodu tal-kampjunar għandhom ikunu xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

(h) L-ittestjar għandu jitwettaq f'konformità mal-metodi, mat-tagħmir u mal-materjal għat-tkabbir xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati, u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-kwalità jkunu ġew issodisfati.

C. Il-ħsad u wara l-ħsad għall-ispeċijiet u l-ġeneri li jappartjenu għall-Parti E tal-Anness I (patata taż-żrigħ):

(a) Il-materjal għandu jinħasad sfuż jew bħala pjanti individwali, kif xieraq, biex jiġu żgurati l-identità, is-saħħa u t-traċċabbiltà tiegħu.

(b) Għandu jittieħed kampjun tat-tuberi minn kull lott issiġillat. Id-daqs tal-kampjun u l-intensità, it-tagħmir u l-metodu tal-kampjunar għandhom ikunu xierqa għall-ispeċi kkonċernata u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

(c) Il-kampjuni kollha tat-tuberi għandhom ikunu soġġetti għall-ittestjar fil-laboratorju, biex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' kwalità u dawk fitosanitarji għall-ispeċijiet rispettivi. L-ittestjar fil-laboratorju għandu jitwettaq f'konformità mal-metodi, mat-tagħmir u mal-materjal għat-tkabbir xierqa għall-ispeċijiet ikkonċernati, u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

(d) Il-lottijiet kollha li jappartjenu għall-kategorija prebażika jew bażika, u mill-inqas 5 % tal-lottijiet li jappartjenu għal kategorija ċċertifikata, għandhom ikunu soġġetti għall-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll mill-operatur, taħt superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti, biex tiġi vverifikata l-konformità ma':

(i) l-identità varjetali tagħhom;

(ii) l-istandards tal-purità varjetali minima;

(iii) il-kapaċità tal-ġerminazzjoni tagħhom;

(iv) ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-pjanti.

Il-lottijiet li jappartjenu għall-kategorija prebażika, bażika jew iċċertifikata għandhom ikunu soġġetti għal ittestjar uffiċjali ta' wara l-kontroll ibbażat fuq ir-riskju sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti preċedenti. Il-kampjuni li jintużaw għat-testijiet uffiċjali ta' wara l-kontroll għandhom jittieħdu uffiċjalment.

L-ittestjar b'roqgħa ta' kontroll għandu jitwettaq f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

Jistgħu jintużaw metodi bijomolekulari xierqa.

2. Rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat

Il-materjal għandu jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin, skont il-karatteristiċi ta' kull ġeneru jew speċi u l-kategorija kkonċernata:

(a) ikollu saħħa jew rata tal-ġerminazzjoni minima, dimensjoni definita, u, fejn applikabbli, klassifikazzjoni speċifika, biex jiġu żgurati l-adegwatezza tal-materjal u omoġeneità suffiċjenti tal-lott għat-tħawwil;

(b) ikun prattikament ħieles minn difetti speċifiċi.

PARTI C

REKWIŻITI GĦALL-PRODUZZJONI, ~~GĦAR-REĠISTRAZZJONI~~ U GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-KLONI MAGĦŻULA, ~~TAT-TAĦLITIET MULTIKLONALI U TAL-PRM POLIKLONALI~~ TAL-MATERJAL PREBAŻIKU, BAŻIKU U ĊĊERTIFIKAT KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 9(1) **[Em. 268]**

1. Rekwiżiti għall-produzzjoni tal-kloni magħżula prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati~~, tat-taħlitiet multiklonali u tal-PRM poliklonali~~ **[Em. 269]**

A. Tħawwil:

(a) L-identità tal-klonu magħżul~~, tat-taħlita multiklonali jew tal-PRM poliklonali~~ għandha tiġi ddeterminata permezz ta' tikketta uffiċjali jew ta' tikketta maħruġa mill-operatur professjonist u rreġistrata mill-operatur professjonist biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħha. It-tikketta tal-materjal jew tar-rekords, fuq il-pjanti omm rispettivi għall-produzzjoni ta' kull klonu magħżul ~~u l-ġenotipi rispettivi għall-produzzjoni tal-PRM poliklonali,~~ għandha tinżamm mill-operatur professjonist wara l-kummerċjalizzazzjoni ta' dak il-PRM. **[Em. 270]**

(b) Il-materjal għandu jitħawwel b'tali mod li:

~~(i) ikun hemm distanza suffiċjenti minn pjanti oħra tal-istess ġeneri jew speċijiet, iddeterminata abbażi ta' karatteristiċi botaniċi għal kull speċi u kif xieraq għall-kategorija tal-materjal, biex tiġi żgurata l-protezzjoni minn kwalunkwe dakkir barrani mhux mixtieq u biex jiġi evitat id-dakkir inkroċjat ma' għelejjel oħra;~~ **[Em. 271]**

~~(ii)~~ id-densitajiet tat-tħawwil ikunu adegwati biex jippermettu li kull pjanta tiġi osservata individwalment.

(c) Fejn xieraq, il-kultivazzjoni tal-materjal għandha ssir separatament mill-kultivazzjoni tal-materjal li jappartjeni għall-istess ġeneri jew speċijiet maħsuba għal skopijiet ta' ikel jew għalf.

B. Kultivazzjoni f'għalqa:

(a) Matul l-istadji kollha tal-kultivazzjoni, il-materjal tal-propagazzjoni u tat-tħawwil għandu jinżamm separat minn xulxin.

(b) Il-materjal riproduttiv li jissodisfa r-rekwiżiti ta' kategorija partikolari ma għandux jitħallat mal-materjal ta' kategoriji oħra.

(c) Il-pjanti barra t-tip u l-pjanti deformati jew danneġġati għandhom jintremew fl-istadji kollha tal-kultivazzjoni sabiex jiġu żgurati l-identità u l-purità varjetali, jew, fil-każ ta' salvaġġ li ma jkunx jappartjeni għal varjetà, l-awtenticità tal-identità tal-ispeċi, u l-produzzjoni effiċjenti.

(d) Il-pjanti omm rispettivi ~~u l-ġenotipi rispettivi~~ għandhom jiġu eskluži bħala sors tal-PRM f'każ ta' difetti. **[Em. 272]**

(e) Il-pjanti omm rispettivi ~~u l-ġenotipi rispettivi~~ għandhom jinżammu fil-fażijiet kollha tal-kultivazzjoni, ~~b'kundizzjonijiet~~ ***f'kundizzjonijiet*** li jippermettu l-produzzjoni tal-PRM, u li jippermettu l-identifikazzjoni u l-verifika tagħhom tal-konformità mad-deskrizzjoni uffiċjali jew mad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà tagħhom. Fil-każ tal-pjanti omm li ma jappartjenux għal varjetà, dik il-verifika tal-konformità mad-deskrizzjoni uffiċjali jew mad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment għandha tikkonċerna l-ispeċijiet li għalihom jappartjenu dawk il-pjanti omm. **[Em. 273]**

(f) Il-pjanti omm għandhom jiġu spezzjonati fl-istadju/i tat-tkabbir rilevanti tagħhom, bil-frekwenza rilevanti u bil-metodi rilevanti kif xieraq għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati.

(g) Il-kampjun li għandu jittieħed minn lott għandu jkollu d-daqs minimu xieraq biex jiġi ddeterminat l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-kwalità għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet rispettivi. L-intensità, it-tagħmir u l-metodu tal-kampjunar għandhom ikunu xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

(h) L-ittestjar għandu jitwettaq f'konformità mal-metodi, mat-tagħmir u mal-materjal għat-tkabbir xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati, u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-kwalità jkunu ġew issodisfati.

~~(i) Fil-każ tat-taħlitiet multiklonali, it-taħlita tal-kloni magħżula li jikkostitwixxu t-taħlita multiklonali għandha ssir qabel l-imballaġġ finali ta' dak il-PRM u għandha tinkludi proporzjonijiet identiċi tal-kloni magħżula kollha li jikkostitwixxu t-taħlita multiklonali.~~ **[Em. 274]**

~~(j) Fil-każ tal-PRM poliklonali, it-taħlita tal-ġenotipi li jikkostitwixxu l-PRM poliklonali għandha ssir qabel l-imballaġġ finali ta' dak il-PRM u għandha tinkludi proporzjonijiet identiċi tal-ġenotipi kollha li jikkostitwixxu l-PRM poliklonali.~~ **[Em. 275]**

~~*2.* Rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-klonu magħżul, tat-taħlita multiklonali u tal-PRM poliklonali~~

~~(a) L-applikant għandu jippreżenta applikazzjoni lill-awtorità kompetenti li tindika:~~

~~(i) l-ispeċi u, kif applikabbli, il-varjetà li għaliha jappartjeni l-klonu magħżul, it-taħlita multiklonali jew il-PRM poliklonali, fejn il-varjetà għandha tiġi rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 44;~~

~~(ii) id-denominazzjoni u s-sinonimi proposti;~~

~~(iii) fejn applikabbli, id-deskrizzjoni tal-kompożizzjoni tat-taħlita multiklonali jew tal-PRM poliklonali;~~

~~(iv) il-persuna responsabbli għaż-żamma tal-klonu magħżul, tat-taħlita multiklonali jew tal-PRM poliklonali;~~

~~(v) ir-referenza għad-deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-varjetà li għaliha jappartjeni l-klonu magħżul, it-taħlita multiklonali jew il-PRM poliklonali;~~

~~(vi) id-deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-VSCU tal-klonu magħżul, tat-taħlita multiklonali jew tal-PRM poliklonali;~~

~~(vii) il-gwadann ġenetiku stmat tal-klonu magħżul, tat-taħlita multiklonali jew tal-PRM poliklonali fir-rigward tal-prestazzjoni ġenerali tal-varjetà rilevanti;~~

~~(viii) l-informazzjoni dwar jekk il-klonu magħżul, it-taħlita multiklonali jew il-PRM poliklonali humiex diġà rreġistrati f'reġistru ta' Stat Membru ieħor.~~

~~(b) Il-klonu magħżul, it-taħlita multiklonali jew il-PRM poliklonali għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin kif xieraq għat-tip ta' materjal ikkonċernat sabiex jiġu rreġistrati:~~

~~(i) il-PRM poliklonali għandu jintgħażel fi prova fuq il-post unika li jkun fiha kampjun rappreżentattiv tad-diversità ġenetika ġenerali tal-varjetà skont disinn sperimentali bbażat fuq metodi aċċettati fuq livell internazzjonali. Fil-każ tal-PRM poliklonali tad-dwieli, dak id-disinn għandu jkun ibbażat fuq metodi preskritti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-dwieli u tal-inbid;~~

~~(ii) fil-każ tal-materjal ta' propagazzjoni tad-dwieli, il-PRM poliklonali għandu jkun magħmul minn 7 sa 20 ġenotip distint;~~

~~(iii) l-awtentiċità tal-klonu magħżul, ta' kull klonu magħżul tat-taħlita multiklonali, ta' kull ġenotip tal-PRM poliklonali rigward l-identità tal-varjetà għandha tiġi żgurata permezz tal-osservazzjoni tal-karatteristiċi fenotipiċi u, fejn xieraq, permezz ta' analiżi molekulari skont standards aċċettati internazzjonalment.~~

~~L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar ir-reġistrazzjoni biss wara li tikkonkludi li l-punti (i) - (iii) kif applikabbli għat-tip ta' materjal huma ssodisfati.~~

~~(c) Ir-rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat kif stabbilit fil-Parti B, il-punt 2 għandhom japplikaw kif xieraq.~~ **[Em. 276]**

PARTI D

REKWIŻITI GĦALL-PRODUZZJONI U GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAŻ-ŻERRIEGĦA PREBAŻIKA, BAŻIKA U ĊĊERTIFIKATA TAL-PJANTI TAL-FROTT, TAD-DWIELI U TAL-PATATA ~~TAŻ-ŻRIGĦ~~ **[Em. 277]**

1. Rekwiżiti għall-produzzjoni taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata tal-pjanti tal-frott, tad-dwieli u tal-patata ~~taż-żrigħ~~ **[Em. 278]**

A. Iż-żrigħ jew it-tħawwil:

(a) Il-pjanti omm u, fejn xieraq, il-pjanti dakkara għandhom jitħawlu b'tali mod li:

(i) ikun hemm distanza suffiċjenti minn pjanti oħra tal-istess ġeneri jew speċijiet, iddeterminata mill-karatteristiċi botaniċi u mit-tekniki tat-tnissil u kif xieraq għall-kategorija tal-materjal, biex tiġi żgurata l-protezzjoni minn kwalunkwe dakkir barrani mhux mixtieq u biex jiġi evitat id-dakkir inkroċjat ma' għelejjel oħra; u

(ii) id-densitajiet tat-tħawwil ikunu adegwati biex jippermettu li l-pjanti jiġu osservati individwalment.

(b) Fejn xieraq, il-kultivazzjoni tal-materjal għandha ssir separatament mill-kultivazzjoni tal-materjal li jappartjeni għall-istess ġeneri jew speċijiet maħsuba għal skopijiet ta' ikel jew għalf.

B. Kultivazzjoni f'għalqa:

(a) Matul l-istadji kollha tal-kultivazzjoni, il-materjal tal-propagazzjoni u tat-tħawwil għandu jinżamm separat minn xulxin.

(b) Il-materjal riproduttiv li jissodisfa r-rekwiżiti ta' kategorija partikolari ma għandux jitħallat mal-materjal ta' kategoriji oħra.

(c) Il-pjanta omm li tagħmel il-fjuri għandha tkun soġġetta għall-awtodakkir jew għad-dakkir inkroċjat bi trab tad-dakra mill-pjanti dakkara tal-madwar, kif xieraq għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati.

(d) Il-pjanti barra t-tip u dawk deformati jew danneġġati għandhom jintremew fl-istadji kollha tal-kultivazzjoni sabiex tiġi żgurata l-awtentiċità tal-identità tal-varjetà, jew għall-pjanti li ma jappartjenux għal varjetà, biex tiġi żgurata l-awtentiċità tal-identità tal-ispeċijiet li jappartjenu għalihom, il-purità suffiċjenti u l-produzzjoni effiċjenti tagħhom.

(e) Il-pjanti omm u l-pjanti dakkara għandhom jiġu eskluži bħala sors taż-żrieragħ f'każ ta' difetti.

(f) Il-pjanti omm għandhom jinżammu fil-fażijiet kollha tal-kultivazzjoni, f'kundizzjonijiet li jippermettu l-produzzjoni taż-żrieragħ. Il-pjanti omm u l-pjanti dakkara għandhom jinżammu fil-fażijiet kollha tal-kultivazzjoni, f'kundizzjonijiet li jippermettu l-identifikazzjoni u l-verifika tagħhom tal-konformità mad-deskrizzjoni uffiċjali jew mad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà tagħhom. Fil-każ tal-pjanti omm u tal-pjanti dakkara li ma jkunux jappartjenu għal varjetà, dik il-verifika tal-konformità mad-deskrizzjoni uffiċjali jew mad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment għandha tikkonċerna l-ispeċi li għaliha jappartjenu dawk il-pjanti omm u l-pjanti dakkara.

(g) Il-pjanti omm u l-pjanti dakkara għandhom jiġu spezzjonati fl-istadju/i ta' tkabbir rilevanti tagħhom, bil-frekwenza rilevanti u bil-metodi rilevanti kif xieraq għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati.

(h) Il-kampjun li għandu jittieħed minn lott għandu jkollu d-daqs minimu xieraq biex jiġi ddeterminat l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-kwalità għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet rispettivi. L-intensità, it-tagħmir u l-metodu tal-kampjunar għandhom ikunu xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

(i) L-ittestjar għandu jitwettaq f'konformità mal-metodi, mat-tagħmir u mal-materjal għat-tkabbir xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati, u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-kwalità jkunu ġew issodisfati.

2. Rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa prebażika, bażika u ċċertifikata tal-pjanti tal-frott, tad-dwieli u tal-patata taż-żrigħ

Iż-żerriegħa għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' kwalità kollha li ġejjin, skont il-karatteristiċi ta' kull ġeneru jew speċi u l-kategorija kkonċernata:

(a) tappartjeni għall-varjetà u, fil-każ ta' żrieragħ li ma jappartjenux għal varjetà, għall-ispeċi;

(b) ikollha saħħa minima, dimensjoni definita, u, fejn applikabbli, klassifikazzjoni speċifika, sabiex ikunu żgurati l-adegwatezza tal-materjal u omoġeneità suffiċjenti tal-lott għat-tħawwil; u

(c) tkun prattikament ħielsa minn difetti u ħsarat speċifiċi biex tiġi żgurata l-kwalità taż-żrieragħ.

PARTI E

REKWIŻITI GĦALL-PRODUZZJONI U GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-MATERJAL PREBAŻIKU, BAŻIKU U ĊĊERTIFIKAT PRODOTT PERMEZZ TAL-PROPAGAZZJONI *IN VITRO*

1. Rekwiżiti għall-produzzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat prodott permezz tal-propagazzjoni *in vitro*

A. Kultura *in vitro*

(a) L-identità tal-materjal *in vitro* jew *in vivo*, kif applikabbli, għandha tiġi ddeterminata permezz ta' tikketta u għandha tiġi rreġistrata biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħha. Għandha tinżamm it-tikketta tal-materjal.

(b) Il-materjal li jkun ġie inkluż fil-kampjun minn materjal *in vivo* għandu jkun sanitizzat.

B. Produzzjoni *in vitro*

(a) Il-klonu/i li joriġina(w) mill-materjal imsemmi fil-punt A.(a) għandu/għandhom jiġi/jiġu prodott(i) permezz ta' propagazzjoni *in vitro*.

(b) Matul l-istadji kollha tal-kultivazzjoni, il-materjal tal-propagazzjoni u tat-tħawwil għandu jinżamm separat minn xulxin.

(c) Il-klonu/i li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kategorija PRM partikolari ma għandhomx jitħalltu mal-klonu/i ta' kategoriji oħra.

(d) L-għadd taċ-ċikli ta' propagazzjoni suċċessivi permezz tal-propagazzjoni *in vitro* għandu jkun ristrett, kif xieraq, għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati.

(e) Il-klonu/i għandu/għandhom jinżamm(u) fil-fażijiet kollha tal-produzzjoni, f'kundizzjonijiet li jippermettu l-produzzjoni tal-PRM, u li jippermettu l-identifikazzjoni u l-verifika tagħhom tal-konformità mad-deskrizzjoni uffiċjali jew mad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà tagħhom. Fil-każ tal-klonu/i li ma jappartjenix/jappartjenux għal varjetà, dik il-verifika tal-konformità mad-deskrizzjoni uffiċjali jew mad-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment għandha tikkonċerna l-ispeċijiet li għalihom jappartjeni/u dawk il-klonu/i.

(f) Il-klonu(i) għandu/għandhom jiġi/u spezzjonat(i) fl-istadju/i ta' tkabbir rilevanti tagħhom, bil-frekwenza rilevanti u bil-metodi rilevanti kif xieraq għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati.

(g) Il-kampjun li għandu jittieħed minn lott għandu jkollu d-daqs minimu xieraq biex jiġi ddeterminat l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-kwalità għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet rispettivi. L-intensità, it-tagħmir u l-metodu tal-kampjunar għandhom ikunu xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

(h) L-ittestjar għandu jitwettaq f'konformità mal-metodi, mat-tagħmir u mal-materjal għat-tkabbir xierqa għall-ġeneri jew għall-ispeċijiet ikkonċernati, u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-kwalità jkunu ġew issodisfati.

2. Rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat prodott permezz tal-propagazzjoni *in vitro*

Il-materjal *in vitro* jew *in vivo* għandu jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin, skont il-karatteristiċi ta' kull ġeneru jew speċi u l-kategorija kkonċernata:

(a) jappartjeni għall-varjetà u, fil-każ tal-materjal li ma jappartjenix għal varjetà, jappartjeni għall-ispeċi indikata fuq it-tikketta billi:

(i) jiġu osservati l-karatteristiċi fenotipiċi tal-materjal *in vivo* msemmi fil-punt A.(a);

(ii) jiġu prodotti pjanti *in vivo* mill-materjal *in vitro* msemmi fil-punt A.(a) u billi jiġu osservati l-karatteristiċi fenotipiċi ta' dawk il-pjanti;

(iii) jiġu prodotti pjanti *in vivo* mill-klonu/i imsemmi(ja) fil-punt B.(a) u billi jiġu osservati l-karatteristiċi fenotipiċi ta' dawk il-pjanti; u

(iv) fejn xieraq, billi ssir analiżi molekulari tal-materjal *in vitro* msemmi fil-punt A.(a) u/jew il-klonu/i msemmi(ja) fil-punt B.(a);

(b) jkollu s-saħħa minima, qisien definiti, u, fejn applikabbli, klassifikazzjoni speċifika sabiex ikunu żgurati l-adegwatezza tal-materjal u omoġeneità suffiċjenti tal-lott għat-tħawwil;

(c) ikun prattikament ħieles minn difetti u ħsarat speċifiċi.

Anness III

REKWIŻITI GĦALL-PRODUZZJONI UGĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAŻ-ŻERRIEGĦA U TAL-MATERJAL STANDARD KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 8

PARTI A

REKWIŻITI GĦALL-PRODUZZJONI U GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAŻ-ŻERRIEGĦA STANDARD TAL-ISPEĊIJIET AGRIKOLI U VEĠETALI

1. Rekwiżiti ġenerali għall-produzzjoni taż-żerriegħa standard

A. Iż-żrigħ jew it-tħawwil:

(a) Il-varjetà taż-żerriegħa miżrugħa, inkluż fejn applikabbli, il-pjanti omm, għandha tiġi ddeterminata biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħha. It-tikketta tal-materjal, jew ir-rekords dwar il-pjanta omm, għandhom jinżammu tal-anqas għal sentejn.

(b) Il-kultivazzjoni preċedenti tal-għalqa ma għandhiex tkun inkompatibbli mal-produzzjoni taż-żerriegħa tal-ispeċi u tal-varjetà tal-għalla, u l-għalqa għandha tkun ħielsa biżżejjed minn pjanti bħal dawn, li jaf ikunu baqgħu minn kultivazzjoni preċedenti (voluntiera).

(c) Il-pjanti omm jew iż-żerriegħa għandha titħawwel u/jew tinżera' b'tali mod li jkun hemm:

(i) distanza biżżejjed mis-sorsi tat-trab tad-dakra tal-istess speċijiet u/jew tal-varjetajiet differenti, f'konformità mar-regoli tal-iżolament determinati abbażi tal-karatteristiċi botaniċi għal kull speċi u t-tekniki tat-tnissil, sabiex tkun żgurata l-protezzjoni minn xi dakkir barrani mhux mixtieq u jkun evitat id-dakkir inkroċjat ma' għelejjel oħra, fejn applikabbli; u

(ii) sors u livell xierqa ta' dakkir sabiex tiġi żgurata r-riproduzzjoni sussegwenti, fejn applikabbli.

(d) Il-kwalità tal-ħamrija, is-sottostrati, il-pjanti omm u l-ambjent immedjat għandhom jiġu spezzjonati sabiex tiġi evitata l-preżenza tal-pesti jew tal-vetturi tagħhom, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031.

(e) Għandha tingħata attenzjoni xierqa lill-magni u lil kwalunkwe tagħmir li jintuża sabiex ikun żgurat li ma jkunx hemm ħaxix ħażin jew speċijiet oħra li ma jkunx faċli ssir distinzjoni bejniethom fit-testijiet tal-laboratorju.

(f) Fejn xieraq, il-produzzjoni taż-żrieragħ għandha ssir separatament mill-kultivazzjoni taż-żrieragħ li jappartjenu għall-istess ġeneri jew speċijiet maħsuba għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf, biex tiġi żgurata s-saħħa tal-materjal ikkonċernat.

(g) Fejn applikabbli, tista' tintuża wkoll il-propagazzjoni *in vitro* għar-riproduzzjoni taż-żrieragħ.

B. Produzzjoni tal-għelieqi:

(a) Għandu jiġi żgurat li fl-għelieqi ma jkunx hemm pjanti barra t-tip. Meta dan ma jkunx possibbli minħabba l-karatteristiċi tal-ispeċijiet ikkonċernati, dawn għandhom ikunu preżenti sal-anqas livell possibbli.

Fil-każ tal-preżenza tal-pjanti barra t-tip jew ta' speċijiet ta' pjanti oħrajn, jew ta' varjetajiet, matul l-istadju tal-kultivazzjoni, jew matul l-ipproċessar taż-żerriegħa, għandu jiġi applikat trattament u/jew għandha tiġi applikata eliminazzjoni xierqa biex jiġu żgurati l-identità u l-purità varjetali taż-żerriegħa, u biex tiġi evitata l-preżenza ta' kwalunkwe speċi mhux mixtieqa.

(b) Il-pjanti għandhom jiġu ttrattati jew eskluži bħala sors tal-PRM f'każ ta' riżultati pożittivi tat-testijiet jew ta' sintomi viżivi tal-pesti, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 jew f'każ ta' difetti.

(c) Il-PRM, inkluż, fejn applikabbli, il-pjanti omm, għandu jinżamm b'tali mod li tkun żgurata l-identità tal-varjetà. Dik is-selezzjoni konservattiva għandha tkun ibbażata fuq id-deskrizzjoni uffiċjali jew fuq id-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetà.

(d) Il-pjanti omm għandhom***, meta applikabbli,*** jinżammu fil-fażijiet kollha tal-produzzjoni, f'kundizzjonijiet li jippermettu l-produzzjoni taż-żrieragħ, u li jippermettu l-identifikazzjoni u l-verifika tagħhom tal-konformità mad-deskrizzjoni uffiċjali tal-varjetà tagħhom. **[Em. 279]**

(e) L-għelejjel kollha fl-għalqa għandhom jiġu spezzjonati fl-istadju/i ta' tkabbir rilevanti tagħhom, bil-frekwenza rilevanti u bil-metodi rilevanti, kif xieraq, għall-ispeċijiet ikkonċernati biex jiġu vverifikati r-rekwiżiti rispettivi. Il-metodi għall-ispezzjonijiet għandhom ikunu b'tali mod li jiżguraw l-affidabbiltà tal-osservazzjonijiet. Jekk ma jkunx possibbli li jitneħħew jew jiġu sseparati l-pjanti mhux konformi matul il-faži tat-tkabbir, l-għalqa kollha għandha titwarrab għall-produzzjoni taż-żrieragħ, sakemm iż-żrieragħ mhux mixtieqa ma jkunux jistgħu jiġu sseparati mekkanikament fi stadju aktar tard.

C. ~~Ħsad~~ u wara l-ħsad:

(a) Iż-żerriegħa għandha tinħasad sfuża jew bħala pjanti individwali, kif xieraq, biex jiġu żgurati l-identità, il-purità u t-traċċabbiltà tagħha.

(b) Għandu jittieħed kampjun taż-żerriegħa minn kull lott u għandu jiġi ttestjat f'laboratorju biex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' kwalità għall-ispeċi rispettiva, inkluża l-ġerminazzjoni. L-ittestjar għandu jinkludi, fejn xieraq, l-ittestjar mill-ġdid tar-rata tal-ġerminazzjoni wara ċertu perjodu xieraq għall-ispeċi kkonċernata.

(c) Il-lottijiet taż-żrieragħ għandhom ikunu soġġetti għal ittestjar uffiċjali ta' wara l-kontroll ibbażat fuq ir-riskju biex tiġi vverifikata l-konformità ma':

(i) l-identità varjetali tagħhom;

(ii) l-istandards tal-purità varjetali minima;

(iii) il-kapaċità ta' ġerminazzjoni tagħhom; u

(iv) ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-pjanti.

Il-kampjuni li jintużaw għat-testijiet uffiċjali ta' wara l-kontroll għandhom jittieħdu uffiċjalment.

Jistgħu jintużaw metodi bijomolekulari xierqa.

2. Rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa standard

Iż-żerriegħa għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' kwalità kollha li ġejjin, skont il-karatteristiċi ta' kull ġeneru jew speċi:

(a) għandu jkollha ġerminazzjoni minima, sabiex wara ż-żrigħ ikun hemm għadd xieraq ta' pjanti f'kull metru kwadru, u għaldaqstant sabiex ikunu żgurati r-rendiment u l-kwalità tal-produzzjoni;

(b) għandu jkollha l-kontenut massimu ta' żerriegħa iebsa, sabiex ikun hemm għadd xieraq ta' pjanti f'kull metru kwadru;

(c) għandu jkollha l-purità minima sabiex ikun żgurat l-ogħla livell ta' identità varjetali;

(d) għandu jkollha l-kontenut massimu ta' ndewwa, sabiex tkun żgurata l-preservazzjoni tal-materjal waqt l-ipproċessar, il-ħażna u t-tqegħid fis-suq;

(e) għandu jkollha l-aktar kontenut massimu taż-żrieragħ ta' ġeneri jew speċijiet oħra, biex tiġi żgurata l-aktar preżenza baxxa ta' pjanti mhux mixtieqa fil-lott;

(f) għandu jkollha s-saħħa minima, dimensjoni definita, u klassifikazzjoni speċifika sabiex ikunu żgurati l-adegwatezza tal-materjal u omoġeneità suffiċjenti tal-lott għaż-żrigħ jew għat-tħawwil;

(g) għandu jkollha preżenza massima ta' materja mill-ħamrija jew ta' materja barranija, sabiex jiġu evitati l-prattiċi frodulenti u l-impuritajiet tekniċi; u

(h) għandha tkun ħielsa minn difetti u minn ħsarat speċifiċi sabiex ikunu żgurati l-kwalità u s-saħħa tal-materjal.

PARTI B

REKWIŻITI GĦALL-PRODUZZJONI U GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-MATERJAL STANDARD TA' SPEĊIJIET AGRIKOLI U VEĠETALI***, PJANTI TAL-FROTT U DWIELI*** **[Em. 280]**

~~Bl-eċċezzjoni tal-punt (b)(i) tagħha, i~~**I**l-Parti ~~B~~***A*** tal-Anness ***III*** għandha tapplika kif xieraq għall-produzzjoni u ~~għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal~~ ***l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal*** standard***, inkluż għal varjetajiet ta' konservazzjoni mqiegħda fis-suq f'konformità mal-Artikolu 26***. **[Em. 281]**

Is-salvaġġ tad-dwieli ma jistax jiġi kkummerċjalizzat bħala materjal standard. **[Em. 282]**

PARTI C

REKWIŻITI ~~GĦAR-REĠISTRAZZJONI,~~ GĦALL-PRODUZZJONI U GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI ~~TAL-KLONI MAGĦŻULA, TAT-TAĦLITIET MULTIKLONALI U~~ TAL-PRM POLIKLONALI ~~TAL-MATERJAL STANDARD~~ KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 9(1) **[Em. 283]**

1. ~~Is-salvaġġ tad-dwieli ma jistax jiġi kkummerċjalizzat bħala materjal standard.~~***Thawwil***

L-Anness II, il-Parti C, il-punt 1, għandu japplika kif xieraq għat-tħawwil tal-PRM poliklonali. **[Em. 284]**

2. ~~Il-Parti C tal-Anness II għandha tapplika kif xieraq għar-reġistrazzjoni, għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-kloni magħżula, tat-taħlitiet multiklonali u tal-PRM poliklonali tal-materjal standard.~~***Kultivazzjoni f'għalqa:***

   (a) Matul l-istadji kollha tal-kultivazzjoni, il-materjal tal-propagazzjoni u tat-tħawwil għandu jinżamm separat minn xulxin.

